		regolament 3(ii)	"Lm10 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "id-dritt ta' kull sena") li għandhom jitħallsu"	"tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "id-dritt ta' kull sena") li għandhom jitħallsu"

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
19.	**Regolamenti dwar l-Allokazzjoni tal-Minuri L.S.16.01**	regolament 7(2)	"jew multa ta' mhux iżjed minn mitt lira"	"jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)"
20.	**Ordni dwar il-Prezz li għandu jitħallas għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti għal Oqbra L.S.17.02**	artikolu 2	"għandu ikun ta' ħamsa u għoxrin lira"	"għandu ikun ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23)"
		artikolu 3	"fiċ-Ċimiteru ta' l-Addolorata Lm1500	"fiċ-Ċimiteru ta' l-Addolorata **€3,494.06**
			fiċ-Ċimiteru ta' Santa Marija f'Għawdex:	fiċ-Ċimiteru ta' Santa Marija f'Għawdex:
			(a) għal qabar b'żewġ taqsimiet mibni Lm230	(a) għal qabar b'żewġ taqsimiet mibni €535.76
			(b) għal qabar bitliet taqsimiet mibni Lm280	(b) għal qabar bitliet taqsimiet mibni €652.22
			fiċ-Ċimiteru Ta' Braxia f'Malta:	fiċ-Ċimiteru Ta' Braxia f'Malta:
			għall-akkwist ta' oqbra Lm350	għall-akkwist ta' oqbra €815.28
			fiċ-Ċimiteru tal-Mellieħa f'Malta:	fiċ-Ċimiteru tal-Mellieħa f'Malta:
			għall-akkwist ta' oqbra ..... Lm725"	għall-akkwist ta' oqbra ..... €1,688.80"
		artikolu 4	"għandu jkun ta' Lm725"	"għandu jkun ta' €1,688.80"
		artikolu 5	"għandu jkun ta' Lm1,000"	"għandu jkun ta' €2,329.37"
21.	**Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Eżami ta' Oġġetti ta' l-Arti u ta' Antikità) L.S.35.03**	proviso tar-regolament 2	"ma għandu jkun qatt anqas minn lira"	"ma għandu jkun qatt anqas żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33) "

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
22.	**Regolamenti dwar id-Drittijiet għaċ-Ċensura tal-Pellikoli taċ-Ċinematografu L.S.35.04**	regolament 2(1)	"(a) żewġ liri għal kull *trailer* ta' pellikola;	"(a) erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) għal kull *trailer* ta' pellikola;
			(b) għoxrin lira għal kull pellikola"	(b) sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) għal kull pellikola"
		proviso tar-regolament 2(2)	"dritt addizzjonali ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmu"	"dritt addizzjonali ta' tmienja u ħamsin ċenteżmu (0.58)"
23.	**Regolamenti dwar id-Drittijiet għaċ-Ċensura ta' Produzzjonijiet Drammatiċi u ta' Produzzjonijiet oħra tal-Palk L.S.35.05**	proviso tar-regolament 2(2)	"il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jiġbor dritt ieħor ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmu"	"il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jiġbor dritt ieħor ta' tmienja u ħamsin ċenteżmu (0.58)"
24.	**Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Karti ta' l-Għaddasa L.S.35.08**	regolament 2	"dritt ta' lira"	"dritt ta'żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33)"
		regolament 3	"taxxa tal-boll ta' seba' ċenteżmi u ħames milleżmi"	"taxxa fuq id-dokumenti ta' sbatax-il ċenteżmu (0.17)"
25.	**Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Piżaturi tad-Dwana L.S.35.09**	proviso tar-regolament 2	"ma għandu f'ebda każ ikun anqas minn lira"	"ma għandu f'ebda każ ikun anqas minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33)"
26.	**Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur meta jinżammu mid-Dipartiment tad-Dwana L.S.35.12**	regolament 2	"dritt ta' ħamsin ċenteżmu għal kull ġurnata"	"dritt ta' euro u sittax-il ċenteżmu (1.16) għal kull ġurnata"
		l-ewwel proviso tar-regolament 2	"lira għal kull vettura għal kull ġurnata"	"żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33) għal kull vettura għal kull ġurnata"

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
27.	**Regolamenti dwar Drittijiet imħallsin f'Ċentri tal-Bejgħ ta' Prodotti tal-Biedja L.S.35.13**	regolament 2(1)	"(a) minn xerrejja, dritt ta' ċenteżmu għal kull Lm3 bejgħ li jidhru fuq kull kont ta' bejgħ;	"(a) minn xerrejja, dritt ta' żewġ ċenteżmi (0.02) għal kull sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99) bejgħ li jidhru fuq kull kont ta' bejgħ;
			(b) mill-pitkali jew mill-għaqdiet ko-operattivi li jaġixxu ta' pitkali, dritt ta' ċenteżmu għal kull Lm3 fuq kull kont relattiv għall-bejgħ li jsir permezz ta' dak il-pitkal jew ta' dik il-kooperattiva;	(b) mill-pitkali jew mill-għaqdiet koperattivi li jaġixxu ta' pitkali, dritt ta' żewġ ċenteżmi (0.02)għal kull sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)fuq kull kont relattiv għall-bejgħ li jsir permezz ta' dak il-pitkal jew ta' dik il-kooperattiva;
			(ċ) mill-bdiewa, dritt ta' ċenteżmu għal kull Lm3 bejgħ li jidhru fuq kull kont tal-bdiewa."	(ċ) mill-bdiewa, dritt ta' żewġ ċenteżmi (0.02) għal kull sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99) bejgħ li jidhru fuq kull kont tal-bdiewa."
		regolament 2(2)	"l-inqas dritt għandu jkun ta' ċenteżmu"	"l-inqas dritt għandu jkun ta' żewġ ċenteżmi (0.02)"
28.	**Regolamenti dwar Drittijiet ta' l-Isptar li jitħallsu minn Pazjenti Barranin L.S.35.14**	regolament 3(1)	"ikun ta' Lm85 kull jum, filwaqt li rikoveru f'taqsima li tagħti kura intensiva, id-dritt li jintalab ikun ta' Lm300 kull jum u f'taqsima li tagħti kura *high dependency*, id-dritt li jintalab ikun ta' Lm150 kull jum"	"ikun ta' mija u tmienja u disgħin euro (198.00) kull jum, filwaqt li rikoveru f'taqsima li tagħti kura intensiva, id-dritt li jintalab ikun ta' sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) kull jum u f'taqsima li tagħti kura *high dependency*, id-dritt li jintalab ikun ta' tliet mija u disgħa u erbgħin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (349.41) kull jum"

LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
	regolament 3(3)	"(a) għal operazzjoni minuri li ssir b'anestesija lokali Lm85	"(a) għal operazzjoni minuri li ssir b'anestesija lokali ..... mija u tmienja u disgħin euro (198.00)
		(b) għal operazzjoni minuri li ssir b'anestesija ġenerali Lm165	(b) għal operazzjoni minuri li ssir b'anestesija ġenerali ..... tliet mija u erbgħa u tmenin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (384.35)
		(ċ) għal operazzjoni intermedja Lm350	(ċ) għal operazzjoni intermedja ..... tmien mija u ħmistax - il euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (815.28).
		(d) għal operazzjoni maġġuri Lm750	(d) għal operazzjoni maġġuri ..... elf seba' mija u sebgħa u erbgħin euro u tliet ċenteżmi (1,747.03)
		(e) għal kirurġija speċjalizzata, jiġifieri operazzjonijiet maġġuri newrokirurġiċi, trapjanti ta' organi minbarra l-ġilda u l-kornea, kirurġija *open heart*, kirurġija vaskolari maġġuri, u kirurġija plastika maġġuri ..... Lm2,250:"	(e) għal kirurġija speċjalizzata, jiġifieri operazzjonijiet maġġuri newrokirurġiċi, trapjanti ta' organi minbarra l-ġilda u l-kornea, kirurġija *open heart*, kirurġija vaskolari maġġuri, u kirurġija plastika maġġuri ..... ħamest elef mitejn u wieħed u erbgħin euro u disa' ċenteżmi (5,241.09)"
	regolament 3(4)	"(a) *CT Scan* Lm150	"(a) *CT Scan* €349.41
		(b) *Gamma Scan* Lm200	(b) *Gamma Scan* €465.87
		(ċ) anġjografija kardijaka Lm300	(ċ) anġjografija kardijaka €698.81
		(d) arterjografija periferali Lm150	(d) arterjografija periferali €349.41
		(e) *MRI* Lm300	(e) *MRI* €698.81
		(f) għal anġjoplastija karijaka Lm1,200	(f) għal anġjoplastija karijaka €2,795.25

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
			(g) għal kull *stent* Lm400	(g) għal kull *stent* €931.75
			(h) għal *pacemaker* u *leads* normali Lm1,400	(h) għal *pacemaker* u *leads* normali €3,261.12
			(d) għal *dual chamber pacemaker* (mingħajr ebda *lead*) ..... Lm3,000"	(i) għal *dual chamber pacemaker* (mingħajr ebda *lead*) ..... €6,988.12"
		regolament 3(5)(a)(i)	"għall-kura u l-fejqan ta' pazjenti residenti jew ta' rikoverati, Lm12 kull jum għall-ewwel mitt jum u Lm5 kull jum wara dak iż-żmien"	"għall-kura u l-fejqan ta' pazjenti residenti jew ta' rikoverati, sebgħa u għoxrin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (27.95)kull jum għall-ewwel mitt jum u ħdax -il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) kull jum wara dak iż-żmien"
29.	**Regolamenti dwar Drittijiet għal Ċertifikati rigward il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ fi Speċi Mhedda ta' Fawna u Flora Selvaġġ L.S.35.20**	regolament 3(1)	"Għandu jitħallas dritt ta' ħames liri (Lm5)"	"Għandu jitħallas dritt ta'ħdax -il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65)"
30.	**Regolamenti dwar ir-Rifużjoni ta' Depożiti L.S.35.21**	regolament 2	"dritt ta' żewġ liri dwar kull depożitu"	"dritt ta' erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) dwar kull depożitu"
31.	**Regolamenti dwar Servizzi Mediċi mogħtija mit-Taqsima tas-Saħħa Okkupazzjonali L.S.35.25**	regolament 2	"Lm	"€
			(a) Eżami Kliniku Bażiku, inkluż eżami fiżiku u analiżi ta' l-urina 5	(a) Eżami Kliniku Bażiku, inkluż eżami fiżiku u analiżi ta' l-urina 11.65
			(b)Investigazzjonijiet:	(b)Investigazzjonijiet:
			X-Ray tas-sider 10	*X-Ray* tas-sider 23.29
			Elettrokardjo-gramma (ECG) 2	Elettrokardjo-gramma (ECG) 4.66

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
			Testijiet Funzjonali tal-Pulmun (PFT) 5	Testijiet Funzjonali tal-Pulmun (PFT) 11.65
			Audjogramma 2	Audjogramma 4.66
			Seroloġija Brucella 1	Seroloġija Brucella 2.33
			Stool Cutture 5	*Stool Cutture* 11.65
			(ċ) Għal investigazzjonijiet speċifiċi li jsiru:	(ċ) Għal investigazzjonijiet speċifiċi li jsiru:
			Hepatitis B surface antigen (Seroloġija HBsAg) 5	*Hepatitis B surface antigen* (Seroloġija HBsAg) 11.65
			Hepatitis A - Seroloġija 10	*Hepatitis A* - Seroloġija 23.29
			Laboratorju ta' Riċerka fuq Mard Venerju 3	Laboratorju ta' Riċerka fuq Mard Venerju 6.99
			Comptete Blood Count (CBC) 5	*Comptete Blood Count* (CBC) ... 11.65
			Comptete Blood Count b'għadd differenzjali 10	*Comptete Blood Count* b'għadd differenzjali 23.29
			Urea (demm) 2	Urea (demm) 4.66
			Elettroliti (demm) ... 4	Elettroliti (demm) 9.32
			Kreatinina (demm) 2	Kreatinina (demm) 4.66
			Testijiet Funzjonali tal-Fwied (LFT) ..... 11"	Testijiet Funzjonali tal-Fwied (LFT) ..... 25.62"
32.	**Regolamenti dwar il-Prezzijiet għad-Demm u Prodotti tad-Demm għall-Kliniċi Privati L.S.35.26**	regolament 2	"(a) *Red Blood Cell concentrate* Lm38	"(a) *Red Blood Cell concentrate* €88.52
			(b) *Single Donor Platelets* Lm91	(b) *Single Donor Platelets* €211.97
			(ċ) *Fresh frozen plasma* Lm29	(ċ) *Fresh frozen plasma* €67.55
			(d) *Pooled Platelets* ..... Lm42"	(d) *Pooled Platelets* ..... €97.83"

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
33.	**Regolamenti dwar Drittijiet għal Kura tas-Saħħa L.S.35.28**	regolament 3(1)	"(a) għal sodda f'*ward* ġenerali ..... Lm110 kuljum	"(a) għal sodda f'*ward* ġenerali ..... mitejn u sitta u €256.23 kuljum
			(b) għal sodda *high dependency* ..... Lm210 kuljum	(b) għal sodda *high dependency* ..... €489.17 kuljum
			(ċ) għal sodda fil-kura intensiva ..... Lm400 kuljum"	(ċ) għal sodda fil-kura intensiva ..... €931.75 kuljum"
		regolament 3(2)	"(a) għal operazzjoni minuri li ssir b'anestesija lokali Lm110	"(a) għal operazzjoni minuri li ssir b'anestesija lokali €256.23
			(b) għal operazzjoni minuri li ssir b'anestesija ġenerali Lm200	(b) għal operazzjoni minuri li ssir b'anestesija ġenerali €465.87
			(ċ) għal operazzjoni intermedja Lm450	(ċ) għal operazzjoni intermedja €1,048.22
			(d) għal operazzjoni maġġuri Lm1000	(d) għal operazzjoni maġġuri €2,329.37
			(e) għal kirurġija speċjalizzata, jiġifieri operazzjonijiet maġġuri newrokirurġiċi, trapjanti ta' organi minbarra l-ġilda u l-kornea, kirurġija *open heart*, kirurġija vaskolari magguri, u kirurġija plastika maġġuri .... Lm2750"	(e) għal kirurġija speċjalizzata, jiġifieri operazzjonijiet maġġuri newrokirurġiċi, trapjanti ta' organi minbarra l-ġilda u l-kornea, kirurġija *open heart*, kirurġija vaskolari magguri, u kirurġija plastika maġġuri ... €6,405.78"
		regolament 3(3)	"(a) *CT Scan* Lm200	"(a) *CT Scan* €465.87
			(b) *Gamma Scan* Lm250	(b) *Gamma Scan* €582.34
			(ċ) anġjografija kardijaka Lm350	(ċ) anġjografija kardijaka €815.28
			(d) arterjografija periferali Lm170	(d) arterjografija periferali €395.99
			(e) *MRI* Lm300	(e) *MRI* €698.81
			(f) anġjoplastija kardijaka Lm1500	(f) anġjoplastija kardijaka ... €3,494.06
			(g) kull *stent* .. Lm675	(g) kull *stent* €1,572.33
			(h) *pacemaker* u *leads* normali Lm1500	(h) *pacemaker* u *leads* normali €3,494.06

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
			(i) għal *dual chamber pacemaker* (mingħajr ebda *lead*) .... Lm3300"	(i) għal *dual chamber pacemaker* (mingħajr ebda *lead*) .... €7,686.93"
		regolament 3(4)	"(a) attendenza f'ċentru tas-saħħa Lm10	"(a) attendenza f'ċentru tas-saħħa €23.29
			(b) attendenza fl-*outpatient* fi sptar Lm15	(b) attendenza fl-*outpatient* fi sptar €34.94
			(ċ) attendenza fid-dipartiment ta' l-emerġenza Lm20	(ċ) attendenza fid-dipartiment ta' l-emerġenza €46.59
			(d) sessjoni ta' kimoterapija Lm60	(d) sessjoni ta' kimoterapija €139.76
			(e) attendenza f'*day care* Lm75	(e) attendenza f'*day care* €174.70
			(f) sessjoni ta' dijaliżi renali Lm105	(f) sessjoni ta' dijaliżi renali €244.58
			(g) sessjoni ta' radjoterapija ..... Lm105"	(g) sessjoni ta' radjoterapija ..... €244.58"
34.	**Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Mapep tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali L.S.35.30**	regolament 2	''(b) għal kull mappa żejda li tkun mitluba mill-Kunsill Lokali ..... Lm 17	''(b) għal kull mappa żejda li tkun mitluba mill-Kunsill Lokali €39.60
			(ċ) għal kull mappa mitluba minn xi Dipartiment tal-Gvern jew xi entità tal-Gvern ..... Lm 43	(ċ) għal kull mappa mitluba minn xi Dipartiment tal-Gvern jew xi entità tal-Gvern €100.16
			(d) għal kull mappa mitluba minn kull entità privata oħra ..... Lm 86''	(d) għal kull mappa mitluba minn kull entità privata oħra .....€200.33''
35.	**Regolamenti tas-Saħħa għall-Ajruplani L.S.36.16**	*Dawn ir-Regolamenti ġew ippublikati bl-ilsien Ingliż biss.*		

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
36.	**Regolamenti dwar il-Prevenzjoni tal-Mard fost l-Annimali L.S.36.20**	regolament 22(2)	"jkun minn għaxar ċenteżmi sa ħamsa w tletin ċenteżmu kull jum għal kull annimal"	"jkun minn tlieta u għoxrin ċenteżmu (0.23) sa tnejn u tmenin ċenteżmu (0.82) kull jum għal kull annimal"
37.	**Regolamenti dwar il-Kontroll ta' *Swill* L.S.36.37**	regolament 9(a)	"multa ta' mhux inqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira"	"multa ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)"
		regolament 9(b)	"multa ta' mhux inqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira"	"multa ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)"
		regolament 9(ċ)	"multa ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin lira iżda mhux iżjed minn elf lira"	"multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)"
38.	**Regolamenti dwar il-Kontroll tat-Tined u l-Arei tad-Dwana L.S.37.04**	regolament 2(2)	"hija suġġetta għal piena ta' ħames liri"	"hija suġġetta għal piena ta' ħdax -il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65)"
		regolament 5	"għal multa ta' ħames liri għal kull darba li jikser ir-regolamenti"	"għal multa ta' ħdax -il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull darba li jikser ir-regolamenti"

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
39.	**Regolamenti tad-Dwana L.S.37.05**	regolament 22(4)	"multa ta' mhux iżjed minn tmien mitt lira"	"multa ta' mhux iżjed minn elf tmien mija u tlieta u sittin euro u ħamsin ċenteżmu (1,863.50)"
		proviso tar-regolament 24	"li l-valur tagħhom ma jkunx iżjed minn mitt lira"	"li l-valur tagħhom ma jkunx iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)"
		regolament 39(2)	"(a) drittijiet għas-sorveljar ta' *containers*, *trailers* u vetturi tal-mutur:	"(a) drittijiet għas-sorveljar ta' *containers*, *trailers* u vetturi tal-mutur:
			(i) importati għal użu f'Malta:	(i) importati għal użu f'Malta:
			għall-ewwel sebat ijiem: Lm1.25,0 kull *unit* kull jum jew parti minnu;	għall-ewwel sebat ijiem: €2.91 kull *unit* kull jum jew parti minnu;
			għal kull perijodu wara l-ewwel sebat ijiem: Lm1.50,0 kull *unit* kull jum jew parti minnu;	għal kull perijodu wara l-ewwel sebat ijiem: €3.49 kull *unit* kull jum jew parti minnu;
			(ii) għat-*transhipment* biss:	(ii) għat-*transhipment* biss:
			għall-ewwel perijodu ta' tletin jum: Lm0.20,0 kull *unit* kull jum jew parti minnu;	għall-ewwel perijodu ta' tletin jum: €0.47 kull *unit* kull jum jew parti minnu;
			għat-tieni perijodu ta' tletin jum: Lm0.32,0 kull *unit* kull jum jew parti minnu;	għat-tieni perijodu ta' tletin jum: €0.75 kull *unit* kull jum jew parti minnu;
			għat-tielet perijodu ta' tletin jum: Lm0.45,0 kull *unit* kull jum jew parti minnu;	għat-tielet perijodu ta' tletin jum: €1.05 kull *unit* kull jum jew parti minnu;
			għal kull perijodu wara l-perijodi fuq imsemmija: Lml.50,0 kull *unit* kull jum jew parti minnu;	għal kull perijodu wara l-perijodi fuq imsemmija: €3.49 kull *unit* kull jum jew parti minnu;
			(b) drittijiet għas-sorveljar ta' oġġetti oħra:	(b) drittijiet għas-sorveljar ta' oġġetti oħra:

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
			għall-ewwel sebat ijiem: Lm2.50,0 kull 25 metru kubu jew parti minnu kull jum jew parti minnu;	għall-ewwel sebat ijiem: €5.82 kull 25 metru kubu jew parti minnu kull jum jew parti minnu;
			għal kull perijodu wara l-ewwel sebat ijiem: Lm3.00,0 kull 25 metru kubu jew parti minnu kull jum jew parti minnu."	għal kull perijodu wara l-ewwel sebat ijiem: €6.99 kull 25 metru kubu jew parti minnu kull jum jew parti minnu."
		il-paragrafu (ii) tal-proviso tar-regolament 43(1)	"jitħallas ukoll dritt addizzjonali ta' tliet liri, iżda, meta s-servizz ma jingħatax għal kollox bejn is-sigħat imsemmija, il-ħlas addizzjonali ta' tliet liri għandu biss jingħabar"	"jitħallas ukoll dritt addizzjonali ta' sitt liri u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99), iżda, meta s-servizz ma jingħatax għal kollox bejn is-sigħat imsemmija, il-ħlas addizzjonali ta' sitt liri u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99) għandu biss jingħabar"
		it-tieni proviso tar-regolament 43(4)	"flimkien ma' ħlas addizzjonali ta' lira u ħamsin ċenteżmu, liema ħlas addizzjonali jitniżżel għal ħamsa u sebgħin ċenteżmu kull meta l-attendenza"	"flimkien ma' ħlas addizzjonali ta' tliet euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (3.49), liema ħlas addizzjonali jitniżżel għal euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (1.75) kull meta l-attendenza"
40.	**Regolamenti dwar Sigarretti Importati L.S.37.06**	regolament 4	"bil-prezz ta' sbatax il-ċenteżmu u ħames millezmi kull elf faxxa jew bolla"	"bil-prezz ta' 0.408 ta' euro kull elf faxxa jew bolla"
41.	**Regolamenti tad-Dwana dwar Prekawzjoni mill-Ħruq L.S.37.07**	regolament 4	"piena ta' mhux iżjed minn ħames liri"	"piena ta' mhux iżjed minn ħdax -il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65)"
42.	**Regolamenti tad-Dwana dwar Kontrolli fl-Ajruport L.S.37.10**	regolament 12	"multa ta' mhux iżjed minn mitejn lira"	"multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa tmenin ċenteżmu (465.87) "

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
43.	**Regolamenti dwar Drittijiet rigward Operaturi ta' *Groupage Bonds* f'Ħal Far L.S.37.12**	regolament 2(1)	"dritt ta' erbat elef lira fis-sena"	"dritt ta' disat elef tliet mija u sbatax-il euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (9,317.49)fis-sena"
44.	**Regolamenti dwar ix-Xorb Alkoholiku L.S.41.02**	regolament 3(3)	"għandhom jitħallsu ħames liri"	"għandhom jitħallsu ħdax -il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) "
		regolament 5	"u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira"	"u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) "
		regolament 6(3)	"u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn mitt lira"	"u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)"
		regolament 23	"u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira"	"u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69)"
45.	**Regolamenti dwar l-Eżami għal Piżaturi Pubbliċi L.S.42.01**	regolament 2(4)	"iħallas ħamsa w għoxrin ċenteżmu bħala ħlas ta' l-ammissjoni"	"iħallas tmienja u ħamsin ċenteżmu (0.58) bħala ħlas ta' l-ammissjoni"
46.	**Regolamenti dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera) L.S.46.01**	regolament 14(1)	"kemm-il darba huwa jiddepożita fl-uffiċċju tal-Konslu mitt lira"	"kemm-il darba huwa jiddepożita fl-uffiċċju tal-Konslu mitejn u tletin euro (230)"
		regolament 14(5)	"għandu jordna lill-Konslu jrodd lura d-depożitu ta' mitt lira"	"għandu jordna lill-Konslu jrodd lura d-depożitu ta' mitejn u tletin euro (230)"

	LIĠI	DISPOSIZZJONI	KELMA/FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
47.	**Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proċeduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet) L.S.49.06**	regolament 3(1)	"dak il-ħati jħallas is-somma ta' mitt lira"	"dak il-ħati jħallas is-somma ta' mitejn u tletin euro (230)"
		regolament 4(2)	"penali ta' ħames liri b'żieda mad-dritt dovut għat-tiġdid ta' dik il-liċenza"	"penali ta' ħdax -il euro u sittin ċenteżmu (11.60) b'żieda mad-dritt dovut għat-tiġdid ta' dik il-liċenza"
48.	**Avviż Legali 377 ta' l-2007**	regolament 2	"Il-prezz li għandu jitħallas għall-akkwist ta' qabar, inkluż is-sit, fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, Xewkija, Għawdex, għandu jkun ta' Lm1000 "	"Il-prezz li għandu jitħallas għall-akkwist ta' qabar, inkluż is-sit, fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, Xewkija, Għawdex, għandu jkun ta' **€2,329.37**"

SKEDA III

(Artikolu 4)

Emendi ta' l-Annessi, Tabelli, Formuli, eċċ., tal-Kapitoli tal-Liġijiet ta' Malta 1- 50

1. L-Iskedi A, B u Ċ tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) għandhom jiġu sostitwiti b'dawn l-Iskedi li ġejjin:

"SKEDA A

(Artikoli 380 (6), 429 (4) u 695)

DRITTIJIET LI JITĦALLSU LILL-PULIZIJA ESEKUTTIVA FIL KAWŻI MAGĦMULIN BI KWERELA PRIVATA

		Euro
1.	Għal kull notifka ta' ċitazzjoni lill-kwerelat	0.12
2.	Għal kull notifika ta' avviż lill-kwerelant	0.12
3.	Għal kull notifika ta' taħrika lix-xhud	0.12
4.	Għal kull notifika ta' taxxa	0.20
5.	Għal kull avviż li bih il-kawża terġa' tinġieb għas-smigħ	0.12
6.	Mad-drittijiet miġjubin hawn fuq, jiżdiedu bħala pedaġġ dawn li ġejjin:	
	Jekk il-persuna li għandha tkun innotifikata bl-att tkun toqgħod fil-post prinċipali tad-Distrett tal-Pulizija li toħroġ l-att	0.09
	Jekk f'kull post ieħor imma fil-limiti ta' dan id-distrett	0.17
	Jekk barra mil-limiti ta' dan id-Distrett jew fuq il-baħar ġewwa l-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta	0.35

SKEDA B

(Artikoli 380 (6), 429 (4) u 695)

DRITTIJIET LI JITĦALLSU FIR-REĠISTRU FIL-KAWŻI MAGĦMULIN BI KWERELA PRIVATA

		euro
1.	Għal kull digriet jew deċiżjoni	0.58
2.	Għall-preżentata ta' kull rikors jew nota	0.23

3.	Għal kopji - għal kull mitt kelma jew frazzjoni ta' mitt kelma	0.08
4.	Għal kull taxxa ta' l-ispejjeż	0.06

Fil-prattika, jitħallsu wkoll fil-Qorti Kriminali d-drittijiet li ġejjin:

1.	Għal kull digriet	0.49
2.	Għal kopji ta' atti, għal kull paġna ta' 100 kelma	0.07
3.	Għal taxxa ta' spejjeż, għal kull paġna tal-kont ta' l-ispejjeż ...	0.04
4.	Għal kull rikors jew nota	0.12
5.	Għal kull ċertifikat taħt l-art. 174 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta	0.35

*NOTA: Milli jidher, id-drittijiet miġjubin fin-Nri. 1 u 2 jittieħdu skond it-Tabella XII imsemmija fil-Proklama XXI tal-11 ta' Ottubru, 1825; id-dritt miġjub fin-Nru. 3 skond it-tlettax-il paragrafu tat-Tabella XIII imsemmija f'dik il-Proklama; id-dritt miġjub fin-Nru. 4 skond każ simili (Paragrafu Nru. 2) fl-Iskeda B.

SKEDA Ċ

(Artikoli 411 u 695)

DRITTIJIET LI JITĦALLSU LID-DIFENSURI QUDDIEM IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI - KOMPETENZA KRIMINALI

		euro
1.	Għall-kitba ta' kwerela ippreżentata lill-Pulizija sabiex jinbeda proċediment kriminali kontra persuna	0.47
2.	Għall-preżentata ta' kull rikors	0.47
3.	Assistenza professjonali:	
	F'kull kawża ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati - kompetenza kriminali, għal kull seduta .....minn	0.58
	sa	1.75
	Fil-kompilazzjonijiet, għal kull seduta ..... minn	0.58
	sa	1.40

NOTA: Għal kull attendenza f'aċċessi li jkollhom x'jaqsmu ma' akkużi, mad-drittijiet hawn fuq imsemmija jiżdied id-dritt ta' 58ċ

4. L-ispejjeż tal-vetturi jiġu intaxxati għalihom."

2. It-TariffiA, B, Ċ, D, E, G, J, K u L fl-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12.) għandhom jiġu sostitwiti bit-Tariffi rispettivi li ġejjin:

"TARIFFA A

Drittijiet li jitħallsu rigward is-smigħ tal-kawżi fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex, eskluża l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

1 (a) F'kawżi dwar separazzjoni personali, annullament, manteniment, filjazzjoni, paternità, sekwestru jew kustodja ta' minuri, li għandhom x'jaqsmu ma' l-istat ċivili ta' persuna, li għandhom x'jaqsmu ma' drittijiet tal-bniedem, jew li għandhom x'jaqsmu ma' l-elezzjonijiet ġenerali, u fil-kawżi possessorji u ta' jattanza jew li jirrigwardaw ħsara personali, talbiet għall-ħlas ta' pagi jew talbiet għal terminazzjoni inġusta ta' impieg, id-drittijiet kollha preskritti f'din it-Tariffa, bl-eċċezzjoni tat-tariffa msemmija fil-paragrafu 3, għandhom jitnaqqsu bi 50%:

Iżda fil-każ ta' kawżi dwar korrezzjoni jew tħassir ta' reġistrazzjoni abbażi ta' l-artikolu 253 tal-Kap. 16 .... €11.65

(b) L-istess ikun il-każ dwar l-esekuzzjoni ta' konvenju jew ta' wegħda ta' trasferiment kemm ta' ħwejjeġ mobbli kemm immobbli.

(ċ) Ebda dritt ma jitħallas għal kull att preżentat minn kuratur *ex officio* li jkun qed jaġixxi bħala ħekk, salv rimbors mill-attur fl-aħħar tal-proċeduri.

2 (1) Għall-preżentata ta' kull petizzjoni, rikors ġuramentat jew att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba biex tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, kif ukoll għall kull nota ta' l-eċċezzjonijiet, tweġiba jew xi att ieħor ta' proċedura b'risposta għalihom u li hu maħsub biex jikkontesta, totalment jew parzjalment, it-talba magħmula €116.47

Iżda d-dritt fuq imsemmi jinkludi il-preżentata ta' kull att ieħor tal-proċedura u servizzi tal-Qorti (inklużi, iżda mhux limitati għall-preżentata ta' mandati għall-eżami ta' xhieda, l-eżami nnifsu, drittijiet għar-reġistrazzjoni, traskrizzjonijiet u kopji, is-servizzi ta' assistenti ġudizzjarji, drittijiet sabiex jintbagħtu l-inkartamenti tal-kawżi, taxxi ta' l-ispejjeż u kopji tas-sentenza) li huma meħtieġa wara li tinbeda kawża permezz ta' dak l-att sa u inkluża s-sentenza finali, iżda mhux magħdudin id-drittijiet dovuti għan-notifika ta' l-atti u drittijiet dovuti lil periti jew esperti nominati mill-Qorti jew drittijiet li l-Qorti tista' tkun meħtieġa li tħallas lil terzi persuni.

(2) Għall-preżentata ta' kull petizzjoni, rikors ġuramentat jew xi att legali ieħor li bih tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' l-Appell u li titlob deċiżjoni minn Imħallef, kif ukoll għal kull nota ta' l-eċċezzjonijiet, tweġiba jew xi att ieħor tal-proċedura b'risposta għalihom u li hu maħsub biex jikkontesta, totalment jew parzjalment, l-appell €174.70

Iżda r-risposti ta' l-appell li ma jkunx fihom appelli inċidentali, jitħallas dritt ta' €69.88

Iżda ebda dritt ma għandu jiġi intaxxat taħt dan il-paragrafu għal xi appell ippreżentat skond xi liġi oħra li diġà tipprovdi għad-dritt li għandu jitħallas għal appell bħal dak:

Iżda wkoll id-drittijiet fuq imsemmija għandhom jinkludu l-preżentata ta' l-atti l-oħra kollha tal-proċedura u servizzi tal-Qorti (inklużi, iżda mhux limitati għall-preżentata ta' mandati għall-eżami ta' xhieda, l-eżami nnifsu, drittijiet għar-reġistrazzjoni, traskrizzjonijiet u kopji, is-servizzi ta' assistenti ġudizzjarji, sabiex jintbagħtu l-inkartamenti tal-kawżi, taxxi ta' l-ispejjeż u kopji tas-sentenza) li huma meħtieġa wara li jinbeda l-appell permezz ta' dak l-att sa u inkluża s-sentenza finali, iżda mhux magħdudin id-drittijiet dovuti għan-notifika ta' l-atti u drittijiet dovuti lil periti jew esperti nominati mill-Qorti jew drittijiet li l-Qorti tista' tkun meħtieġa li tħallas lil terzi persuni.

(3) Ma għandu jitħallas ebda dritt taħt dan il-paragrafu għall-preżentata ta' xi nota ta' ammissjoni ta' talba sakemm it-talba tkun ammessa kollha u mingħajr kondizzjoni qabel ma ssir xi kontestazzjoni dwarha.

3 (1) B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors, ċitazzjoni jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skond il-liġi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin:

(a) sa l-ewwel €6988.12, għal kull €100 jew parti minnha €8.15

(b) dwar kull valur ’il fuq minn €6,988.12 sa €11,646.87, għal kull €100 jew parti minnha €5.82

(ċ) dwar kull valur ’il fuq minn €11,646.87 sa €23,293.73, għal kull €100 jew parti minnha €5.24

(d) dwar kull valur ’il fuq minn €23,293.73 sa €116,468.67, għal kull €100 jew parti minnha €3.49

(e) dwar kull valur ’il fuq minn €.116,468.67 sa €232,937.34, għal kull €100 jew parti minnha €2.33

(f) dwar kull valur ’il fuq minn €232,937.34, għal kull €100 jew parti minnha €1.75

Iżda d-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafi (a) sa (f) ta’ dan il-paragrafu għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni, li tista’ tkun meħtieġa, u kull digriet li jingħata f’kawża sas-sentenza finali.

(2) (a) B’żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1, mal-preżentata ta’ xi nota ta’ l-eċċezzjonijiet, tweġiba jew xi att ieħor tal-proċedura preżentat bħala risposta għal talba u li jkun maħsub biex jikkontesta, kompletament jew parzjalment, talba magħmula f’Qorti ta’ Prima Istanza, għandhom jiġu intaxxati wkoll id-drittijiet imsemmija fis-subparagrafu (1) ta’ dan il-paragrafu, iżda dawn għandhom jitnaqqsu bi 50%

(b) s-somma li għandha titħallas skond is-subparagrafu (a) ta’ dan il-paragrafu tkun trid titħallas mhux aktar tard mill-ġurnata ta’ qabel smigħ ta’ l-ewwel seduta fil-kawża, u f’każ li l-ħlas ma jsirx dak l-att jitqies li ma sarx.

(ċ) Għall-komputazzjoni ta’ dan l-ammont, ir-Reġistratur għandu, flimkien ma’ l-att notifikat li għalih ikun qed isir l-att, jinforma lill-persuna l-ammont li għandu jitħallas u sa meta.

(d) Fil-każ ta’ proċedimenti sommarji speċjali jew proċedimenti fil-Qorti tal-Maġistrati jew proċedimenti oħra fejn l-att tal-proċedura jiġi preżentat fil-Qorti u mhux fir-reġistru, id-drittijiet għandhom jitħallsu mhux aktar tard mill-ġurnata ta’ qabel il-ġurnata tas-seduta wara li jiġi preżentat l-att u jekk ma jsirx dan il-ħlas, dak l-att tal-proċedura jitqies bħala li ma jkunx sar.

(e) Id-disposizzjonijiet tas-subparagrafu (ċ) m’għandhomx japplikaw għall-eventwalitajiet imsemmija fis-subparagrafu (d).

(3) Kull kontro-talba li jkun hemm f’att tal-proċedura msemmi fis-subparagrafi (1) jew (2) ta’ dan il-paragrafu tiġi meqjusa bħala talba ġdida, u d-drittjiet murija fis-subparagrafi (1) u (2) ta’ dan il-paragrafu għandhom jitħallsu fuq il-kontro-talba u r-risposta għaliha.

(4) F’kawżi dwar separazzjoni personali, annullament, manteniment, filjazzjoni, paternità, sekwestru jew kustodja ta’ minuri, li għandhom x’jaqsmu ma’ l-istat ċivili ta’ persuna, li għandhom x’jaqsmu ma’ drittijiet tal-bniedem, jew li għandhom x’jaqsmu ma’ l-elezzjonijiet ġenerali, f’kawżi possessorji u ta’ jattanza u f’kawżi li jirrigwardaw ħsara personali, talbiet għall-ħlas ta’ pagi jew talbiet għal terminazzjoni inġusta ta’ impieg, il-kawżi dwar l-esekuzzjoni ta’ konvenju jew ta’ wegħda ta’ trasferiment kemm ta’ ħwejjeġ mobbli kemm immobbli, kawżi ta’ spoll li fihom jiġi mitlub li jsiru xogħlijiet taħt is-superviżjoni tal-Qorti, d-drittijiet imsemmija f’dan il-paragrafu ma japplikawx iżda jitħallas dritt ta’ darba ta’ €116.47

Iżda wkoll fil-każ ta’ kawżi dwar korrezzjoni jew tħassir ta’ reġistrazzjoni abbażi ta’ l-artikolu 253 tal-Kap. 16 ..... €11.65

(5) Meta jsir appell id-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (1) ta’ dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu b’terz iżda l-ebda drittijiet ma għandhom jitħallsu skond is-subparagrafu (2) ta’ dan il-paragrafu.

(6) Ebda dritt ma jitħallas taħt dan il-paragrafu għal xi appell ippreżentat skond xi liġi oħra li diġà tipprovdi għad-dritt li għandu jitħallas għal appell bħal dak.

(7) F’każ ta’ appelli ppreżentati skond xi liġi oħra li għalihom ma jkunx hemm stabbilit dritt skond dik il-liġi, id-drittijiet stabbiliti f’dan il-paragrafu ma japplikawx iżda jitħallas dritt ta’ darba ta’..... €116.47

4 (1) Meta l-valur tat-talba ma jkunx ċert jew likwidu, u ma jistgħux jiġu intaxxati d-drittijiet skond il-paragrafu 3, il-valur tat-talba jiġi intaxxat skond ir-regoli li ġejjin:

(a) F'kawżi mibdija mill-Gvern jew minn Awtorità jew Korporazzjoni Pubblika fejn it-talba tkun għall-ħlas ta' penali li għandha kemm massimu kif ukoll minimum stabbiliti bil-liġi, il-valur li għandu jiġi intaxxat ikun il-massimu tal-penali stabbilita bil-liġi.

(b) F'kawżi li għandhom x'jaqsmu mad-diviżjoni ta' proprjetà, kemm *inter vivos* kif ukoll *causa mortis*, u indipendentement jekk id-diviżjoni nnifisha tiġix mitluba jew le, u f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mas-suċċessjoni, l-attur jista', flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti lista tal-proprjetà li tagħha tkun qed tintalab id-diviżjoni jew li tkun involuta fis-suċċessjoni, flimkien ma' dikjarazzjoni ffirmata u maħlufa minn perit f'każ ta' beni immobbli u minn stimatur kompetenti f'każ ta' beni mobbli, li jiċċertifikaw il-valur ta' dik il-proprjetà, u l-valur jiġi intaxxat skond l-ammont totali ta' dik l-istima:

Iżda f'ebda każ id-dritt intaxxat ma għandu jkun inqas minn €582.34

(ċ) F'kawżi dwar ħlasijiet ta' kull sena, assenjazzjonijiet u każijiet simili, id-dritt intaxxat għandu jkun .....

€582.34

(d) F'kawżi dwar il-gradwazzjoni ta' kredituri, proċeduri ta' falliment jew fil-konkorsi, l-attur għandu, flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti stima minn awditur ċertifikat ta' l-attiv u l-passiv li jiffurmaw il-qofol tat-talba, u l-valur li għandu jiġi intaxxat ikun l-ogħla ammont bejn l-attiv u l-passiv:

Iżda f'ebda każ id-dritt intaxxat ma għandu jkun inqas minn .....

€582.34

(e) F'kawżi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt ta' proprjetà jew fuq il-proprjetà kontra persuna oħra, huwa għandu jissottometti dikjarazzjoni maħlufa li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur:

Iżda f'ebda każ id-dritt intaxxat ma għandu jkun inqas minn €232.94.

(f) F'kawżi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt kontra xi persuna oħra, liema dritt wieħed għandu raġonevolment jassumi li jiġi segwit minn likwidazzjoni ta' l-ammont dovut, ukoll jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx ġiet mitluba fit-talba, l-attur għandu, flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti dikjarazzjoni maħlufa li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur:

Iżda f'ebda każ id-dritt intaxxat ma għandu jkun inqas minn €582.34

(2) Meta, minkejja r-regoli li hemm fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu, il-valur jibqa' mhux ċert jew mhux likwidu, id-dritt intaxxat għandu jkun mhux inqas minn €582.34

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skond il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skond il-minimu miżjuda erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87), salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ.

(4) Kawża li titlob in-nullità tal-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jew mandat eżekuttiv jew li titlob il-ħruġ ta' kontro-mandat għandha, indipendentement mill-att li jintuża biex tinbeda l-kawża, tiġi intaxxata bħallikieku kienet rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat.

5 (1) F'każijiet ta' transazzjoni jew ta' ċessjoni ta' kawża f'Qorti ta' Prima Istanza:

wara kontestazzjoni tat-talba iżda qabel l-ewwel smigħ tal-kawża, id-drittijiet kollha mħallsa skond il-paragrafu 3 jew 4 jiġu mnaqqsa bi 75%

wara l-ewwel smigħ tal-kawża iżda mhux aktar tard mit-tielet seduta, id-drittijiet kollha intaxxati skond il-paragrafu 3 jew 4 jiġu mnaqqsa bi 50%

wara t-tielet smigħ tal-kawża, iżda qabel ma l-kawża titħalla għas-sentenza, id-drittijiet kollha mħallsa skond il-paragrafi 3 u 4 jiġu mnaqqsa bi 25%

(2) F'każ ta' transazzjoni jew ta' ċessjoni ta' kawża f'Qorti ta' l-Appell, it-tnaqqis stabbilit fis-subparagrafu ta' qabel ta' dan il-paragrafu jiġi wkoll applikat, iżda limitat għal dawk id-drittijiet imħallsa biss li għandhom x'jaqsmu mal-proċedura fl-appell.

(3) Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' din it-Tariffa għandhom jiġu intaxxati wkoll mal-preżentata ta' rikors lill-Qorti biex wieħed jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet, tweġiba jew att ieħor tal-proċedura ppreżentat bħala risposta għal talba u maħsub biex jikkontesta, kemm totalment jew parzjalement, talba magħmula f'Qorti ta' Prima Istanza jew f'Qorti ta' l-Appell, iżda f'każ ta' sentenza ta' ħelsien mill-osservanza d-drittijiet kollha intaxxati skond il-paragrafi 2 sa 4 għandhom jiġu mnaqqsa bi 50%

6 (1) Għal kull notifika ta' att tal-proċedura inklużi l-ispejjeż li jsiru fl-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, ikunu dovutu dawn id-drittijiet li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru €5.82

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika €1.16

Iżda jekk in-notifika għandha ssir barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol, id-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu b'100%; u jekk in-notifika għandha ssir lill-konsulent legali tal-parti fl-edifiċċju tal-Qorti, il-ħlas ikun ta' żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33) għal kollox.

(2) Mingħajr ħsara għal kull ħaġa li hemm f'din it-Tariffa, jekk in-notifika ta' xi att għandha tiġi eżegwita personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti, f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tippermetti li n-notifika ssir mod ieħor, ikunu dovuti għal kull notifika dawn id-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru €23.29

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika €6.99

(3) Id-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (2) ma japplikawx meta n-notifika għandha ssir personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti skond xi liġi, u f'dawn il-każijiet stabbiliti fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw.

7 Għal kull att ieħor tal-proċedura stabbilit fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda li ma hemmx provdut dritt għalih f'dawn it-Tariffi €11.65

8 Għall-ftuħ tar-reġistru wara l-ħinijiet tax-xogħol tar-reġistru:

(i) dritt tar-reġistru €116.47

(ii) dritt dovut lid-deputat reġistratur li jattendi ... €46.59

(iii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika €34.94

9 (1) Hlief fejn jingħad mod ieħor, id-drittijiet kollha dovuti għandhom jitħallsu flimkien mal-preżentata ta' l-att relattiv u r-Reġistratur ma jaċċettax għall-preżentata xi att tal-proċedura li ma jkollux miegħu d-dritt relattiv.

(2) L-intaxxar li jsir mir-Reġistratur ta' l-ammont ta' drittijiet li għandu jitħallas ikun finali.

(3) Fl-intaxxar tad-drittijiet imniżżla f'din it-Tariffa ma jittieħed ebda qies ta' frazzjon ta' €2.33

10 (1) Il-Qorti tista', meta tagħti s-sentenza, tordna li l-attur jew l-konvenut f'kawża jħallas spejjeż addizzjonali lir-Reġistratur tal-Qrati f'ammont ta' mhux anqas minn €582.34 u mhux iżjed minn €2,329.37, jekk il-Qorti jidhrilha li l-att tal-proċedura li bih inbdiet il-kawża jew l-att tal-proċedura b'risposta kienu fiergħa jew vessatorji, jew li xi waħda mill-partijiet tkun tawlet il-proċeduri mingħajr bżonn, u f'dan il-każ din is-somma ma tkunx tista' tintalab lura mill-parti l-oħra.

(2) Il-Qorti tista' wkoll, fis-sentenza tagħha, tirreferi lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja lill-avukat ta' l-attur jew tal-konvenut, jekk il-Qorti jidhrilha li l-avukat kien responsabbli, totalment jew parzjalment, għall-att tal-proċedura fieragħ jew vessatorju, jew biex itawwal il-proċeduri.

11 (1) Ir-Reġistratur għandu jara li taxxa ta' l-ispejjeż tinżamm fl-inkartament ta' kull kawża u għandu jniżżel minnufih fit-taxxa l-ħlasijiet kollha magħmula lir-Reġistratur u l-ħlasijiet kollha dovuti lill-avukati u l-prokuraturi legali tal-partijiet, u l-partijiet, l-avukati tagħhom u l-prokuraturi legali tagħhom ikollhom dritt għal kopja tat-taxxa f'kull ħin.

(2) Fi żmien xahar mill-għoti tas-sentenza finali, ir-Reġistratur għandu jara li titħejja taxxa ta' l-ispejjeż finali u kopja tagħha tintbagħat lill-partijiet u lill-avukati u prokuraturi legali tagħhom.

(3) Għall-preżentata ta' kull rikors fejn tintalab ir-ritassa jew l-approvazzjoni ta' ratizzazzjoni ta' spejjeż rilaxxata taħt dan l-inċiż għandu jitħallas id-dritt ta' €46.59.

12 Rigward kawżi li ġew preżentati qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Tariffa ir-Reġistratur għandu, meta tispiċċa l-kawża, jew wara transazzjoni jew iċ-ċessjoni tagħha, jintaxxa d-drittijiet dovuti skond din it-Tariffa, u jnaqqas mit-taxxa dawk l-ammonti mħallsa sa dak in-nhar, u kull differenza fl-ammonti li tkun favur ir-Reġistratur tkun dovuta mill-parti stabbilita f'din it-Tariffa:

Iżda dan il-paragrafu ma japplikax għal xi kawża -

(i) li, fid-data li din it-Tariffa tiġi fis-seħħ, tkun tħalliet għas-sentenza;

(ii) li, wara li din it-Tariffa tiġi fis-seħħ, iżda mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2001, tkun saret transazzjoni mingħajr ebda kondizzjoni dwarha jew tkun twaqqfet mingħajr ebda kondizzjoni:

Iżda wkoll kull ftehim reġistrat fl-inkartament tal-kawża li jiddikjara li l-partijiet ftiehmu li jwaqqfu l-kawża u jirriferuha għad-deċiżjoni finali u vinkolanti taċ-Ċentru ta' Malta dwar l-Arbitraġġ, jitqies, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, bħala transazzjoni mingħajr ebda kondizzjoni jew waqfien mingħajr ebda kondizzjoni.

Iżda wkoll persuna li taġixxi bħala mandatarju ta' persuna oħra f'kawża għandha, jekk tirrinunzja għall-mandata tagħha mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru, 2000, tkun suġġetta għal drittijiet kalkolati skond din it-Tariffa kif fis-seħħ fit-30 ta' Settembru, 2000.

TARIFFA B

Drittijiet li jitħallsu għal Atti u Servizzi Ġudizzjarji mhux konnessi mas-smigħ tal-kawżi fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex, eskluża l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

1	Għall-preżentata ta' kull ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju, iżda eskluži d-drittijiet għal xi notifika meħtieġa	€11.65
	Iżda meta l-ittra uffiċjali hija meħtieġa skond it-termini ta' l-artikoli 166A u 253(*b*) u (*e*) tal-Kap. 12	€23.29
2	Għal kull ċertifikat meħtieġ li jiġi maħruġ mir-Reġistratur ...	€23.29
3	Għall-awtentikazzjoni ta' nota biex tiġi mniżżla fir-Reġistru Pubbliku	€23.29
4	Għat-twaħħil tas-siġill tal-Qorti, meta dan hu meħtieġ mil-liġi jew ordnat mill-Qorti	€23.29
	Iżda ma jkun dovut ebda dritt meta s-siġill ikun meħtieġ fuq xi att ġudizzjarju.	
5	Għal kull kopja, awtentikata jew le, għal kull paġna	€0.35
	Iżda ma jkun dovut ebda dritt meta l-kopji jiġu provduti mill-persuna li tippreżenta l-att oriġinali, jew meta l-kopji huma mitluba minn ordni tal-Qorti.	
6	Għal kull traduzzjoni meħtieġa bil-liġi jew mill-qorti:	
	dritt tar-reġistru	€34.94
	dritt tat-traduttur jew interpretu	minn €11.65 sa €58.23

7 Għal kull riċerka fl-arkivji tal-Qorti, għal kull kawża individwali .....

€4.66

u għal kull kopja tagħha, kemm awtentikata jew le, għal kull paġna .....

€0.23

8 Sabiex jingħata affidavit mhux in konnessjoni ma' proċeduri fil-Qorti .....

€6.99

9 Għad-depożitu ta' flus fil-Qorti, għal kull ċedola ta' depożitu jew ta' tpaċija, jiġi intaxxat dritt ekwivalenti għal 2%

tal-flus li għandhom jiġu depożitati bħala tpaċija jew irkupru konvenzjonali, iżda dan id-dritt ma jinkludix in-notifika taċ-ċedola lil terzi persuni msemmija fiċ-ċedola, u sakemm f'ebda każ dan id-dritt ma għandu jkun inqas minn €23.29

Iżda meta dan id-depożitu jew skeda ta' depożitu huma meħtieġa bil-liġi, għandu jitħallas dritta ta' €23.29 minflok id-dritt ta' 2%.

10 Għad-depożitu fil-Qorti ta' oġġetti li ma jkunux flus, eskluża n-notifika taċ-ċedola lil terzi persuni msemmija fiċ-ċedola €58.23

11 Għar-riċerka u viżjoni ta' kull rikors ta' żbank ta' flus jew ta' oġġetti depożitati fil-Qorti, iżda eskluża n-notifika tar-rikors lil terzi persuni msemmija fir-rikors u kull tweġiba għalih €23.29

12 Għall-ftuħ tar-reġistru wara l-ħinijiet tax-xogħol tar-reġistru:

(i) dritt tar-reġistru €116.47

(ii) dritt dovut lid-deputat reġistratur li jattendi ....

€46.59

(iii) dritt dovut lil kull uffiċjal eżekuttiv meħtieġ biex tiġi eżegwita n-notifika €34.94

13 (1) Għal kull notifika ta' att tal-proċedura, inkluż l-ispejjeż li jsiru għall-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, jkunu dovuti d-drittijiet li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru €5.82

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika €1.16

Iżda jekk in-notifika għandha ssir barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol, id-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu b'100%; u jekk in-notifika għandha ssir lill-konsulent legali tal-parti, il-ħlas ikun ta' żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu(€2.33) għal kollox.

(2) Minkejja kull ħaġa li hemm f'din it-Tariffa, jekk in-notifika ta' xi att għandha tiġi eżegwita personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti, f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tippermetti li n-notifika ssir mod ieħor, ikunu dovuti għal kull notifika d-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru €23.29

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika €6.99

(3) Id-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (2) ma japplikawx meta n-notifika għandha ssir personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti skond xi liġi, u f'dawn il-każijiet stabbiliti fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw.

14 Għal kull att ieħor tal-proċedura stabbilit fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda li ma hemmx provdut dritt għalih f'dawn it-Tariffi €23.29

15 (1) Id-drittijiet kollha dovuti għandhom jitħallsu filwaqt tal-preżentata ta' l-att relattiv u r-Reġistratur ma jaċċettax għall-preżentata xi att tal-proċedura li ma jkollux miegħu d-dritt relattiv.

(2) L-intaxxar li jsir mir-Reġistratur ta' l-ammont ta' drittijiet li għandu jitħallas ikun finali.

(3) Fl-intaxxar tad-drittijiet imniżżla f'din it-Tariffa ma jittieħed ebda qies ta' xi frazzjoni ta' €2.33 .

16 (a) F'kawżi dwar separazzjoni personali, annullament, manteniment, filjazzjoni, paternità, sekwestru jew kustodja ta' minuri, li għandhom x'jaqsmu ma' l-istat ċivili ta' persuna, li għandhom x'jaqsmu ma' drittijiet tal-bniedem, jew li għandhom x'jaqsmu ma' l-elezzjonijiet ġenerali, u f'kawżi possessorji u ta' jattanza jew li jirrigwardaw ħsara personali, talbiet għall-ħlas ta' pagi jew talbiet għal terminazzjoni inġusta ta' impieg, id-drittijiet kollha preskritti f'din it-Tariffa għandhom jitnaqqsu bi 50%

L-istess ikun il-każ fil-kawżi dwar l-esekuzzjoni ta' konvenju jew ta' weġħda ta' trasferiment kemm ta' ħwejjeġ mobbli jew immobbli.

(b) Ebda dritt ma jitħallas għal kull att preżentat minn kuratur *ex officio* li jkun qed jaġixxi bħala ħekk.

TARIFFA Ċ

Drittijiet li jiġu intaxxati għall-atti preżentati fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

1 Għal kull rikors preżentat u għal kull risposta għalih, li ma jkunx rikors jew risposta msemmija f'xi wieħed mill-paragrafi li ġejjin ta' din it-Tariffa .....

€11.65

Iżda d-dritt fuq imsemmi jinkludi l-preżentata ta' kull att ieħor tal-proċedura u servizzi tal-Qorti (magħdudin, iżda mhux limitati għal, l-preżentata ta' kull att tal-proċedura, l-eżami tax-xhieda, it-tħejjija u l-publikazzjoni ta' avviżi, bandi u editti, kopji ta' digrieti, l-intaxxar tad-drittijiet u affarijiet bħal dawn) meħtieġa wara li jinbdew il-proċeduri permezz ta' dak ir-rikors sa, u inkluż, id-digriet finali, iżda esklużi xi drittijiet dovuti lil periti jew esperti nominati mill-Qorti, jew xi drittijiet li l-Qorti tista' tkun meħtieġa li tħallas lil terzi persuni.

2 Għall-preżentata ta' kull testment sigriet €46.59

3 Għal kull obbligazzjoni magħmula fl-atti tal-Qorti:

(i) meta l-valur ta' l-assi ma jkunx iżjed minn €2,329.37 ..... €23.29

(ii) meta l-valur ta' l-assi ma jkunx iżjed minn €23,293.73 ..... €69.88

(iii) meta l-valur ta' l-assi ma jkunx iżjed minn €116,468.67 ..... €174.70

(iv) meta l-valur ta' l-assi jkun iżjed minn €116,468.67 ..... €232.94

4 Għal kull rapport ta' perizja dwar tassazzjoni ta' drittijiet:

(i) dritt tar-reġistru €46.59

(ii) dritt dovut lill-perit nominat mill-Qorti €116.47

Iżda l-Qorti tista' tordna li jitħallas dritt ogħla lill-perit nominat mill-Qorti jekk jidhrilha li x-xogħol involut ħekk jeħtieġ.

5 Għall-eżami ta' kontijiet:

(i) dritt tar-reġistru €58.23

(ii) dritt dovut lill-espert nominat mill-Qorti €232.94

Iżda l-Qorti tista' tordna li jitħallas dritt ogħla lill-espert nominat mill-Qorti jekk jidhrilha li x-xogħol involut ħekk jeħtieġ.

6 Għal kull kurazija f'każi ta' kwittanza jew f'okkażjoni ta' editti:

(i) dritt tar-reġistru €23.29

(ii) dritt dovut lill-kuratur nominat mill-Qorti €46.59

Iżda l-Qorti tista' tordna li jitħallas dritt ogħla lill-kuratur nominat mill-Qorti jekk jidhrilha li x-xogħol involut ħekk jeħtieġ.

7 Għall-ftuħ tar-reġistru wara l-ħinijiet tax-xogħol tar-reġistru:

(i) dritt tar-reġistru €58.23

(ii) dritt dovut lid-deputat reġistratur li jattendi €23.29

(iii) dritt dovut lil kull uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika €11.65

8 (1) Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 5 ta' din it-Tariffa jinkludu l-preżentata ta' kull att tal-proċedura sussegwenti, spejjeż ta' trasport għal uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti, il-preżentata ta' stimi jew perizji minn esperti nominati mill-Qorti, il-publikazzjoni tal-bandi u avviżi fil-Gazetta tal-Gvern, u kull servizz ieħor tal-Qorti li għandu x'jaqsam ma' dawn u li mhux eskluż speċifikatament b'din it-Tariffa.

(2) Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 5 ta' din it-Tariffa ma jinkludux drittijiet u spejjeż dovuti lil esperti nominati mill-Qorti u lil terzi persuni, liema drittijiet u spejjeż jiġu intaxxati separatament.

9 Għal kull notifika jew att ieħor tal-proċedura stabbilit fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda li ma hemmx provdut dritt għalih f'dawn it-Tariffi €11.65

Iżda drittijiet għal servizzi jew atti li ma hemmx provdut speċifikatament għalihom f'din it-Tariffa, iżda li hemm provdut għalihom f'Tariffi oħra, għandhom jiġu intaxxati skond dawk it-Tariffi, iżda għandhom jitnaqqsu bi 75%

10 (1) Għal kull notifika ta' att tal-proċedura, inklużi l-ispejjeż li jsiru għall-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, jiġu intaxxati d-drittijiet li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru €2.33

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika €0.58

(2) Minkejja kull ħaġa li hemm f'din it-Tariffa, jekk in-notifika ta' xi att għandha tiġi eżegwita personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti, f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tippermetti li n-notifika ssir mod ieħor, ikunu dovuti għal kull notifika dawn id-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru €23.29

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika €4.66

(3) Id-drittijiet stabbiliti fis-subparagrafu (2) ma japplikawx meta n-notifika għandha ssir personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti skond xi liġi, u f'dawn il-każijiet stabbiliti fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw.

(4) Fil-każ ta' ittri-ċirkulari meħtieġa bil-liġi id-drittijiet ta' hawn fuq għandhom jiġu mnaqqsa bi 50%;

11 (1) Id-drittijiet kollha dovuti għandhom jitħallsu filwaqt tal-preżentata ta' l-att relattiv u r-Reġistratur ma jaċċettax għall-preżentata xi att tal-proċedura li ma jkollux miegħu d-dritt relattiv.

(2) L-intaxxar li jsir mir-Reġistratur ta' l-ammont ta' drittijiet li għandu jitħallas ikun finali.

(3) Fl-intaxxar tad-drittijiet imniżżla f'din it-Tariffa ma jittieħed ebda qies ta' xi frazzjoni ta' €2.33 .

12 Ebda dritt ma jitħallas taħt din it-Tariffa għal kull att preżentat minn kuratur *ex officio* li jkun qed jaġixxi bħala ħekk.

TARIFFA D

Drittijiet li jitħallsu għal Atti Kawtelatorji u Eżekuttivi u għal Bejgħ fl-Irkant bil-Qorti fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex, eskluża l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

1 Għall-preżentata ta' mandat ta' inibizzjoni:

(i) dritt tar-reġistru €116.47

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv meħtieġ biex jeżegwixxi n-notifika, għal kull notifika €6.99

2 Għall-preżentata ta' mandat ta' impediment tas-safar, inkluża n-notifika tiegħu:

(i) dritt tar-reġistru €174.70

Iżda d-dritt tar-reġistru għall-impediment tas-safar tat-tfal €58.23

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv meħtieġ biex jeżegwixxi n-notifika, għal kull notifika €6.99

3 Għall-preżentata ta' kull mandat ieħor:

(i) dritt tar-reġistru €46.59

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv meħtieġ biex jeżegwixxi n-notifika, għal kull notifika €6.99

4 Għall-preżentata ta' kull kontro-mandat:

(i) dritt tar-reġistru €17.47

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv meħtieġ biex jeżegwixxi n-notifika, għal kull notifika €6.99

5 (1) (a) Għall-preżentata ta' kull rikors għal bejgħ ta' immobbli fl-irkant bil-Qorti inkluż rikors biex tiġi ri-appuntat bejgħ fl-irkant bil-Qorti li kien ġie sospiż:

(i) dritt tar-reġistru €174.70

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv meħtieġ biex jeżegwixxi n-notifika, għal kull notifika €6.99

(b) Għall-preżentata ta' kull rikors għall-bejgħ fl-irkant ta' mobbli, inkluż rikors biex jiġi ri-appuntat bejgħ fl-irkant bil-Qorti li kien ġie sospiż:

(i) dritt tar-reġistru €58.23

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv meħtieġ biex jeżegwixxi n-notifika, għal kull notifika €6.99

(ċ) Ma jitħallasx ebda dritt għas-sospensjoni ta' bejgħ fl-irkant bil-Qorti jew biex jiġi ri-appuntat bejgħ fl-irkant bil-Qorti li s-sospensjoni tiegħu kienet dovuta għal xi notifika meħtieġa bil-liġi li ma tkunx saret jew li tkun ġiet sospiża mill-qorti wara talba mid-debitur.

(2) Id-drittijiet dovuti skond is-subparagrafu (1) għandhom jinkludu is-servizzi, drittijiet u spejjeż kollha meħtieġa sa ma jsir il-bejgħ fl-irkant innifsu, minbarra d-drittijiet dovuti għan-notifika ta' kull att ġudizzjarju, liema drittijiet għandhom jiġu ntaxxati separatament.

(3) Għall-ħżin, fi proprjetà tal-Gvern, ta' ħwejjeġ mobbli li għandhom jinbiegħu f'irkant bil-Qorti, għal kull jum €23.29

Iżda r-rikorrent għandu, flimkien mal-preżentata tar-rikors għall-bejgħ fl-irkant bil-Qorti, jiddepożita somma li tkun daqs l-ammont li jitħallas għall-ħżin ta' sebat ijiem, liema somma tiġi aġġustata wara l-liberazzjoni tal-bejgħ jew is-sospensjoni ta' l-irkant.

(4) Għal-liberazzjoni ta' xi ħaġa mobbli jew beni immobbli wara bejgħ fl-irkant bil-Qorti, għal kull **€100** 1%

Iżda f'ebda każ ma għandu d-dritt intaxxat ikun inqas minn €116.47

Iżda wkoll meta l-irkant isir minn irkantatur liċenzjat, id-dritt stabbilit fl-Att dwar l-Irkantaturi għandu, b'żieda, jitħallas lill-irkantatur.

6 Għall-ftuħ tar-reġistru mhux fil-ħinijiet tax-xogħol tar-reġistru:

(i) dritt tar-reġistru €116.47

(ii) dritt dovut lid-deputat reġistratur li jattendi €46.59

(iii) dritt dovut lil kull uffiċjal eżekuttiv meħtieġ biex jeżegwixxi n-notifika €34.94

7 (1) Bla ħsara għas-subparagrafu (2) ta' dan il-paragrafu, id- drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 ta' din it-Tariffa jinkludu l-ispejjeż kollha u n-notifiki meħtieġa in konnessjoni ma' l-eżekuzzjoni ta' l-att tal-proċedura relattiv, kull assistenza mill-pulizija li l-uffiċjal eżekuttiv jista' jeħtieġ fl-eżekuzzjoni ta' l-att, il-preżentata ta' stimi jew perizji minn esperti nominati mill-Qorti u l-pubblikazzjoni ta' bandi u avviżi fil-Gazzetta.

(2) Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 ta' din it-Tariffa ma jinkludux drittijiet u spejjeż dovuti lil esperti nominati mill-Qorti u lil terzi persuni, liema drittijiet u spejjeż jiġu intaxxati separatament.

8 Għal kull att ieħor tal-proċedura stabbilit fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda li ma hemmx provdut dritt għalih f'dawn it-Tariffi €11.65

9 Għal kull notifika, mhux digà msemmija f'din it-Tariffa, ta' att tal-proċedura, inklużi l-ispejjeż li jsiru għall-eżekuzzjoni ta' dik in-notifika, ikunu dovuti d-drittijiet li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru €5.82

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika €2.33

Iżda jekk in-notifika għandha ssir barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol, id-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu b'100%.

10 Minkejja kull ħaġa li hemm f'din it-Tariffa, jekk in-notifika għandha tiġi eżegwita personalment minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti, f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tippermetti li n-notifika ssir mod ieħor, ikunu dovuti għal kull notifika d-drittijiet addizzjonali li ġejjin:

(i) dritt tar-reġistru €23.29

(ii) dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv li jeżegwixxi n-notifika €6.99

11 (a) F'kawżi dwar separazzjoni personali, manteniment, filjazzjoni, paternità, sekwestru jew kustodja ta' minuri, li għandhom x'jaqsmu ma' l-istat ċivili ta' persuna, li għandhom x'jaqsmu ma' drittijiet tal-bniedem, jew li għandhom x'jaqsmu ma' l-elezzjonijiet ġenerali, u f'kawżi li jirrigwardaw ħsara personali, talbiet għall-ħlas ta' pagi jew talbiet għal terminazzjoni inġusta ta' impieg, kawżi possessorji u ta' jattanza u l-kawżi dwar l-eżekuzzjoni ta' konvenju jew ta' wegħda ta' trasferiment kemm ta' ħwejjeġ mobbli jew immobbli, id-drittijiet kollha preskritti f'din it-Tariffa għandhom jitnaqqsu bi 50%

(b) Ebda dritt ma jitħallas għal kull att preżentat minn kuratur *ex officio* li jkun qed jaġixxi bħala ħekk.

12 (1) Id-drittijiet kollha dovuti għandhom jitħallsu filwaqt tal-preżentata ta' l-att relattiv, u r-Reġistratur ma jaċċettax għall-preżentata xi att tal-proċedura li ma jkollux miegħu d-dritt relattiv.

(2) L-intaxxar li jsir mir-Reġistratur ta' l-ammont ta' drittijiet li għandu jitħallas ikun finali.

(3) Fl-intaxxar tad-drittijiet imniżżla f'din it-Tariffa ma jittieħed ebda qies ta' xi frazzjoni ta' €2.33

(4) Għall-preżentata ta' kull rikors fejn tintalab ir-ritassa jew l-approvazzjoni ta' ratizzazzjoni ta' taxxa rilaxxata taħt dan l-artikolu għandu jitħallas id-dritt ta' €46.59

TARIFFA E

Drittijiet li jitħallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi "*ex officio*"

		euro
1.	(*a*) Għal kull nota ta' aċċettazzjoni ta' bandi u għal kull protest kontra l-garanzija miġjuba għall-ispejjeż, anke jekk dak il-protest ma jkunx preżentat separatament	11.65
	(*b*) Għal kull nota meħtieġa li tiġi preżentata skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13	11.65
	(*ċ*) Għal kull nota ta' osservazzjonijiet preżentata f'xi qorti ..... minn	46.59
	sa	232.94
2.	(*a*) Għal kull rikors għal taħrik ta' xhieda	6.99
	(*b*) Għall kull rikors għall-bejgħ ta' immobbli (inklużi riċerka fir-Reġistru Pubbliku, l-ordnar ta' ċertifikati ta' ipoteka, u l-eżami ta' atti li għandhom x'jaqsmu magħhom) ..... minn	23.29
	sa	69.88
	(*ċ*) Għal kull rikors ieħor ..... minn	11.65
	sa	58.23
	(*d*) Għal kull rikors preżentat wara l-ħinijiet ta' l-uffiċċju jew nhar ta' Hadd jew f'vakanza pubblika, għandu jiġi intaxxat dritt addizzjonali ta'	58.23
3.	Għal kull rikors preżentat fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja:	
	(i) jekk ikollu x'jaqsam mad-dħul ta' minuri fi skola industrijali jew fi skola approvata	6.99
	(ii) jekk ikollu x'jaqsam mal-kandidatura ta' legat taż-żwieġ jew mat-tiġdid ta' awtorizz-azzjoni mogħtija qabel, jew ma' l-intaxxar ta' drittijiet	11.65
	(iii) fil-każijiet l-oħra kollha (inklużi noti ta' aċċettazzjoni jew rinunzja ta' wirt)	23.29
	Iżda għandu jiġi intaxxat dritt addizzjonali meta l-għemil tar-rikors, u/jew il-preparazzjoni u/jew il-preżentata tad-dokumenti relattivi, jitolbu aktar xogħol minn dak ordinarjament meħtieġ.	
4.	Għal kull attendenza f'seduti quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja	23.29

5. (*a*) Għal kull ċedola ta' depożitu, anke jekk dak id-depożitu jsir b'ċedola ta' rkupru jew warajha:

(i) meta l-valur ma jeċċedix €465.87 ..... 11.65

(ii) meta l-valur jeċċedi €465.87 id-dritt għandu jiżdied b'wieħed fil-mija (1%) għal kull €100 addizzjonali jew parti minnha;

(b) Għal kull ċedola ta' tpaċija jew ta' rkupru:

(i) meta l-valur ma jeċċedix €465.87 11.65

(ii) meta l-valur jeċċedi €465.87 id-dritt għandu jiżdied b'wieħed fil-mija għal kull €100.00 addizzjonali jew parti minnha.

Dawn id-drittijiet jinkludu l-parir dwar id-dritt ta' talba, tpaċija, jew ta' l-eżerċizzju ta' rkupru.

6. (a) Għall-kitba ta' ittri uffiċjali, sew jekk preżentata sew jekk le 23.29

(b) Għall-kitba ta' protest ġudizzjarju, sew jekk preżentata sew jekk le 23.29

(ċ) Għall-kitba ta' affidavit ..... minn 4.66

sa 34.94

Iżda kull ittra uffiċjali preżentata taħt l-artikoli 166A u 253(*b*) u (*e*) tal-Kapitolu 12 fejn dik l-ittra uffiċjali issir titolu eżekuttiv, id-dritt ikun dak ta' 40% ta' dak li huwa stabbilit fl-artikolu 13, iżda fejn tiġi ppreżentata nota ta' ammissjoni dan jiġi ridott għal 30%.

7. Għall-kitba ta' kull protest ipotekarju..... 23.29

Iżda għandu jiġi intaxxat dritt għall-eżami ta' reġistrazzjoni ta' ipoteka u ta' l-atti relattivi, wara li jittieħed kont ta' l-għadd ta' reġistrazzjonijiet u atti eżaminati, l-importanza tagħhom u/jew l-ammont involut ..... minn 23.29

sa 69.88

8. Għal kull attendenza, quddiem perit, quddiem assistent ġudizzjarju u għal kull attendenza fi spezzjon *in faciem loci*, sew jekk ordnata mill-qorti sew jekk meħtieġa mill-klijent:

(i) jekk l-attendenza ma ddumx iżjed minn siegħa u nofs 23.29

(ii) jekk iddum iżjed minn siegħa u nofs, u kemm-il darba din iċ-ċirkostanza tkun espressament notata fi proċess verbal iffirmat mill-perit, mill-assistent ġudizzjarju jew mid-Deputat Reġistratur, skond il-każ, id-dritt għandu jiżdied b'€23.29 għal kull siegħa addizzjonali jew parti minn siegħa.

9. Meta l-attendenza msemmija fil-paragrafu 8 ssir barra mill-Belt Valletta d-dritt ikun 27.95

10. Jekk l-attendenza msemmija fl-aħħar paragrafu minnufih qabel dan iddum iżjed minn siegħa u nofs, u kemm-il darba din iċ-ċirkostanza tkun espressament notata fi proċess verbal iffirmat mill-perit, mill-assistent ġudizzjarju jew mid-Deputat Reġistratur, skond il-każ, id-dritt għandu jiżdied b'€23.29 għal kull siegħa addizzjonali jew parti minn siegħa.

11. (1) Għall-kitba jew eżami ta' kuntratt għall-pubblikazzjoni minn Nutar Pubbliku, inklużi d-drittijiet għall-parir, riċerki għall-passività u trasferimenti, tfittix ta' provenjenza ta' immobbli, u attendenza fil-pubblikazzjoni:

jekk il-valur ta' l-oġġett tal-kuntratt in kwistjoni -

(i) ma jeċċedix €465.87 ..... minn 11.65

sa 23.29

(ii) jeċċedi €465.87 iżda ma jeċċedix €6,988.12, għal kull €100 jew parti minnha 4.66

(iii) jeċċedi €6,988.12 u ma jeċċedix €58,234.33, għal kull €100 jew parti minnha iktar minn dak l-eċċess .. 2.33

(2) Meta, in konnessjoni mal-kitba jew ma' l-eżami ta' kuntratt li għandu jkun pubblikat minn Nutar Pubbliku, Avukat ma jagħmilx is-servizzi kollha msemmija fis-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu, id-drittijiet għandhom jiġu intaxxati fuq il-bażi ta' dak is-sub-paragrafu, billi jittieħed kont biss tas-servizzi attwalment moqdija kemm-il darba l-Avukat ma jassumix responsabbiltà professjonali għall-kuntratt, f'liema każ jitħallas id-dritt stabbilit f'dak is-sub-paragrafu.

(3) Jekk il-valur ta' l-interess konċernat ikun jeċċedi €58,234.33 jew jekk il-valur ta' l-interess konċernat ma jkunx espress fi flus, ma jkun hemm ebda Tariffa.

12. Lill-kuraturi nominati biex jattendu għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt f'isem nies assenti jew kontumaċi għall-attendenza u għall-eżami tal-kuntratt, u lil kull persuna li bi dritt mogħti lilha mill-Qorti skond l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap. 234, tittrasferixxi xi bastiment jew sehem fih ..... minn 69.88

sa 582.34

13. Għal kull sentenza definittiva:

(i) dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ..... €46.59 bħala l-inqas dritt jew 10% skond liema jkun l-ogħla

(ii) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 għal kull €100 ..... 6.99

(iii) dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 għal kull €100 ..... 2.33

Iżda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (*b*) tat-Tariffa A, għandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu iffissat bil-liġi għall-penali ikkontemplata fiha.

14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.

15. (*a*) Għal kull dikjarazzjoni oħra meħtieġa li jkun fiha d-deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt .... minn 23.29

sa 232.94

(*b*) Għal kull sentenza definittiva f'kawża għal rimedju li ssir taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni jew taħt il-Kapitolu 319 jew meta jintalab l-annullament ta' att amministrattiv minħabba f'kontestazzjoni magħmula skond l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12, jew għall-investigazz-joni ta' talba skond l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12, jew għal kontestazzjoni dwar ħwejjeġ maqbuda taħt il-Kapitolu 37, jew għall-ħlas jew ħlas lura ta' xi taxxa, imposta jew dazju minn 46.59

sa 698.81

16. F'kawżi ta' diviżjoni ta' proprjetà, indipendentement mill-għadd ta' talbiet li jkun hemm fiċ-ċitazzjoni għandu jiġi intaxxat dritt wieħed biss *ad valorem* bħal fil-paragrafu 13 fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjetà li għandha tiġi maqsuma - iżda f'kawża ta' diviżjoni ta' proprjetà *causa mortis* dak id-dritt għandu jiġi intaxxat fuq il-valur stabbilit kif intqal qabel ta' kull assi partikolari li għandu jiġi maqsum bejn il-partijiet, salv li dak id-dritt ma għandu fl-ebda każ ikun anqas minn 116.47

17. F'kawżi ta' diviżjoni ta' proprjetà meta d-diviżjoni tal-proprjetà kollha involuta ma tkunx tista' ssir ħlief permezz ta' liċitazzjoni, kemm-il darba dik it-talba ssir fiċ-ċitazzjoni u tiġi konfermata fis-sentenza finali, id-drittijiet dovuti lil kull Avukat fil-kawża għandhom ikunu intaxxati bir-rata ta' wieħed fil-mija (1%) fuq il-valur tal-proprjetà f'liċitazzjoni salv li fl-ebda każ dak id-dritt ma għandu jkun iżjed minn dak intaxxat fil-paragrafu 13 jew anqas minn 116.47

18. F'kawżi dwar ħlasijiet ta' kull sena, assenjazzjonijiet u każijiet simili, jekk l-ammont ikun indeterminat, id-dritt ikun intaxxat kif provdut fil-paragrafu 13 fuq l-ammont mogħti fis-sentenza finali, iżda fl-ebda każ dak id-dritt ma għandu jkun anqas minn 116.47

19. F'kawżi ta' manteniment, id-dritt ikun nofs fil-mija (½%) fuq l-ammont ta' manteniment li għandu jitħallas taħt is-sentenza għal perijodu ta' għaxar snin, salv li jekk l-ordni jkun jirriferixxi għal manteniment provvisorju d-dritt għandu jkun ..... minn 11.65

sa 34.94

20. F'kawżi ta' filjazzjoni, f'kawżi oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-istat ta' individwi u f'kawżi li jirriferixxu għal separazzjoni ta' persuni miżżewġa irrispettivament min-numru ta' dikjarazzjonijiet involuti, iżda salv id-dritt relattiv għal kull deċiżjoni dwar xi punt ta' liġi jew ta' fatt li jikkonċerna valur determinat jew determinabbli, jingħata dritt ..... minn 81.53

sa 174.70

21. F'kawżi dwar il-gradwazzjoni ta' kredituri, d-dritt minimu jkun 116.47

Iżda -

(i) meta jkun hemm kontestazzjoni tat-talba sew dwar l-ammont jew dwar il-gradwazzjoni d-dritt ikun bħal fil-paragrafu 13;

(ii) meta jkun hemm ammissjoni tat-talba, iżda dik it-talba ma tirriżultax minn titolu esekuttiv preċedenti, id-dritt għandu jkun bħal fil-paragrafi 28, 29, 30 u 31, skond il-każ.

22. Lill-avukat tal-parti li tagħmel depożitu għandu jingħata dritt ta' 23.29

Iżda jekk ikun hemm kontestazzjoni dwar l-ammont depożitat, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li hemm fil-paragrafu 13.

23. Fi proċeduri ta' falliment jew insolvenza, meta ma jkun hemm ebda kontestazzjoni dwar il-prova ta' talba, id-dritt dwar dik il-prova ta' talba għandu jkun dak stabbilit għal dikjarazzjoni.

24. Fil-konkorsi kollha, imsemmija fl-artikolu 428 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12, għandu jiġi intaxxat dritt kif provdut fil-paragrafi 13, 18 u 36.

25. F'kawżi dwar il-validità ta' rkupru konvenzjonali jew dwar l-esekuzzjoni ta' weġħda ta' trasferiment, il-valur fil-kawża għall-finijiet li hemm fil-paragrafu 13 ikun il-valur tal-proprjetà rkuprata jew tal-proprjetà li dwarha tkun saret il-weġħda ta' trasferiment.

26. Għal kull digriet f'kawża..... minn 11.65

sa 116.47

27. F'każ ta' sentenza ta' ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju, jekk is-sentenza tiġi mogħtija fuq eċċezzjonijiet li jolqtu l-meritu prinċipali tal-kawża, jingħata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull każ ieħor jingħata nofs l-imsemmi dritt.

28. Meta kawża ma titkompliex fil-qorti ta' l-ewwel grad jew ta' grad ta' appell:

(i) wara li ċ-ċitazzjoni jew ir-rikors ikunu ġew preżentati, jingħata lill-Avukat ta' l-attur terz tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli *ad valorem*;

(ii) wara li l-eċċezzjonijiet jew ir-risposta jkunu tlestew, jingħata lill-Avukat tal-konvenut terz tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli *ad valorem.*

29. F'każ ta' transazzjoni jew ċessjoni f'xi stadju ieħor tal-proċeduri wara li tibda l-kontestazzjoni iżda qabel is-smigħ tal-kawża, jew fil-każ ta' ammissjoni f'kull stadju qabel ma jibda s-smigħ tal-kawża, jingħataw nofs id-drittijiet stabbiliti fil-paragrafu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli *ad valorem.*

30. Jekk it-transazzjoni jew iċ-ċessjoni jew l-ammissjoni jsiru wara li jibda s-smigħ tal-kawża, jingħataw żewġ terzi tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli *ad valorem.*

31. Jekk it-transazzjoni jew iċ-ċessjoni jew l-ammissjoni jsiru wara li kawża tkun ġiet differita għas-sentenza, jingħata d-dritt kollu stabbilit fil-paragrafu 13, meta l-kawża tkun taxxabbli *ad valorem*.

32. (*a*) Jekk ikun imqabbad iżjed minn Avukat wieħed mill-istess parti fl-istess kawża, kull wieħed mill-Avukati jkun intitolat għad-dritt sħiħ stabbilit:

Iżda l-parti li tirbaħ il-kap ta' l-ispejjeż, għalkemm tkun qabbdet iżjed minn Avukat wieħed, ma jkollhiex dritt li titlob lill-parti telliefa iżjed minn dritt wieħed sħiħ.

(*b*) Meta f'kawża jkun hemm żewġ atturi jew iżjed jew żewġ konvenuti jew iżjed, kull waħda mill-partijiet ikollha dritt għall-Avukat jew Avukati tagħha anke jekk il-meritu huwa l-istess dwar l-atturi kollha jew dwar il-konvenuti kollha; u l-parti kundannata li tħallas l-ispejjeż tkun marbuta li tħallas id-drittijiet xierqa ta' l-Avukati kollha tan-naħa tar-rebbieħa sakemm ebda parti waħda ma titlob spejjeż ta' aktar minn Avukat wieħed.

33. Jekk Avukat jitlaq lill-klijent jew jiġi abbandunat mill-klijent:

(i) wara li r-rikors, iċ-ċitazzjoni, in-nota ta' l-eċċezzjonijiet jew ir-risposta tkun ġiet preżentata, ikollu jedd għal terz tad-dritt normali;

(ii) wara l-istadji ta' hawn fuq iżda qabel ma tiġi differita l-kawża għas-sentenza, jkun intitolat għal żewġ terzi tad-dritt normali.

34. Id-dritt dovut lill-Avukat li jkun imqabbad wara li l-ewwel wieħed ikun abbandunat mill-klijent jew wara li l-ewwel Avukat ikun abbanduna lill-klijent qabel ma tiġi deċiża l-kawża jkun daqs id-differenza bejn id-dritt sħiħ u d-dritt intaxxat mill-ewwel Avukat. Id-dritt li għandu jitħallas lit-tielet Avukat jew Avukat ieħor li jiġi wara, għandu dejjem ikun ta' terz tad-dritt sħiħ.

35. F'kull każ li jaqa' taħt il-paragrafi 33 u 34, il-parti li tqabbad iżjed minn Avukat wieħed, wieħed wara l-ieħor, li tkun fin-naħa rebbieħa, ma tistax titlob lill-parti telliefa iżjed minn dritt wieħed sħiħ.

36. Id-drittijiet dovuti lill-Avukati dwar servizzi professjonali li jeħtieġu sottomissjonijiet miktuba, li ma jkunux dawk imsemmija fil-paragrafu 6, jekk dawn is-sottomissjonijiet ikunu preparati iżda ma jkunux ġew preżentati, ikunu dawk stabbiliti fil-paragrafu 15.

37. Dwar is-servizzi professjonali li jissemmew fil-paragrafi 13, 14, 27 sa 31, 33 u 34 id-dritt minimu jkun €46.59.

38. Fuq appell id-drittijiet li hemm fil-paragrafi 13 sa 36 inklużi, għandhom jiżdiedu b'terz.

39. Dwar kawżi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni tagħha superjuri, għandhom jiġu intaxxati l-istess drittijiet stabbiliti dwar kawżi quddiem il-Qrati Superjuri u d-disposizzjonijiet li hemm fil-paragrafu 38 ta' din it-Tariffa għandhom japplikaw ukoll.

40. Il-Prokuraturi Legali għandhom jirċievu terz tad-drittijiet stabbiliti b'din it-Tariffa għall-Avukati dwar dawk l-atti ġudizzjarji li jkunu ffirmati minnhom u minn Avukat u dwar is-servizzi msemmija fil-paragrafi 7 u 8. Iżda ebda dritt ma għandu jiġi intaxxat lilhom għal xi servizz imsemmi fil-*proviso* tal-paragrafu 3. Għal dawk l-atti ġudizzjarji li ma jeħtiġux ukoll il-firma ta' Avukat u li jkunu iffirmati minn Prokuratur Legali biss, id-dritt ikun bħal dak dovut lill-Avukat.

41. (*a*) Id-drittijiet ta' kuraturi uffiċjali jkunu dawk stabbiliti f'din it-Tariffa.

(*b*) Il-kuraturi uffiċjali meta notifikati b'kopja ta' att ġudizzjarju, li in konnessjoni miegħu ma humiex mistennija li jippreżentaw sottomissjoni miktuba, jieħdu l-istess dritt dovut lill-Avukat u Prokuratur Legali għall-istess att ġudizzjarju.

42. Dritt addizzjonali ta' €58.23 għandu jiġi intaxxat għal kull attendenza, meta Avukat ikun meħtieġ li jidher quddiem Qorti Superjuri għal xi sottomissjonijiet f'ħin meta r-Reġistru jkun ordinarjament magħluq.

43. Avukati u Prokuraturi Legali, meta meħtieġa li jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni tagħha inferjuri, jieħdu d-drittijiet li ġejjin:

(*a*) għal kull deċiżjoni ta' kull punt ta' liġi jew ta' fatt li jkun hemm fis-sentenza:

meta l-ammont involut ma jkunx iżjed minn €1,164.69	€46.59 jew 10% skond liema jkun l-ogħla

dwar kull valur li jkun iżjed minn €1,164.69, għal kull €100 ..... 6.99

(*b*) Fil-każ ta' ammissjoni, transazzjoni jew ċessjoni tal-kawża f'kull stadju tal-proċedimenti, għandhom ikunu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 28 sa 31.....

(*ċ*) Għall-kitba ta' ċitazzjoni jew ta' avviż li ma tkunx saret il-preżentata tagħhom 23.29

(*d*) Għal kull taħrika tax-xiehda u rikors relattiv 6.99

(*e*) Għal kull mandat, kontro-mandat, rikors jew nota ta' kunsens .. 11.65

(*f*) Għal kull ċedola ta' depożitu:

meta l-valur ma jeċċedix €465.87 11.65

meta l-valur jeċċedi €465.87 iżda mhux iżjed minn €2,329.37 għandu jitħallas dritt addizz-jonali ta' 1% fuq iż-żejjed.

(*g*) Għal nota ta' insinwa ta' sentenza jew ta' xi titolu ieħor esekuttiv 11.65

(*h*) Għal kull attendenza quddiem perit jew assistent ġudizzjarju u għal kull attendenza *in faciem loci* 23.29

(*i*) Għal kull attendenza quddiem qorti għas-smigħ ta' kawża f'ħin meta r-Reġistru jkun ordinarjament magħluq iżda mhux waqt seduta ordinarja, jew nhar ta' Ħadd jew vakanza pubblika, b'żieda għad-drittijiet imsemmija f'dan il-paragrafu, għandu jiġi intaxxat dritt addizzjonali ta' €23.29 għal kull attendenza.

44. (*a*) Id-drittijiet taxxabbli lill-Avukati li jkunu nominati bħala Periti Legali għal kull opinjoni trattata fir-rapport għandhom ikunu sa massimu ta' €116.47 għal kull punt ta' dritt li jiġi deċiż. Kull kalkolu jew komputazzjoni ta' ammont biex jingħata bħala danni jew kumpens mill-Qrati għandu jitqies bħala opinjoni, u l-massimu taxxabbli għal dik l-opinjoni għandu jkun €232.94 . Il-kriterju għandu jkun ix-xogħol involut u qatt l-ammont stmat mill-Perit Legali.

(*b*) Id-drittijiet ta' hawn fuq għandhom japplikkaw ukoll għall-Avukati li jkunu nominati biex jagħmlu rapport lill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, kif ukoll għar-reviżjoni ta' kontijiet.

45. Għal kull kopja li għandha tiġi preżentata ma' l-oriġinal, għan-notifika kif preskritt fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 174 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili 4.66

46. F'kull każ meta dritt varjabbli huwa muri f'din it-Tariffa b'minimu u b'massimu, id-dritt li għandu jitħallas f'każ partikolari għandu jkun stabbilit mir-Reġistratur, skond il-kriterji stabbiliti fil-Kodiċi ta' Etika u Mġieba għall-Avukati:

Iżda fl-intaxxar tad-drittijiet dovuti lil xi avukat li jkun ta servizz professjonali lil xi persuna li tkun ġiet ammessa għall-benefiċċju ta' l-għajnuna legali, id-dritt għandu dejjem jiġi intaxxat fil-minimu tiegħu:

Iżda wkoll id-drittijiet kollha bħal dawk hekk intaxxati jkunu suġġetti għar-reviżjoni mill-Qorti kompetenti fuq talba ta' kull persuna interessata skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

47. (*a*) Id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Tariffa m'għandhomx japplikaw, bejn Avukat jew Prokuratur Legali u l-klijent, meta dritt, jew il-bażi kif għandu jiġi stabbilit id-dritt ikun ġie miftiehem bejnithom u jkun differenti minn dak hekk stabbilit b'din it-Tariffa, u f'kull każ bħal dak għandu japplika id-dritt miftiehem jew il-bażi li fuqu dan ikollu jiġi stabbilit, li ma tkunx bażi projbita bil-liġi, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn is-subparagrafi li ġejjin.

(*b*) Ebda ħaġa li tinsab fis-sub-paragrafu (*a*) ta' dan il-paragrafu m'għandha tolqot l-intaxxar ta' drittijiet bejn il-partijiet involuti f'atti jew proċedimenti ġudizzjarji jew dwar xogħol *extra*-ġudizzjarju minn Avukati jew Prokuraturi Legali li jkollhom jitħallsu mill-parti l-oħra, li għandhom jiġu regolati esklusivament skond il-paragrafi ta' qabel ta' din it-Tariffa.

(*ċ*) Minkejja s-sub-paragrafu (*a*) ta' dan il-paragrafu avukat ma jistax jistabbilixxi d-drittijiet tiegħu bi ftehim f'ammont ogħla jew inqas minn dawk stabbiliti f'din it-Tariffa dwar xi ħaġa li titnissel mill-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, l-Ewwel Ktieb tal-Kap. 16, Kap. 5, Kap. 255 u Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta; u dwar atti għat-trasferiment ta' proprjetà immobbli meta l-valur ma jkunx jeċċedi €58,234.33.

(*d*) Dritt li jintalab minn avukat taħt ftehim kif hemm imsemmi fis-sub-paragrafu (*a*) ta' dan il-paragrafu għandu jkun suġġett għal reviżjoni mill-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali stabbilit bl-Att ta' l-1994 dwar Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, fuq talba tal-klijent u li tiġi preżentata fi żmien xahar mid-data tal-ftehim.

(*e*) Dak il-Kumitat jista' jnaqqas id-dritt mitlub kif imsemmi qabel jekk, wara li jitqiesu il-kriterji relattivi msemmija fil-Kodiċijiet ta' Etika u Mġieba rispettivi għall-Avukati u għall-Prokuraturi Legali, il-Kumitat jikkunsidra d-dritt bħala wieħed mhux raġonevoli.

(*f*) Għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu, ftehim li jkollu x'jaqsam mad-drittijiet għandu jsir bil-miktub.

48. (*a*) Dritt li jintalab minn Avukat jew minn Prokuratur Legali dwar xi ħaġa li ma taqax taħt din it-tariffa għandha tkun suġġetta għal reviżjoni li ssir mill-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali wara li jsirlu talba għalhekk mill-klijent, liema talba trid issir fi żmien xahar mid-data tal-ftehim jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim, mid-data tal-kont mibgħut mill-Avukat jew mill-Prokuratur Legali.

(*b*) Dak il-Kumitat jista' jnaqqas id-dritt mitlub kif fuq imsemmi jekk, minħabba fil-kriterji relattivi stipulati fil-Kodiċijiet ta' Etika u Mġieba rispettivi għall-Avukati u għall-Prokuraturi Legali, il-Kumitat jikkunsidra id-dritt bħala wieħed mhux raġonevoli.

TARIFFA G

Drittijiet li jitħallsu lill-komputisti u periti oħra

euro

1. Id-dritt tal-komputisti għandu jiġi ntaxxat bil-wieħed fil-mija (1%) fuq l-ammont tal-kwistjoni li fuqha jsir l-eżami suġġett għal minimu ta' €11.65 u massimu ta' €2,329.37.

2. Lil periti oħra, għal kull stima:

fuq l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha 11.65

fuq kull ammont 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 għal kull €100 jew parti minnha 2.33

Iżda f'ebda każ m'għandu d-dritt ikun iżjed minn €1,164.69 .

3. Fid-drittijiet miġjubin fin-numri ta' qabel ta' din it-Tariffa, hemm imdaħħla r-rimunerazzjoni tar-rapport, tal-kontijiet, tal-prospetti, tas-seduti u ta' l-attendenzi fil-qorti jew f'postijiet oħra meta jinħtieġ; iżda ma hemmx imdaħħlin fihom l-ispejjeż li jkunu meħtieġa biex jaqdu x-xogħol tagħhom.

4. Meta, minħabba x-xorta partikolari tal-każ, jidher ġust illi, barra mid-drittijiet hawn fuq miġjuba, għandu jingħata lill-perit jew espert dritt barrani, il-qorti tista' fid-diskrezzjoni tagħha, wara li tisma' lill-partijiet interessati, tintaxxa dak id-dritt barrani.

Il-qorti tista' tiffissa minn qabel dan id-dritt barrani fid-digriet li bih tinnomina l-perit jew espert jew b'digriet ieħor, imma qatt xort'oħra milli b'digriet.

5. It-taxxa magħmula mir-reġistratur tista' tiġi appellata minn kull perit jew parti kif hemm preskritt bl-artikolu 667 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

6. Id-drittijiet li jmissu lill-periti taxxaturi fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja jkunu regolati skond in-Nru. 13 tat-Tariffa Ċ.

TARIFFA J

Drittijiet li jitħallsu għal Testimonjali jew proċeduri għal Avarija

1	Għall-proċeduri meħtieġa wara l-preżentata ta' xi rikors dwar testimonjal jew dwar proċeduri ta' avarija sal-preżentata tar-rapport:		
	(i)	dritt tar-reġistru	€116.47
	(ii)	dritt dovut lill-avukat	€232.94
	(iii)	dritt dovut lill-Imħallef delegat	€116.47
	(iv)	dritt dovut lid-deputat reġistratur	€58.23
	(v)	dritt dovut lil min jagħmel it-traduzzjoni, jekk meħtieġa	€58.23
	(vi)	dritt dovut lill-iskrivan għat-traskrizzjoni tat-testimonjal u tax-xhieda, jekk meħtieġa	€46.59
	(vii)	dritt dovut lill-uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti	€34.94
2	Meta t-testimonjal jiġi miktub barra l-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jiżdiedu bi		25%
	Iżda jekk it-testimonjal jiġi miktub abbord ta' bastiment 'l barra minn port id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' din it-Tariffa jiżdiedu bi		50%
3	Meta t-testimonjal jiġi miktub f'xi ħin wara l-4.00 pm u qabel id-9.00 am, id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' din it-Tariffa jiżdiedu bi		50%
4	(1) It-testimonjal għandu jinkiteb bl-Ingliż.		
	(2) Għandu jiġi impjegat interpretu meta d-dikjarazzjoni ssir jew ix-xiehda tingħata f'ilsien li l-Imħallef delegat ma jkunx jifhem.".		

TARIFFA K

Drittijiet li jitħallsu lill-Periti

1. *Kejl ta' Raba'*

(*a*) Kejl mingħajr pjanta li turi l-irjieħ biss:

	Art Pjana	Art Imtarġa jew Art Pjana b'siġar u/jew b'ostakoli oħra	Art Imtarġa b'siġar u/jew b'ostakoli
Jekk l-area ma teċċedix 4496 metri kwadri.....	€9.32	€11.65	€13.98
Jekk l-area teċċedi 4496 metri kwadri iżda ma teċċedix 8992 metri kwadri ..	€16.31	€20.96	€23.29
Jekk l-area teċċedi 8992 metri kwadri iżda ma teċċedix 13488 metri kwadri....	€23.29	€30.28	€37.27
Jekk l-area teċċedi 13488 metri kwadri iżda ma teċċedix 17984 metri kwadri....	€34.94	€41.93	€51.25

Jekk l-area teċċedi 17984 metri kwadri iżda ma teċċedix 26976 metri kwadri....	€46.59	€53.58	€69.88
Jekk l-area teċċedi 26976 metri kwadri għal kull 1124 metri kwadri addizjonali jew parti minnhom għandhom jiżdiedu.....	€1.75	€2.33	€2.91

euro

(*b*) Kejl bi pjanta dettaljata:

(i) Jekk l-area ma teċċedix 8992 metri kwadri d-drittijiet speċifikati fis-sub-paragrafu (*a*) għandhom jiżdiedu b' €2.33 għal kull 1124 metri kwadri jew parti minnhom.

(ii) Jekk l-area teċċedi 8992 metri kwadri id-drittijiet speċifikati fis-sub-paragrafu (*a*) għandhom jiżdiedu b' €2.33 għal kull 1124 metri kwadri għall-ewwel 8992 metri kwadri u b'€1.16 għal kull 1124 metri kwadri addizzjonali jew parti minnhom.

(*ċ*) Kejl ta' toroq inklużi pjanti li juru l-konfini:

F'dan is-sub-paragrafu l-kelma "triq" tfisser kull triq u tinkludi kull triq, sqaq, pjazza jew post ieħor ta' passaġġ pubbliku.

Għal kull 46 metri jew parti minn 46 metri tat- tul tat-triq murija fil-pjanta 4.66

(*d*) Livelli:

Meta punti ta' livell b'kontorni jew mingħajr kontorni jkunu meħtieġa d-drittijiet li jitħallsu skond is-sub-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*) għandhom jiżdiedu bi:

150% jekk il-livelli jittieħdu f'intervalli ta' 1.5 metri

100% jekk il-livelli jittieħdu f'intervalli ta' 3 metri

90% jekk il-livelli jittieħdu f'intervalli ta' 6 metri

80% jekk il-livelli jittieħdu f'intervalli ta' 9 metri

70% jekk il-livelli jittieħdu f'intervalli ta' 12 metri

60% jekk il-livelli jittieħdu f'intervalli ta'15 metri

50% jekk il-livelli jittieħdu f'intervalli ta' 18 metri

40% jekk il-livelli jittieħdu f'intervalli ta' 21.5 metri

30% jekk il-livelli jittieħdu f'intervalli ta' 24.5 metri

20% jekk il-livelli jittieħdu f'intervalli ta' 27.5 metri

10% jekk il-livelli jittieħdu f'intervalli ta' 30.5 metri

2. *Kejl u Pjanti ta' Bini*

(*a*) Bini ta' ordinament sempliċi u regolari fil-pjanta:

(i) jekk ta' mhux iżjed minn 6 arei 5.82

(ii) jekk ta' iżjed minn 6 arei, id-dritt ta' hawn fuq għandu jiżdied b'€1.16 għal kull area addizzjonali

(*b*) Bini b'ħitan irregolari:

Id-drittijiet speċifikati fis-sub-paragrafu (*a*) għandu jiżdied b'ħamsin fil-mija (50%).

Nota: Id-drittijiet ta' hawn fuq għandhom ikunu dwar sular wieħed biss.

Għall-kejl u pjanta ta' kull sular ieħor id-drittijiet għandhom jitnaqqsu b'ħamsin fil-mija (50%).

(*ċ*) Bini ta' karattru speċjali:

Għal kull 9 metri kwadri jew parti minn 9 metri kwadri ta' l-area totali 0.58

3. *Pjanti ta' Siti ta' Bini u Diviżjoni Relattiva fi Bċejjeċ għal Bini*

Għall-kejl ta' sit ta' bini, għall-preparazzjoni ta' pjanti dettaljati u għat-tqassim tas-sit fi bċejjeċ għall-bini:

(i) jekk l-area ma teċċedix 878 metri kawdri .. 11.65

(ii) jekk l-area teċċedi 878 metri kwadri, għal kull 439 metri kwadri addizzjonali jew parti minn 439 metri kwadri 6.99

4. *Kejl ta' Tħaffir u ta' Mili b'Terrapien*

Sa 14 metri kubi, għal kull 3 metri kubi jew parti minnhom 1.40

'Il fuq minn 14 u sa 28.5 metri kubi, għal kull 3 metri kubi jew parti minnhom 1.11

'Il fuq minn 28.5 metri kubi, għal kull 3 metri kubi jew parti minnhom 0.82

5. *Kejl ta' Xogħlijiet jew Kontijiet tax-Xogħol*

(*a*) Għal kejl ta' xogħol inkluż l-apprezzament 2%

(*b*) Għal kontijiet tax-xogħlijiet dettaljati b'negozju inkluż l-apprezzament 2½%

(*ċ*) Għal kejl ta' xogħlijiet u apprezzamenti li jeħtieġ kalkoli barra mill-kejl ta' kwantitajiet attwalment eżistenti u l-istima tal-prezzijiet relattivi 3%

6. *Stimi*

(*a*) Raba'

Jekk il-valur ma jeċċedix €232.94 ..... 6.99

Jekk il-valur jeċċedi €232.94 iżda mhux €465.87 9.08

Jekk il-valur jeċċedi €465.87 iżda mhux €698.81 11.88

Jekk il-valur jeċċedi €698.81 iżda mhux €931.75 13.98

Jekk il-valur jeċċedi €931.75 iżda mhux €1,164.69 16.07

Jekk il-valur jeċċedi €1,164.69 iżda mhux €1,397.62 17.47

Jekk il-valur jeċċedi €1,397.62 iżda mhux €1,630.56 18.87

Jekk il-valur jeċċedi €1,630.56 iżda mhux €1,863.50 20.27

Jekk il-valur jeċċedi €1,863.50 iżda mhux €2,096.44 21.66

Jekk il-valur jeċċedi €2,096.44 iżda mhux €2,329.37 ..... 23.06

Jekk il-valur jeċċedi €2,329.37 id-dritt għandu jiżdied bi €0.30 għal kull €100.00 jew parti minn €100.00

(b) Bini

Jekk il-valur ma jeċċedix €232.94 6.99

Jekk il-valur jeċċedi €232.94 iżda mhux €465.87 7.57

Jekk il-valur jeċċedi €465.87 iżda mhux €698.81 8.39

Jekk il-valur jeċċedi €698.81 iżda mhux €931.75 9.43

Jekk il-valur jeċċedi €931.75 iżda mhux €1,164.69 10.48

Jekk il-valur jeċċedi €1,164.69 iżda mhux €1,397.62 11.53

Jekk il-valur jeċċedi €1,397.62 iżda mhux €1,630.56 12.58

Jekk il-valur jeċċedi €1,630.56 iżda mhux €1,863.50 13.63

Jekk il-valur jeċċedi €1,863.50 iżda mhux €2,096.44 14.68

Jekk il-valur jeċċedi €2,096.44 iżda mhux €2,329.37 ..... 15.84

Jekk il-valur jeċċedi €2,329.37 id-dritt għandu jiżdied b'€0.30 għal kull €100.00 jew parti minn €100.00

(*ċ*) Proprjetà enfitewtika u proprjetà suġġetta għall-użufrutt, piżijiet u servitujiet.

Id-dritt dovut ikun stmat skond il-valur tal-proprjetà bħala franka.

Fl-istima tad-direttdominju perpetwu ta' fond jew ta' kull piż perpetwu, id-dritt ikun stmat skond il-paragrafu 15.

(*d*) Użufrutt

Fl-istima ta' użufrutt id-dritt ikun stmat fuq il-valur tal-proprjetà bħala franka biż-żieda ta' dritt kif provdut fis-sub-paragrafu (*b*) tal-paragrafu 15.

(*e*) Porzjonijiet ta' fondi

Fil-valutazzjoni ta' porzjoni mhux diviża ta' fond, sew jekk franka jew enfitewtika jew suġġettata għall-użufrutt, servitù jew piż, id-dritt għandu jiġi stmat kif hemm fis-sub-paragrafu (*a*) u (*b*) ta' dan il-paragrafu jew fuq il-bażi ta' erbgħa fil-mija (4%) fuq il-valur tal-porzjoni hekk valutata, liema dritt ikun l-anqas, iżda f'ebda każ id-dritt li jitħallas ma għandu jkun anqas minn €6.99

Nota: Id-drittijiet speċifikati f'dan il-paragrafu jinkludu kull drittijiet għal stimi u qisien li jkunu meħtieġa biex wieħed jasal għall-valur finali.

7. *Diviżjoni ta' Proprjetà*

Id-dritt li jitħallas ikun kwart tad-dritt stabbilit għall-istima iżda ma għandux ikun iżjed minn €34.94 għal kull pjan ta' qsim ta' proprjetà.

8. *Stima tal-Valur ta' Tiġrif jew Benefikati*

Għal preparazzjoni ta' skeda, bi stima tal-valur jew mingħajrha, id-dritt ikun daqs ħamsa fil-mija (5%) fuq l-ammont stmat:

Iżda jekk tkun meħtieġa biss stima tal-valur, id-dritt ikun tnejn fil-mija (2%) ta' l-ispiża stmata.

F'ebda każ id-dritt ma għandu jkun anqas minn €6.99

9. *Stima ta' Ħsara li ma tkunx Tiġrif*

Għal preparazzjoni ta' skeda dettaljata u ħlas ta' l-ammont, id-dritt ikun daqs ħamsa fil-mija (5%) ta' l-ammont stmat:

Iżda d-dritt dwar xogħlijiet ripetuti ta' natura identika għandu jiġi mnaqqas b'sittin fil-mija (60%) għal kull xogħol ħlief l-ewwel wieħed.

F'ebda każ id-dritt ma għandu jkun anqas minn €6.99

10. *Disinji u Fabrikazzjoni ta' Bini*

Għat-teħid ta' istruzzjonijiet tal-klijent, preparazzjo-ni ta' skizzijiet ta' disinji, għemil ta' stimi approssimattivi ta' l-ispiża b'qis kubu jew xort'oħra, għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-bini u/ jew liċenzi oħra, preparazzjoni ta' disinji u speċifikazzjonijiet ta' xogħol, għoti ta' sorveljanza ġenerali, ħruġ ta' ċertifikati ta' ħlas u ċertifikazzjoni ta' kontijiet, id-dritt dwar xogħlijiet ġodda għandu jkun stmat kif ġej:

Jekk l-ispiża tax-xogħol magħmul ma jeċċedix €232.94	10% ta' l-ispiża
Jekk l-ispiża tax-xogħol magħmul jeċċedi €232.94iżda ma jeċċedix €698.81.....	9 % ta' l-ispiża
Jekk l-ispiża tax-xogħol magħmul jeċċedi €698.81 iżda ma jeċċedix €1,164.69	8 % ta' l-ispiża
Jekk l-ispiża tax-xogħol magħmul jeċċedi €1,164.69 iżda ma jeċċedix €2,329.37	7% ta' l-ispiża
Jekk l-ispiża tax-xogħol magħmul jeċċedi €2,329.37	6% ta' l-ispiża

Fil-każ ta' alterazzjonijiet f'bini eżistenti il- perċentaġġ li għandu jitħallas għandu jiżdied b'ħamsin fil-mija (50%) fuq ir-rata għal xogħlijiet ġodda.

Noti: (1))Id-drittijiet speċifikati f'dan il-paragrafu ma għandhomx ikopru s-sorveljanza kostanti tax-xogħol iżda dik is-sorveljanza biss li tista' teħtieġ għall-fini tar-responsabbiltà professjonali tal-perit skond kull liġi relattiva li tkun f'xi żmien isseħħ u li tista' tinħtieġ biex jiġi żgurat illi x-xogħlijiet ikunu qed jiġu magħmula in ġenerali skond il-kuntratt.

(2) Iżda dawk id-drittijiet għandhom ikopru r-responsabbiltà tal-perit biex jiġi żgurat illi ebda devjazzjoni, alterazzjoni, żieda għal jew ommissjoni sostanzjali minn disinn approvat ma jsir mingħajr ma jkun jaf u mingħajr kumpens tal-klijent, u biex jiġi nfurmat il-klijent jekk l-ispiża awtorizzata totali x'aktarx tiġi eċċeduta jew jekk il-perijodu kuntrattat aktarx jiġi varjat.

(3) Meta jkun miftiehem bejn il-perit u l-klijent biex iżommu s-servizzi ta' konsulenti, id-dritt tal-perit għandu jiġi ridott b'terz tad-drittijiet ta' l-ispiża tax-xogħlijiet li dwarhom is-servizzi tal-konsulenti jiġu miżmuma.

11. *Drittijiet meta l-perit jabbanduna lill-Klijent jew jiġi Abbandunat mill-Klijent jew Xogħlijiet Jibqgħu mhux Magħmula*

1. Jekk proġett imsemmi fil-paragrafu 10 ta' din it-Tariffa jew parti minnu jkun abbandunat jew jekk il-perit jabbanduna l-klijent jew ikun abbandunat mill-klijent:

(*a*) wara li l-perit ikun ħa l-istruzzjonijiet tal-klijent, ipprepara l-iskizz tad-disinji preliminari biżżejjed biex juru l-interpretazzjoni tal-perit dwar l-istruzzjonijiet tal-klijent u wara li jkun għamel stima approssimattiva tal-prezz tal-proġett, id-dritt għandu jammonta għal terz (1/3) tad-drittijiet speċifikati fil-paragrafu 10;

(*b*) wara li l-perit ikun ħa l-istruzzjonijiet tal-klijent, ipprepara l-iskizz tad-disinji, għamel stima approssimattiva ta' l-ispiża, issottometta applikazzjonijiet għal liċenzi għal bini u/jew liċenzi oħra, u pprepara disinji u speċifikazzjonijiet tax-xogħol id-dritt għandu jammonta għal żewġ terzi (2/3) tad-dritt speċifikat fil-paragrafu 10.

2. Il-perit li jkun ġie mqabbad wara li ieħor qablu jkun ġie abbandunat jew ikun abbanduna lill-klijent tiegħu kif intqal fuq ikun intitolat għal:

(*a*) ħamsa minn sitta (5/6) tad-drittijiet speċifikati fil-paragrafu 10 fil-każ kontemplat fis-sub-paragrafu 1 (*a*) ta' dan il-paragrafu;

(*b*) nofs (½) tad-drittijiet speċifikati fil-paragrafu 10 fil-każ kontemplat fis-sub-paragrafu 1 (*b*) ta' dan il-paragrafu.

12. *Materjal Qadim jew Materjal u Servizzi Provduti mill-Klijent*

Meta xogħol ta' bini ikun ġie esegwit kollu jew f'parti b'materjal qadim jew il-materjal, xogħol u/jew trasport ikunu provduti kollha jew f'parti mill-klijent, id-dritt tal-perit għandu jiġi kalkolat bħallikieku x-xogħol ikun ġie esegwit kollu b'materjal ġdid u bħallikieku l-materjal, xogħol u/jew it-trasport ikun ġie mħallas kollu bil-prezz korrenti.

13. *Servizzi mhux inklużi fil-Paragrafi 10 u 11*

Drittijiet addizzjonali għandhom jitħallsu għal:

(*a*) kejl ta' siti jew bini u teħid ta' livelli;

(*b*) alterazzjoni ta' disinji jew preparazzjoni ta' disinji ġodda u għal servizzi oħra li jsiru meħtieġa minn varjazzjonijiet jew żidiet mitluba mill-klijent wara li d-disinji oriġinali ikunu ġew approvati minnu;

(*ċ*) stima tal-kumpens dovut biex ħitan diviżorji jsiru komuni;

(*d*) kejl u apprezzament ta' xogħlijiet esegwiti.

14. *Strutturi Indeterminati Statikament*

F'każijiet li jinvolvu d-disinn ta' strutturi indeterminati statikament jew membri strutturali indeterminati statikament, dritt ta' tnejn fil-mija (2%) fuq il-prezz ta' dawk l-istrutturi jew membri strutturali għandu jitħallas b'żieda tad-drittijiet li għandhom jitħallsu skond il-paragrafu 10 ta' din it-Tariffa.

15. *Drittijiet Mixxellanji*

(*a*) Għal servizz żgħir mhux provdut għalih xort'oħra 1.54

(*b*) Għal servizz importanti mhux provdut għalih xort oħra 4.66

(*ċ*) Drittijiet bil-ħin:

F'każijiet meta jkun miftiehem bejn il-perit u l-klijent illi d-dritt għandu jkun fuq bażi ta' ħin, id-dritt għandu jkun €3.49 is-siegħa, iżda, meta l-perit jeħtieġ l-għajnuna ta' assistent, id-dritt għandu jiżdied b'40ċ €0.93is-siegħa.

(*d*) Drittijiet għat-traġitt:

Minn Malta għal Għawdex u viċe versa jew minn Għawdex għal Malta u viċe versa 6.99

(*e*) Spejjeż li jirrigwardaw dmirijiet fil-Qorti:

(i) spejjeż għat-trasport għal attendenza *in faciem loci* 6.99

(ii) ittapjar u stampar ta' verbali, għal kull paġna A4, għall-ewwel kopja 0.70

u għal kull kopja addizzjonali 0.23

(iii) għall-ħruġ ta' kull avviż ta' seduta jew attendenza *in faciem loci* lill-avukati u l-partijiet 1.16

16. Id-drittijiet taxxabbli lill-periti li jkunu nominati bħala periti ġudizzjarji għal kull opinjoni trattata fir-rapport għandhom ikunu sa massimu ta' €116.47 għal kull punt ta' dritt li jiġi deċiż. Kull kalkolu jew komputazzjoni ta' ammont biex jingħata bħala danni jew kumpens mill-Qrati għandu jitqies bħala opinjoni, u l-massimu taxxabbli għal dik l-opinjoni għandu jkun €232.94. Il-kriterju għandu jkun ix-xogħol involut u qatt l-ammont stmat mill-perit ġudizzjarju:

Iżda għandu jitħallas dritt lil perit maħtur bħala perit ġudizzjarju kif ġej:

(*a*) għal kull seduta li ssir -

(i) għall-ewwel siegħa jew parti minnha 23.29

(ii) għal kull siegħa addizzjonali jew parti minnha 23.29

(*b*) għal kull attendenza *in faciem loci* li ssir -

(i) għall-ewwel siegħa jew parti minnha 31.45

(ii) għal kull siegħa addizzjonali jew parti minnha 23.29

17. Perit, meta jkun ordnat mill-Qorti jew meħtieġ minn klijent biex jidher quddiem xi assistent ġudizzjarju jew perit ġudizzjarju, jew għal attendenza *in faciem loci*, għandu jitħallas dawn id-drittijiet:

(i) għall-ewwel siegħa jew parti minnha 34.94

(ii) għal kull siegħa addizzjonali jew parti minnha 31.45

18. Id-drittijiet murija f'din it-Tariffa għandhom, fil-każijiet kollha, ikunu minbarra l-prezz tal-kopji ta' dokumenti, spejjeż ta' traġitt u l-ispejjeż l-oħra kollha mhux ġa provdut għalihom.

19. L-espert nominat mill-qorti ma jkunx intitolat għal xi dritt għal servizzi dwar il-preżentazzjoni tar-rapport jew il-konferma ta' l-istess bil-ġurament, iżda jekk, wara li jkun ippreżenta r-rapport u kkonfermah bil-ġurament, ikun meħtieġ jattendi l-qorti, ikun intitolat għal dritt ta' attendenza skond il-partita (*f*) ta' l-Iskeda A li tinsab ma' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet tax-Xhieda.

TARIFFA L

Drittijiet li għandhom jitħallsu għal proċediment taħt l-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16

		euro
Dritt tar-reġistru għall-preżentata ta' kull rikors jew nota		4.66
Għal taħrikiet ta' xhieda - għal kull xhud		0.35
Għal kull kopja ta' kull rikors jew nota - għal kull faċċata		0.58
Lill-avukat jew prokuratur legali - għal kull rikors jew nota		6.99
Għal servizzi oħra dwar dawn il-proċedimenti minn		6.99
	sa	23.29"

3. Il-Formuli fl-Iskeda B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) għandhom jiġu sostitwiti b'dawn il-Formuli rispettivament li ġejjin:

"FORMULI

Nru. l.
Rikors ta'
minuri biex jaġixxi
b'kuratur.

Fil-(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

.....

.....

kontra

.....

.....

Rikors ta' hawn fuq imsemmi.

Bil-qima jgħid:-

Illi, fil-fehma ta' nies kompetenti, huwa assistit minn jedd tajjeb biex jaġixxi kontra hawn fuq imsemmi, sabiex , iżda, billi huwa minuri, għaliex għandu biss l-età ta' jitlob għaldaqshekk bil-qima lil din il-Qorti li tagħtih li jimxi għall-jeddijiet tiegħu bil-mezz ta' kuratur maħtur minn din il-Qorti.

(*Digriet tal-Qorti*)

Il-Qorti,

Wara li rat ir-rikors ta' ,

Taħtar lil bħala kuratur ta' , sakemm dan idum ta' età minuri, fil-kawża msemmija f'dan ir-rikors.

Illum,

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 2
Rikors ta'
terza persuna
għall-ħatra ta'
kuratur biex
jidher għal
wieħed minuri.

Fil-(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

.....
.....
kontra
.....
.....

Rikors ta'

Bil-qima jgħid:-

Illi, bħal ma hu ġie mgħarraf, hu assistit minn jedd tajjeb biex jaġixxi kontra , sabiex , iżda, billi huwa minuri, għaliex għad għandu biss l-età ta' , ir-rikorrent, għaldaqshekk, bil-qima jitlob lil din il-Qorti li taħtar kuratur sabiex jippproponi t-talbiet meħtieġa fl-isem tal-minuri hawn fuq imsemmi.

(*Digriet tal-Qorti*)

Il-Qorti,

Wara , eċċ.,

Illum,

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 3

Rikors biex
wieħed iħarrek/
jiddefendi ruħu
bil-benefiċċju ta'
għajnuna legali.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

.....

.....

kontra

.....

.....

Rikors ta' l-imsemmi

Bil-qima jgħid:-

Li fit-talba minn/kontra għal hu jikkwalifika biex iħarrek/ jiddefendi ruħu bil-benefiċċju ta' l-għajnuna legali.

Ir-rikorrent, għaldaqstant bil-qima jitlob lil din il-Qorti tilqa' t-talba biex ikun jista' jħarrek/ jiddefendi ruħu bil-benefiċċju ta' l-għajnuna legali, u l-imsemmi rikorrent jiddikjara bil-ġurament li fil-fehma tiegħu l-imsemmija talba/difiża hi ġusta, u li minbarra l-oġġett fil-kawża, hu ma għandu ebda xorta ta' proprjetà (bla ma jitqiesu l-ilbiesi ta' kuljum) li l-valur nett tagħha jammonta għal mhux aktar minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12), bla ma jitqiesu dawk l-oġġetti tad-dar ta' kuljum li huma raġonevolment meħtieġa għall-użu tar-rikorrent u tal-familja tiegħu, u l-qliegħ tiegħu fis-sena huwa inqas mill-paga minima nazzjonali stabbilita għal persuni li jkunu għalqu t-tmintax-il sena; u fil-kalkolu tal-valur nett imsemmi, ma jkun ittieħed ebda qies tar-residenza prinċipali tar-rikorrent jew ta' kull proprjetà oħra, immobbli jew mobbli, li dwarha jista' jkun hemm kwistjoni fil-qorti, ukoll jekk dik il-proprjetà l-oħra ma tkunx tagħmel parti mill-kwistjoni li dwarha jkun hemm proċeduri li għalihom ikun qiegħed jintalab il-benefiċċju ta' għajnuna legali; u fil-kalkolu tal-qliegħ, iż-żmien ta' komputazzjoni ġie kkalkulat fuq il-perijodu ta' tnax-il xahar li jiġu qabel it-talba għall-benefiċċju ta' għajnuna legali.

(*Digriet tal-Qorti*)

Il-Qorti,

Wara, eċċ.,

Tordna li dan ir-rikors jiġi mibgħut lill-Avukat għal Għajnuna Legali biex jeżamina u jirrapporta jekk ir-rikorrent għandux raġuni tajba biex jaġixxi.

Illum ,

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 4
Rikors għal digriet dwar proċeduri ta' konkors.

Fil-(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

Rikors ta' għall-proċeduri bejn il-krediturі ta'

Bil-qima jgħid:-

Illi fir-Reġistru ta' din il-Qorti hemm imqiegħda s-somma ta' b'ċedola ppreżentata minn fil-

Illi r-rikorrent bħala kreditur ta' l-imsemmi jippretendi dik is-somma, iżda ma jistax joħodha għaliex hemm oħrajn li jippretenduha wkoll (jew jidhrilhom li għandhom interess fiha) b'mod li hemm issa lok għall-ftuħ ta' konkors fuq dak id-depożitu bejn il-krediturі ta' l-imsemmi

Għaldaqshekk ir-rikorrent jitlob bil-qima li din il-Qorti tordna l-ħruġ ta' avviż dwar dan il-konkors.

(*Digriet tal-Qorti*)

Il-Qorti,

Tilqa' t-talba, u taħtar il-ġurnata ta' għad-dehra ta' dawk li għandhom interess fis-smigħ tal-kawża, u tordna lir-Reġistratur li joħroġ l-avviż imsemmi fl-artikolu 416 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Illum,
(*Firma tar-Registratur*)

Nru. 5

Avviż wara d-Digriet
ta’ hawn fuq.

AVVIŻ

Registru tal-
Illum

B’dan l-avviż hu mgħarraf kull wieħed li jista’ jkollu interess, illi fir-Reġistru tal- (*ikteb l-isem tal-Qorti*) , tinsab is-somma ta’ li ġiet imqiegħda minn b’ċedola tal- favur ta’ ; u illi b’digriet tal- fuq rikors ta’ il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-konkors fuq id-depożitu u ħatret il-ġurnata ta’ għad-dehra ta’ l-interessati u għas-smigħ tal-kawża.

Għalhekk kull min jidhirlu li għandu interess, huwa msejjaħ biex iġib ’il quddiem il-jeddijiet tiegħu fuq depożitu hawn fuq imsemmi bil-mezz ta’ rikors, fiż-żmien ta’ mid-data ta’ hawn fuq, għall-effetti kkontemplati fil-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 7

Taħrika għas-
smigħ ta' kawża.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lil ..... Marixxall tal-Qrati

BILLI ngħalqu l-proċeduri bil-miktub f'kawża quddiem il-Qorti

(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

BEJN

il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal

Int, għaldaqshekk, ordnat, li billi tagħti kopja ta' din lil kull wieħed mill-attur u konvenut jew lil ħaddieħor għalihom, skond il-liġi, tħarrikhom biex jidhru fi quddiem l-imsemmija Qorti, meta f'dak il-jum tiġi mismugħa u deċiża l-kawża hawn fuq imsemmija.

Barra minn dan, inti ordnat li twissi, bl-istess mod lill-attur u konvenut fuq imsemmija illi, jekk huma, billi jibqgħu kontumaċi jonqsu u ma jidhrux fil-lok, jum u ħin imsemmijin, din il-Qorti tgħaddi, fl-assenza tagħhom biex tagħti d-deċiżjoni tagħha skond il-ħaqq, fuq talba ta' l-imsemmi dak in-nhar stess, jew f'jum ieħor wara, kif jiġi ordnat mill-Qorti.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' din it-taħrika, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-imsemmija Qorti (*ikteb l-isem tal-Qorti*),
bix-xiehda ta' Duttur tal-Liġi,
ta' din il-Qorti.

Illum,

Nru. 8

Mandat għat-taħrik ta' xhieda
u/jew biex jinġiebu dokumenti
quddiem il-Qorti/quddiem perit.

Fil- (*ikteb l-isem tal-Qorti*)

Fil-kawża fl-ismijiet

.....

.....

kontra

.....

.....

Rikors ta'

Jintalab bir-rispett il-ħruġ ta' mandat ta' taħrik ta' xhieda fil-kawża msemmija hawn fuq kontra l-persuna imsemmija aktar 'l isfel u għas-seduta u ħin indikati, u/jew ġġib magħha d-dokumenti msemmija aktar 'l isfel.

Isem u indirizz tal-persuna biex titħarrek b'xhud:

Dokumenti li għandha ġġib magħha:

Jum u ħin li fih għandha tidher u fejn:

Avukat Prokuratur Legali

Illum,

Ippreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

B 4786

Nru. 8

Mandat għat-taħrik ta' xhieda
u/jew biex jinġiebu dokumenti
quddiem il-Qorti/quddiem perit.

REPUBBLIKA TA' MALTA

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI mir-rikors preżentat hawn fuq fil-kawża imsemmija li qiegħda quddiem din il-Qorti tinħtieġ ix-xiehda tal-persuna indikata;

Inti ordnat, għaldaqshekk, li tħarrek lill-istess persuna sabiex tidher fil-jum u ħin kif indikati, u li terġa' tidher f'kull jum u ħin ieħor li għalih l-istess kawża tiġi mħollija sabiex tagħti x-xiehda tagħha f'dik il-kawża u/jew li ġġib magħha d-dokumenti indikati.

Għandek ukoll twissi lill-istess persuna illi jekk ma tobdix din it-taħrika teħel il-pieni li hemm stabbiliti għad-disprezz tal-Qorti, u tista' tiġi mġiegħla tidher b'mandat ta' skorta jew ta' arrest, u tbati l-konsegwenzi l-oħra kollha li għalihom, skond il-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tista' tkun suġġetta minħabba dak in-nuqqas.

U wara li tkun għamilt dan, billi tagħti jew tibgħat kopja ta' dan il-mandat lill-persuna indikata jew lil ħaddieħor għalih, skond il-liġi, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*ikteb l-isem tal-Qorti*)

bix-xiehda ta' Duttur tal-liġi,
ta' din il-Qorti.

Illum,

Nru. 9

Mandat ta' qbid
għal ammenda jew multa,
jew ta' arrest kontra
xhieda li jonqsu li
jidhru biex jixhdu u/
jew biex iġibu magħhom
dokumenti.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI b'digriet tal-(*isem tal-Qorti*) mogħti fil- , ġie kkundannat għall-ammenda (*jew multa*) ta' €
(*jew għad-detenzjoni jew għall-priġunerija għal*) minħabba li naqas jidher bħala xhud fil-kawża
kontra

Aħna, għaldaqshekk, nordnawlek illi, mingħajr dewmien ta' xejn, taqbad minn għand l-imsemmi , rahan li jiswa daqs is-somma hawn fuq imsemmija biż-żieda ta' l-ispejjeż ta' dan il-mandat, inkella, jekk ma jkunx hemm ħwejjeġ suġġetti għall-qbid, illi tieħu lill-imsemmi il-ħabs li qiegħed għall-ikkundannati għad-detenzjoni (*jew priġunerija*) biex jinżamm hemm għaż-żmien fuq imsemmi ta' kemm-il darba ma jħallasx is-somma hawn fuq imsemmija.

U wara li tkun għamilt dan, eċċ.,

(*kif hemm fil-Formula Nru. 8*) .

Nru. 10

Mandat ta' Skorta kontra xhud li naqas jidher biex jixhed u/jew biex iġib miegħu dokumenti.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI il-Qorti (*ikteb l-isem tal-Qorti*) b'digriet mogħti fi ordnat li minħabba li naqas jidher bħala xhud quddiem din il-Qorti fil-kawża bejn u , inġieb quddiem din il-Qorti biex jixhed u/jew iġib dokumenti fis-seduta ta'

Int, għaldaqshekk, ordnat li ġġib quddiem din il-Qorti lil , hawn fuq imsemmi, u li iżżomm sakemm huwa jagħti x-xiehda tiegħu u/jew iġib id-dokumenti jew sakemm din il-Qorti tordna l-ħelsien tiegħu.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*ikteb l-isem tal-Qorti*) hawn fuq imsemmija, bix-xieħda ta' Duttur tal-Liġi, tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum,

Nru. 11

Obbligazzjoni tal-garanti fil-każijiet imsemmija mil-liġi għal xi mandati.

Jien, hawn taħt iffirmat, nidħol garanti *in solidum* ta' għal kull somma li jista' jiġi kkundannat iħallas bħala penali, jew għal xi ħaġa oħra, skond il-liġi, minħabba l-esekuzzjoni tal-mandat li ġie mitlub minnu, u niddikjara bil-ġurament li fil-fehma tiegħi jien garanti tajjeb biex nesegwixxi din l-obbligazzjoni tiegħi.

Nru. 12

Mandat ta' Sekwestru.

Fil-(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

(Sekwestrant) .....

.....

kontra

(Sekwestrat) .....

.....

Rikors ta'

Jitlob bir-rispett:

Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru f'idejn is-sekwestratarju jew sekwestratarji kif jissemma hawn isfel, kontra s-sekwestrat għall-kreditu infraskritt u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura, in kawtela tal-kreditu hawn taħt indikat in esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv hawn imsemmi kif konfermat hawn taħt bil-ġurament.

Kreditu: { Sorti / Imgħax / Spejjeż

Kawżali/Titolu esekuttiv:

Sekwestratarju/i

Avukat

Prokuratur Legali

Illum,

Ikkonfermat bil-ġurament quddiemi wara li qrajtlu l-kontenut, u fil-preżenza ta' bħala xhud ta' l-identità, u ppreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 12

Mandat ta' Sekwestru.

REPUBBLIKA TA' MALTA

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI ġie preżentat ir-rikors ta' hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għall-ordnijiet infraskritti;

Inti, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b'kopja li tagħti ta' dan il-mandat, l-ewwel lis-sekwestratarji hawn fuq imsemmija, u mbagħad lis-sekwestrat fuq imsemmi, iġġiegħel lill-istess sekwestratarji li jżommu għandhom bħala issekwestrata sakemm jagħlaq iż-żmien li fih il-mandat jibqa' jseħħ skond il-liġi, jew, sakemm jingħata Ordni ieħor, jew li jqiegħdu fir-Reġistru ta' din il-Qorti, mill-imsemmija ħwejjeġ jew flus tas-sekwestrat kwantità (jew somma) biżżejjed sabiex biha titħallas it-talba tas-sekwestrant hawn fuq imsemmi, flimkien ma' l-ispejjeż ta' dan il-mandat taħt piena tad-danni u l-imgħaxijiet kemm-il darba jinkiser dan l-ordni.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek minnufih tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*) hawn fuq imsemmija

bix-xhieda ta' Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum, 20

Nru. 13

Sejħa għad-depożitu
wara notifika ta'
Mandat ta' Sekwestru.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI, bis-saħħa ta' Mandat ta' Sekwestru maħruġ mill-Qorti, u li ġie esegwit fil-ġiet issekwestrata għand bħala li għandu f'idejh ħwejjeġ u/jew flus ta'
kwantità minn dawk il-ħwejjeġ u/jew flus biżżejjed biex jitħallas id-dejn ta' l-istess lejn

U billi l-istess
wera illi għalaq iż-żmien li fih għandhom jiġu ikkunsinjati l-ħwejjeġ u/jew flus li ġew hekk issekwestrati;

U billi issa ġiet magħmula talba sabiex l-istess
kun imġiegħel iqiegħed fir-Reġistru ta' din il-Qorti l-ħwejjeġ u/ jew flus li ġew hekk issekwestrati għand

Int, għaldaqshekk, ikkmandat li tordna lill-istess
biex iqiegħed fir-Reġistru ta' din il-Qorti, fi żmien jumejn min-notifika ta' dan il-Mandat, il-ħwejjeġ u/jew flus hawn fuq imsemmija, issekwestrati għand u twissih illi, jekk fiż-żmien hawn fuq imsemmi, ma għamilx dan id-depożitu jitmexxa kontra tiegħu skond il-liġi.

U wara li tkun għamilt dan, billi tagħti kopja ta' dan lill-istess
jew, lil ħaddieħor għalih, skond il-liġi jew, jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' din l-Ordni inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti minn din il-Qorti

bix-xhieda ta' Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum,

Nru. 14

Mandat ta' Impediment
ta' tluq ta' Bastiment.

Fil- (*ikteb l-isem tal-Qorti*)

(Rikorrenti) .....

.....

kontra

(Intimat) .....

.....

Rikors ta'

Jingħad bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament: -

Illi l-esponenti jrid jikkawtela l-kreditu infraskritt kontra l-persuna/bastiment intimat/a;

Illi bis-safar tal-bastiment fuq riferit il-kreditu ta' l-esponenti jista' jiġi eluż;

Għaldaqstant, jintalab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' impediment ta' tluq tal-bastiment imsemmi hawn fuq għall-kreditu infraskritt u għall-ispejjeż tal-preżenti proċedura.

Kreditu:

Kawżali/Titolu eseKuttiv: -

Avukat

Prokuratur Legali

Illum,

Ikkonfermat bil-ġurament quddiemi wara li qrajtlu il-kontenut, u fil-preżenza ta'
bħala xhud ta' l-identità u ppreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 14

Mandat ta' Impediment
ta' Tluq ta' Bastiment.

REPUBBLIKA TA' MALTA

MANDAT TAL-QORTI Nru. .....

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI ġie preżentat ir-rikors hawn anness, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għall-ordnijiet infraskritti;

Int għaldaqstant, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat li żżomm it-tluq tal-bastiment hemm imsemmi, sakemm tiġi mogħti ordni ieħor, u li, għaldaqshekk, tagħmel dak kollu li hu meħtieġ.

Int ikkmandat, ukoll, li, b'kopja li tagħti ta' dan il-mandat, tordna lil Kaptan ta' l-imsemmi bastiment, sabiex iżomm it-tluq tal-bastiment, u lill-Kontrollur tad-Dwana biex ma jagħtix il-karti tat-tluq ta' dak il-bastiment u, jekk qatt dawn ikunu ġa ġew mogħtija, li joħodhom lura taħt piena li jħallas id-danni u l-imgħaxijiet lill-imsemmi rikorrent.

Fl-aħħarnett, int mgħarraf illi, jekk ma tiġix mogħti ordni ieħor ġdid, dan il-mandat jispiċċa li jseħħ fi żmien sitt xhur mil-lum.

U meta tagħmel dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)

bix-xiehda ta' Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum, 20

Nru. 15

Mandat ta' Qbid.

Fil-(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

(Kreditur) .....

.....

kontra

(Debitur) .....

.....

Rikors ta'

Jintalab bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament:

Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' qbid kontra l-imsemmi debitur għas-somma/għall-oġġetti hawn isfel imsemmija u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura, in kawtela tal-kreditu hawn taħt indikat/in esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv hawn isfel imsemmi.

Kreditu: { Sorti / Imgħax / Spejjeż

Avukat

Prokuratur Legali

Illum,

Ikkonfermat bil-ġurament quddiemi wara li qrajtlu l-kontenut, u fil-preżenza ta' bħala xhud ta' l-identità, u ppreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 15

Mandat ta’ Qbid.

REPUBBLIKA TA’ MALTA

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI ġie preżentat ir-rikors ta’ hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għal ordni infraskritt;

Inti għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat li, mingħajr ebda dewmien taqbad mingħand id-debitur hawn fuq imsemmi rahan li jiswa daqs id-dejn/l-oġġetti imsemmija fir-rikors flimkien ma’ l-ispejjeż ta’ dan il-mandat kemm-il darba ma jsirx il-ħlas jew ma titqiegħedx fir-Reġistru ta’ din il-Qorti l-oġġetti/s-somma msemmija bħal dejn:

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa’ ma’ xi xkiel fl-esekuzzjoni ta’ dan il-mandat, inti għandek minnufih tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)

bix-xiehda ta’ Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum,

Nru. 16

Mandat "*in factum*"

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI b'sentenza mogħtija mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)

fi ,
ġie kkundannat
favur

U billi
fisser li l-istess ma għamilx dak li ġie lilu ordnat b'dik is-sentenza;

Int, għaldaqshekk, ordnat li, mingħajr dewmien ta' xejn, tieħu l-ħabs ta' lill-istess sabiex jinżamm hemm sakemm din il-Qorti tagħti ordnijiet oħra.

U wara li tkun għamilt dan, billi tagħti kopja ta' dan il-mandat lill-istess jew, lil ħaddieħor għalih, skond il-liġi, jew, jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)

bix-xiehda ta' Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum,

Nru. 17

Mandat ta' Żgumbrament.

Fil- (*ikteb l-isem tal-Qorti*)

(Rikorrenti) .....

.....

kontra

(Intimat) .....

.....

Rikors ta'

Jintalab bil-qima:-

Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament kontra l-intimat (mill-fond infraskritt) in eseku zzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-intimat naqas li jagħmel dan sal-lum.

Fond:

Sentenza:

Avukat

Prokuratur Legali

Illum,

Ippreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 17

Mandat ta'
Żgumbrament.

REPUBBLIKA TA' MALTA

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI bis-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti, kif imsemmi fir-rikors ta' hawn fuq, hemm l-ordni għall-iżgumbrament ta' l-intimat mill-fond imsemmi, u billi l-istess intimat naqas li jagħmel dan sal-lum;

Int, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ikkmandat li tiżgombra effettivament lill-intimat mill-fond imsemmi fir-rikors, billi tħallih battal favur l-istess rikorrenti u tordna wkoll lill-intimat imsemmi billi tagħtih kopja ta' dan il-mandat, li ma jfixkilx/ ifixklux lill-istess rikorrenti fit-tgawdija libera tal-fond imsemmi, taħt il-pieni li hemm għal disprezz tal-Qorti.

U wara li tagħmel dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek minnufih tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)

bix-xiehda ta' Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum,

Nru. 18

Mandat ta' Deskrizzjoni wara talba ta' l-Avukat Ġenerali f'każijiet ta' wirt battal.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI kif uriena l-Avukat Ġenerali, miet fil- u l-werrieta tiegħu, b'testment jew leġittimi, m'humiex magħrufa;

U billi l-istess Avukat Ġenerali talab il-ħruġ ta' mandat ta' deskrizzjoni tal-ħwejjeġ ta' l-istess fl-interess ta' kull min jista' jkollu jedd;

Int, għaldaqstant, ordnat tmur fejn kien soltu joqgħod l-imsemmi u f'kull post ieħor fejn hu magħruf li hemm ħwejjeġ tiegħu, tniżżel ħaġa b'ħaġa l-ħwejjeġ kollha tal-wirt tiegħu u tqiegħed il-ħwejjeġ mobbli kollha ta' dak il-wirt f'din il-Qorti.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)

bix-xiehda ta' Duttur tal-Liġi, tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum,

Nru. 19

Kontromandat.

Fil- (*ikteb l-isem tal-Qorti*)

Wara l-mandat ta' .....

..... Nru. .....

maħruġ f' .....

fl-ismijiet:-

.....

.....

kontra

.....

.....

Rikors ta'

Jintalab bil-qima:-

Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' l-opportun kontromandat għar-raġuni infraskritta.

Raġuni:-

Avukat

Prokuratur Legali

Illum,

Ippreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

B 4802

Nru. 19

Kontromandat.

REPUBBLIKA TA' MALTA

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI, wara l-eseкuzzjoni tal-mandat li għalih jirreferi r-rikors ta' hawn fuq, hemm raġunijiet skond il-liġi għala l-istess mandat m'għandux jibqa' jseħħ;

Inti, għaldaqsheкk, ikkmandat u ordnat twaqqaf minnufih l-effetti tal-mandat fuq imsemmi, billi tagħti kopja ta' dan lil kull wieħed li kien ġie nnotifikat b'dak il-mandat.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eseкuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek minnufih tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)

bix-xiehda ta' Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum,

Nru. 20

Mandat ta' Deskrizzjoni.

Fil-(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

(Rikorrent) .....

.....

kontra

(Intimat) .....

.....

Rikors ta'

Jingħad bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament:-

Illi l-esponenti jrid jikkawtela kontra l-persuna intimata l-ħwejjeġ mobbli hawn taħt elenkati u sabiex ikun jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu huwa għandu interess li dawk il-ħwejjeġ mobbli jibqgħu fil-lok u fl-istat li fih jinsabu;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' deskrizzjoni ta' (*hawn ikteb il-ħwejjeġ mobbli li jridu jiġu deskritti u l-lok fejn dawn jinsabu*) .

Avukat

Prokuratur Legali

Illum, jum ta' 20

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut, u fil-preżenza ta' bħala xhud ta' l-identità, u ppreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 20

Mandat ta' Deskrizzjoni.

REPUBBLIKA TA' MALTA

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxal tal-Qrati

BILLI ġie ppreżentat ir-rikors ta' hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għal ordni infraskritt;

Inti, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b'kopja li tagħti ta' dan il-mandat lill-imsemmi intimat, inti għandek tiddeskrivi l-ħwejjeġ mobbli kollha fid-dettal ħaġa ħaġa u ssemmi n-numru u x-xorta tagħhom;

Inti wkoll ikkmandat li tordna lill-intimat sabiex ikompli jżomm għandu l-ħwejjeġ mobbli hekk deskritti u li tavżah li huwa responsabbli ta' l-irfigħ sewwa tagħhom, taħt il-pieni li thedded il-liġi għal min jonqos;

U wara li tagħmel dan, u jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)
bix-xiehda ta' Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum, jum ta' 20

Nru. 21

Mandat ta' Inibizzjoni.

Fil-(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

(Rikorrent) .....

.....

kontra

(Intimat) .....

.....

Rikors ta'

Jingħad bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament:-

Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimat milli (*hawn ikteb il-ħwejjeġ li jrid jiġi miżmum milli jagħmel*);

Illi l-esponenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

Avukat

Prokuratur Legali

Illum, jum ta' 20

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut, u fil-preżenza ta' bħala xhud ta' l-identità, u ppreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 21

Mandat ta’ Inibizzjoni.

REPUBBLIKA TA’ MALTA

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxal tal-Qrati

BILLI ġie ppreżentat ir-rikors ta’ hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għall-ordnijiet infraskritti;

Inti, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b’kopja li tagħti ta’ dan il-mandat lill-imsemmi intimat, inti għandek iżżomm lill-intimat milli jagħmel il-ħwejjeġ imsemmija fl-imsemmi rikors li huma ta’ ħsara għar-rikorrent, taħt il-pieni li thedded il-liġi għal min jonqos;

U wara li tagħmel dan, u jekk tiltaqa’ ma’ xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta’ dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)
bix-xiehda ta’ Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum, jum ta’ 20

Nru. 22

Mandat ta' Inibizzjoni
f'każ ta' separazzjoni
personali li jmexxi
l-parti l-oħra fiż-żwieġ.

Fil-(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

(Rikorrent) .....

.....

kontra

(Intimat) .....

.....

Rikors ta'

Jingħad bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament:-

Illi l-esponenti (*hawn ikteb "għamel" jew "se jagħmel"*) quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża kawża għas-separazzjoni personali;

Illi l-esponenti jixtieq li l-qorti toħroġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu:

(*a*) fejn ma tħallix lill-imsemmi intimat li jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma f'xi soċjetà kummerċjali jekk dawk l-ishma jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u b'mod partikolari (*hawn ikteb id-dettalji tas-soċjetà jew soċjetajiet kummerċjali*); u

(*b*) fejn ma tħallix lill-intimat milli jagħmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piż fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.

Avukat

Prokuratur Legali

Illum, jum ta' 20

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut, u fil-preżenza ta' bħala xhud ta' l-identità, u ppreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 22

Mandat ta' Inibizzjoni
f'każ ta' separazzjoni
personali li jinibixxi
l-parti l-oħra fiż-żwieġ.

REPUBBLIKA TA' MALTA

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxal tal-Qrati

BILLI ġie preżentat ir-rikors ta' hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għall-ordnijiet infraskritti;

Inti, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b'kopja li tagħti ta' dan il-mandat lill-intimat, għandek iżżomm lill-istess intimat milli jbiegħ, inehħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma f'xi soċjetà kummerċjali jekk dawk l-ishma jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u milli jagħmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piż fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti;

Inti ordnat li tinnotifika lill-intimat illi dan il-mandat ma japplikax għall-kostituzzjoni ta' xi jedd fuq, jew tneħħija jew trasferiment ta' xi beni li jsir fuq ordni ta' xi qorti;

Int ikkmandat ukoll sabiex tesegwixxi dan il-mandat minnufih u li tinibixxi lill-intimat milli jkompli jagħmel dawk il-ħwejjeġ imsemmija fl-imsemmi rikors li huma ta' ħsara għar-rikorrent, taħt il-pieni li thedded il-liġi għal min jonqos;

U wara li tagħmel dan, u jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)
bix-xiehda ta' Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum, jum ta' 20

Nru. 23

Mandat ta' Inibizzjoni
f'każ ta' separazzjoni personali
li jinibixxi soċjetà kummerċjali.

Fil-(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

(Rikorrent) .....

.....

kontra

(Intimat) .....

.....

Rikors ta'

Jingħad bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament:-

Illi l-esponenti (*hawn ikteb "għamel" jew "se jagħmel"*) quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża kawża għas-separazzjoni personali;

Illi l-intimat għandu l-maġġoranza tal-ishma li tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti fis-soċjetà/soċjetajiet kummerċjali (*hawn ikteb id-dettalji tas-soċjetà jew soċjetajiet kummerċjali*)

Illi sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, l-esponenti jixtieq li l-qorti toħroġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat jew l-intimati milli jbiegħ jew ibiegħu, jnehhi jew inehhu, jittrasferixxi jew jittrasferixxu jew xort'oħra jiddisponi jew jiddisponu sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà ta' l-intimat jew ta' l-intimati u b'mod partikolari (*hawn ikteb id-dettalji tal-proprjetà immobbli rikjesti mill-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku*)

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-imsemmija soċjetà jew soċjetajiet kummerċjali.

Avukat

Prokuratur Legali

Illum, jum ta' 20

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut, u fil-preżenza ta' bħala xhud ta' l-identità, u ppreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

23ċ

B 4810

Mandat ta’ Inibizzjoni
f’każ ta’ separazzjoni personali
li jinibixxi soċjetà kummerċjali.

REPUBBLIKA TA’ MALTA

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxal tal-Qrati

BILLI ġie ppreżentat ir-rikors ta’ hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għall-ordnijiet infraskritti;

Inti, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b’kopja li tagħti ta’ dan il-mandat lil (*hawn ikteb id-dettalji tas-soċjetà jew soċjetajiet kummerċjali*), għandek iżżomm lill-istess intimat jew intimati milli jbiegħ jew ibiegħu, ineħħi jew ineħħu, jittrasferixxi jew jitrasferixxu u jiddisponi jew jiddisponu *inter vivos* sew b’titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà ta’ l-intimat jew intimati;

Inti ordnat li tinnotifika lill-intimat illi dan il-mandat ma japplikax għall-kostituzzjoni ta’ xi jedd fuq, jew tneħħija jew trasferiment ta’ xi beni li jsir fuq ordni ta’ xi qorti;

Int ikkmandat ukoll sabiex tesegwixxi dan il-mandat minnufih u li tinibixxi lill-intimat jew intimati milli jkompli jagħmel jew ikomplu jagħmlu dawk il-ħwejjeġ imsemmija fl-imsemmi rikors li huma ta’ preġudizzju għar-rikorrent, taħt il-pieni li thedded il-liġi għal min jonqos;

U wara li tagħmel dan, u jekk tiltaqa’ ma’ xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta’ dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)

bix-xiehda ta’ Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum, jum ta’ 20

Nru. 24

Mandat ta' Inibizzjoni
biex iwaqqaf persuna
milli tieħu minuri barra
minn Malta.

Fil-(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

(Rikorrent) .....

.....

kontra

(Intimat) .....

.....

Rikors ta'

Jingħad bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament:-

Illi l-esponenti għandu interess illi l-minuri hawn taħt imsemmi ma jittiħidx barra minn Malta;

Illi l-intimat huwa/hija/huma persuna/persuni li għandu/ għandha/għandhom, jew li jista'/ tista'/jistgħu ikollu/ikollha/ ikollhom il-kustodja legali jew attwali ta' l-imsemmi minuri;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat jew l-intimati fejn huwa/hija/huma jiġi/tiġi/jiġu ordnat/i milli jieħu/tieħu/jieħdu jew jippermetti/tippermetti/jippermettu lil xi ħadd jieħu/tieħu/ jieħdu l-imsemmi minuri barra minn Malta;

Dettalji tal-minorenni (*hawn ikteb l-isem u kunjom il-persuna ta' taħt l-età u kull dettal ieħor, inkluži d-data u l-lok tat-twelid u l-ismijiet tal-ġenituri sabiex minnhom wieħed jagħraf sew l-identità tal-minorenni*)

Avukat

Prokuratur Legali

Illum, jum ta' 20

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut, u fil-preżenza ta' bħala xhud ta' l-identità, u ppreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 24

Mandat ta' Inibizzjoni
biex iwaqqaf persuna
milli tieħu minuri barra
minn Malta.

REPUBBLIKA TA' MALTA

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxal tal-Qrati

BILLI ġie preżentat ir-rikors ta' hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għall-ordnijiet infraskritti;

Inti, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b'kopja li tagħti ta' dan il-mandat lill-intimat, għandek iżżomm lill-istess intimat/intimati milli jieħu/tieħu/jieħdu jew jippermetti/ tippermetti/ jippermettu li tittieħed barra minn Malta il-persuna ta' taħt l-età, taħt il-pieni li thedded il-liġi għal min jonqos;

Int ikkmandat ukoll li tordna, b'kopja li tagħti ta' dan, lill-Uffiċjal inkarigat mill-għoti tal-Passaporti biex ma joħroġx jew jikkonsenja passaport li fih ikun hemm imdaħħal il-persuna ta' taħt l-età u biex ma jdaħħalx isem dik il-persuna taħt l-età fil-passaport tar-rappreżentant legali tagħha jew fil-passaport ta' persuna oħra, u, jekk qabel in-notifika tal-mandat lill-uffiċjal inkarigat mill-għoti tal-passaporti, ikun diġà inħareġ passaport f'isem il-persuna ta' taħt l-età jew isem il-minorenni kien diġà mdaħħal fil-passaport ta' ħaddieħor, dak l-Uffiċjal għandu jaġixxi biex jirtira l-passaport li fih tkun imdaħħla dik il-persuna ta' taħt l-età u kull passaport ieħor li fih ikun imdaħħal isem il-persuna ta' taħt l-età, u biex iħassar isem dik il-persuna minn dak il-passaport, taħt il-piena hawn fuq imsemmija, u li tordna b'kopja oħra ta' dan, lill-Kummissarju tal-Pulizija biex ma jħallix lill-imsemmija persuna ta' taħt l-età titlaq minn Malta, taħt il-piena hawn fuq imsemmija, taħt il-pieni li thedded il-liġi għal min jonqos;

Fl-aħħarnett, int mgħarraf illi jekk int ma tiġix mogħti ordni ġdid, dan il-mandat jispiċċa li jseħħ fi żmien sena mil-lum;

U wara li tagħmel dan, u jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)
bix-xiehda ta' Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum, jum ta' 20

Nru. 25

Mandat ta' Inibizzjoni
(fejn it-talba teċċedi
€9,317.49).

Fil-(*ikteb l-isem tal-Qorti*)

(Rikorrent) .....

.....

kontra

(Intimat) .....

.....

Rikors ta'

Jingħad bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament:-

Illi l-esponenti sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari (*hawn ikteb id-dettalji tal-proprjetà immobbli kif stipulati mill-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku*)

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.

Kreditu:

Titolu:

Avukat

Prokuratur Legali

Illum, jum ta' 20

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut, u fil-preżenza ta' bħala xhud ta' l-identità, u ppreżentat minn

(*Firma tar-Reġistratur*)

Nru. 25

Mandat ta’ Inibizzjoni
(fejn it-talba
teċċedi €9,317.49).

REPUBBLIKA TA’ MALTA

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxal tal-Qrati

BILLI ġie ppreżentat ir-rikors ta’ hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għall-ordnijiet infraskritti;

Inti, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b’kopja li tagħti ta’ dan il-mandat lill-intimat, għandek iżżomm lill-istess intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b’titolu oneruż jew gratuwitu kull proprjetà;

Inti ordnat li tinnotifika lill-intimat illi dan il-mandat ma japplikax għall-kostituzzjoni ta’ xi jedd fuq, jew tneħħija jew trasferiment ta’ xi beni li jsir fuq ordni ta’ xi qorti;

Int ikkmandat ukoll sabiex tesegwixxi dan il-mandat minnufih u li żżomm lill-intimat milli jkompli jagħmel dawk il-ħwejjeġ imsemmija fl-imsemmi rikors li huma ta’ ħsara għar-rikorrent, taħt il-pieni li thedded il-liġi għal min jonqos;

U wara li tagħmel dan, u jekk tiltaqa’ ma’ xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta’ dan il-mandat, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti (*isem tal-Qorti*)
bix-xiehda ta’ Duttur tal-Liġi,
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum, jum ta’ 20

Nru. 26

Ordni tal-Qorti
għall-qadi tad-dmir
ta' Assistent Ġudizzjarju.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lid-Duttur tal-Liġi ..... Assistent Ġudizzjarju.

Billi fil-kawża quddiem din il-Qorti (*ikteb l-isem tal-Qorti*) ..... Ċitazzjoni Nru ..... bejn l-attur ..... u l-konvenut ..... tinħtieġ in-nomina ta' Assistent Ġudizzjarju sabiex:

*(*a*) jaċċerta u jistabilixxi l-kwistjonijiet ta' fatt jew ta' liġi li jkun hemm f'kawża, kif ukoll dawk il-fatti jew punti ta' liġi li jkun hemm f'kawża li dwarhom il-partijiet ikunu jaqblu, u li jipprova iwassal lill-partijiet għal ftehim dwar il-kwistjonijiet li jkun hemm fil-kawża, u li jagħmel rapport dwar dan kollu lill-Qorti;

*(*b*) jieħu x-xiehda ta' kull persuna li tinġieb b'xhud waqt kull proceduri;

*(*ċ*) jieħu kull affidavit fuq kull ħaġa;

*(*d*) jirċievi dokumenti prodotti ma' kull xiehda, affidavit jew dikjarazzjoni, inklużi b'mod partikolari xiehda, affidavit jew dikjarazzjoni kif imsemmija fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

* (*e*) .....

.....

Inti, għaldaqshekk, ordnat illi skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 97A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili twettaq inkarigu ta' Assistent Ġudizzjarju fil-kawża fuq imsemmija bis-setgħat kollha mogħtija lilek mil-liġi, b'dan li int għandek iżżomm l-ewwel seduta tiegħek fi .... 20 ..... fi ..... a.m/p.m. fi ..... u wara tippreżenta r-rapport tiegħek u x-xiehda mismugħa, jekk ikun hemm, fl-istess Qorti mhux aktar tard mill-jum li għalih se tiġi mħollija din il-kawża.

.....

Mħallef tal-Qorti
hawn fuq imsemmija.

Illum ..... ta' ..... 20 .....

*Hassar kif meħtieġ

Nru. 27

Taħrika għas-smigħ
ta' proċeduri/xiehda
quddiem Assistent Ġudizzjarju.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lil ..... Marixxal tal-Qrati.

Billi fil-kawża quddiem din il-Qorti (*ikteb isem tal-Qorti*) ..... Ċitazzjoni Nru. ..... bejn l-attur ..... u l-konvenut ..... il-Qorti tat ordni lid-Duttur tal-Liġi .... sabiex jaqdi d-dmirijiet ta' Assistent Ġudizzjarju billi:

*(*a*) jaċċerta u jistabilixxi l-kwistjonijiet ta' fatt jew ta' liġi li jkun hemm f'kawża, kif ukoll dawk il-fatti jew punti ta' liġi li jkun hemm f'kawża li dwarhom il-partijiet ikunu jaqblu, u li jipprova jwassal lill-partijiet għal fteħim dwar il-kwistjonijiet li jkun hemm fil-kawża, u li jagħmel rapport dwar dan kollu lill-Qorti;

*(*b*) jieħu x-xiehda ta' kull persuna li tinġieb b'xhud waqt kull proċediment;

*(*ċ*) jieħu kull affidavit fuq kull ħaġa;

*(*d*) jirċievi dokumenti prodotti ma' kull xiehda, affidavit jew dikjarazzjoni, inklużi b'mod partikolari xiehda, affidavit jew dikjarazzjoni kif imsemmija fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

* (*e*) .....

.....

U billi l-istess Qorti iffissat is-smigħ ta' dawn il-proċeduri/xiehda għal .....
..... 20 ..... fi ..... a.m/p.m. fi ..... quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fuq imsemmi;

*Hassar kif meħtieġ

Inti, għaldaqshekk ordnat illi billi tagħti kopja ta' din lil kull wieħed mill-attur u l-konvenut hawn fuq imsemmija, jew lil ħaddieħor għalihom, skond il-liġi, tħarrikom biex jidhru fil-post, jum u ħin imsemmija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fuq imsemmi, meta f'dak il-jum jinstemgħu l-proċeduri/xiehda u jsir rapport dwarhom lill-Qorti.

Barra minn dan, inti ordnat li twissi, bl-istess mod lill-attur u l-konvenut fuq imsemmija illi, jekk huma, billi jibqgħu kontumaċi jonqsu u ma jidhrux fil-lok, jum u ħin imsemmijin, jew fi kwalunkwe jum ieħor wara li jiġi hekk iffissat mill-Assistent Ġudizzjarju, huwa jgħaddi biex jirrapporta dan il-fatt lill-istess Qorti li tipprovdi skond il-liġi.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' din it-taħrika, inti għandek tgħarraf minnufih lill-Assistent Ġudizzjarju fuq imsemmi.

.....

Duttur tal-Liġi

Assistent Ġudizzjarju

tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum ..... ta' ..... 20 .....

23ċ

Nru. 28

Ordni għat-taħrika
ta' xhud mogħti minn
Assistent Ġudizzjarju.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Fi (*ikteb l-isem tal-Qorti*)

Ċitazzjoni Nru: .....

pendenti quddiem id-Duttur tal-Liġi

.....

Assistent Ġudizzjarju, fl-ismijiet:

.....

.....

vs.

.....

.....

Lix-xhud: .....

Indirizz: .....

Bis-saħħa ta's-setgħat mogħtija bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 97A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, qiegħed nordnalek biex tidher quddiemi fil-post, jum u ħin hawn taħt imsemmija biex tagħti x-xiehda tiegħek fil-kawża hawn fuq imsemmija:

Jum u ħin: .....

Post fejn għandek tidher: .....

Dokumenti li għandek iġġib miegħek: .....

.....

.....

Inwissik b'dan illi jekk tonqos milli tidher fil-post, jum u ħin hawn fuq imsemmija, inti tista' teħel il-pieni li hemm stabbiliti għad-disprezz tal-Qorti, u tista' tiġi mġiegħel tidher quddiemi b'ordni ta' skorta jew ta' arrest, u tbati l-konsegwenzi l-oħra kollha li għalihom, skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tista' tkun suġġett minħabba dak in-nuqqas.

.....

Duttur tal-Liġi

Assistent Ġudizzjarju

tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum ..... ta' ..... 20 .....

Nru. 29

Ordni għat-taħrika
ta' xhieda u sabiex jingiebu
dokumenti quddiem
Assistent Ġudizzjarju.

Fi (*ikteb l-isem tal-Qorti*)

Ċitazzjoni Nru: .....

pendenti quddiem id-Duttur tal-Liġi

.....

Assistent Ġudizzjarju, fl-ismijiet:

.....

.....

vs.

.....

.....

Rikors ta' .....

Jintalab bir-rispett il-ħruġ ta' ordni ta' taħrik ta' xhieda fil-kawża msemmija hawn fuq kontra l-persuna msemmija aktar 'l isfel u għas-seduta u ħin indikati, u ġġib magħha d-dokumenti hawn taħt imsemmija:

Persuna biex titħarrek b'xhud:.....

Indirizz:.....

Jum, ħin u lok li fih għandha tidher: .....

Dokumenti li għandha ġġib magħha: .....

.....

.....

Avukat: .....

Prokuratur Legali: .....

Illum ..... ta' ..... 20 .....

Ippreżentat minn .....

(*Firma tar-Reġistratur*)

B 4820

REPUBBLIKA TA' MALTA

ORDNI MAGĦMUL MINN ASSISTENT ĠUDIZZJARJU

Lix-xhud/xiehda indikat/i fir-rikors

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 97A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, qiegħed nordna lil kull persuna indikata bħala xhud fir-rikors biex tidher quddiemi fil-post, jum u ħin hemm imsemmija biex tagħti x-xiehda tagħha fil-kawża hawn fuq imsemmija.

Imwissi b'dan illi jekk xhud jonqos milli jidher fil-post, jum u ħin imsemmija, dan jista' jeħel il-pieni li hemm stabbiliti għad-disprezz tal-Qorti, u jista' jinġiegħel jidher quddiemi b'ordni ta' skorta jew ta' arrest, u jbati l-konsegwenzi l-oħra kollha li għalihom, skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jkun suġġett minħabba dak in-nuqqas.

.....

Duttur tal-Liġi

Assistent Ġudizzjarju

tal-Qorti hawn fuq imsemmija

Illum ..... ta' ..... 20 .....

Nru. 30

Ordni ta’ Skorta
maħruġ minn Assistent Ġudizzjarju
kontra xhud li naqas
jidher kif ordnat.

REPUBBLIKA TA’ MALTA

ORDNI MAGĦMUL MINN ASSISTENT ĠUDIZZJARJU

Fi (*ikteb l-isem tal-Qorti*)

Ċitazzjoni Nru: .....
pendenti quddiem id-Duttur tal-Liġi
.....
Assistent Ġudizzjarju, fl-ismijiet:
.....
.....
vs.
.....
.....

Lil ..... Marixxall tal-Qrati.

Billi b’ordni mogħti minni fil- ..... il-persuna ..... ġiet ordnata tidher quddiemi bħala xhud fil-post, jum u ħin imsemmija fl-istess ordni;

U billi l-imsemmija persuna naqset li tidher kif ordnata;

B’dan, għalhekk, wara li rajt is-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 97A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, nordnalek li ġġib quddiemi lill-persuna fuq imsemmija, u li żżommha sakemm tagħti x-xiehda tagħha fil-jum, ħin u post hawn taħt imsemmija, jew sakemm ma nagħtikx ordni ieħor.

Jum u ħin: .....

Post fejn ix-xhud għandu jidher: .....

Dokumenti li għandu jġib miegħu: .....
.....
.....

.....
Duttur tal-Liġi
Assistent Ġudizzjarju
tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum ..... ta’ ..... 20 .....
Indirizz tax-xhud: .....
.....

B 4822

Nru. 31

Avviż Nru.: .....

Ħruġ: Illum .....

Notif.: Ippreżentata mill-.....

Kopja:

Reġistratur

QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)

--

AVVIŻ

B'dan int imsej tid quddiem il-Qorti hawn fuq imsemmija f'

fid- biex twieġ għat-talba ta'

u tgħid il-għaliex ma għand tkun ikkundannat

u, jekk ton li tid fil-jum u siegħa hawn fuq imsemmijin, il-Qorti tiddeċiedi skond il-Liġi.

Maħruġ .....

Reġistratur"

4. L-Iskeda Ċ tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda li ġejja:

"SKEDA Ċ

(ARTIKOLU 249)

(1) ..... Bank Ltd. jidħol bħala garanti solidali tal-appellant (2) ..... għall-ispejjeż tal-appell fil-kawża (3) ..... sa l-ammont ta' (4) ..... euro (€) u dan għall-fini u skond it-termini tal-artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12.

Din il-garanzija tibqa' sseħħ sa sitt xhur minn meta l-imsemmi appell jiġi deċiż, jew jiġi ċedut jew imur dežert u għalhekk tispiċċa jekk ma jkun hemm l-ebda talba bil-miktub dwarha fl-imsemmi żmien ta' sitt xhur.

Qabel ma jagħmel xi ħlas taħt din il-garanzija l-Bank jista' jitlob li jingħieb ċertifikat tar-Reġistratur li juri d-data ta' meta l-appell ikun ġie deċiż, ċedut jew dežert, kif ukoll id-dokumentazzjoni neċessarja għall-prova tat-talba għall-ħlas.

Illum ta' 20

(5) .....

għall- Bank Ltd.

(1) Isem tal-Bank garanti

(2) Dettalji ta' l-appellant

(3) Okkju tal-kawża appellata

(4) Ammont tal-garanzija

(5) Firmatarju għall-Bank".

5. Il-Partijiet II u IV ta' l-Iskeda tal-Kodiċi tal-Kummerċ għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"TAQSIMA II

KUMMISSJONIJIET U DRITTIJIET

Kummissjonijiet

Xiri u bejgħ ta' merkanzija.

Għal xiri ta' merkanzija bil-flus tal-mandant fl-idejn	2%
Għal xiri ta' merkanzija u tratta għall-valur tagħha	2½%
Għal bejgħ ta' merkanzija	2%
Talli wieħed jipprova jbigħ merkanzija -	
jekk il-valur huwa iżjed minn Lm500 €1,164.69	¼%
jekk il-valur huwa Lm500 €1,164.69jew inqas	½%
Għal xiri u bejgħ ta' bastimenti tal-qlugħ jew ta' vapuri (kompriża s-senserija), minn kull waħda mill-partijiet	1¼%

Operazzjonijiet Bankarji

Għal ġbid ta' tratta	1/8 sa ¼%

Xiri u bejgħ ta' merkanzija.

Għal rimessa	1/8%
Għal aċċettazzjoni	1/8%
Għal negozjazzjoni	1/8 sa ¼%
Għal ġîra ta' kambjali	1/8%
N.B. - Jekk il-ġbid u r-rimessa ta' tratta jew l-aċċettazzjoni jew in-negozjazzjoni jirrigwardaw l-istess operazzjoni, id-dritt huwa biss	¼%
Xiri u bejgħ ta' fondi pubbliċi-	
għal titoli kkwotati iżjed minn 75%, mill-valur tagħhom nominali - *fuq il-valur nominali*	1/8%
għal titoli kkwotati anqas minn 75% mill-valur tagħhom nominali - *fuq il-valur nominali*	1/16%
Għal sborżi lil vjaġġaturi kontra ittri ta' kreditu	½%
Għal inkass, ħlas jew negozjazzjoni ta' kupuni	1/8%
Għal inkass ta' kambjali u rimessa ta' l-ammont	1/8%
Għal inkass ta' flus f'kont kurrent u rimessa ta' l-inkassi, jew ħlas magħmul fuq talba	1/8%
N.B.-L-anqas rati msemmijin hawn fuq fil-każijiet fejn ir-rata mhix fissa, igħoddu għal operazzjonijiet li l-ammont tagħhom huwa iżjed minn €232.94	

Aġenzija ta' Bastimenti tal-Qlugħ jew ta' Vapuri

Lin-noleġġatur ta' bastiment tal-qlugħ jew ta' vapur	2%
Lill-kunsinnatarju, fuq in-noleġġ ta' bastiment tal-qlugħ jew ta' vapur, meta huwa jkun jipprokura n-noleġġ	1%
Fuq in-nolijiet ta' importazzjoni, kif jidhru fil-manifest, sew jekk in-nol jitħallas fil-port ta' destinazzjoni, kemm jekk bil-quddiem	2%
Talli wieħed jipprokura nolijiet lil vapuri jew lil bastimenti tal-qlugħ għal esportazzjoni, kif jidhru fil-manifest	3%
Għal sborżi lil vapuri jew bastimenti tal-qlugħ	2%
Għal sborżi lil vapuri jew bastimenti tal-qlugħ, meta huma taħt avarija	2½%
Għal ħatt u tagħbija mill-ġdid, jew għal spedizzjoni mill-ġdid ta' merkanzija fuq bastiment bil-qlugħ jew vapur bl-avarija jew mingħajrha -	
meta l-valur tal-merkanzija huwa anqas minn €4,658.75	½%
meta l-valur tal-merkanzija huwa iżjed minn €4,658.75	¼%
Għal trasbord ta' kollijiet - skond il-merkanzija u n-numru tal-kollijiet-	
għal kull koll	1ċ sa 6ċ
għal balal jew kaxex ta' drappijiet -	
għal kull balla jew kaxxa	23ċ
għal ħadid - *għal kull tunnellata*	23ċ
Għal bejgħ b'irkant pubbliku ta' merkanzija jew oġġetti żbarkati minn bastimenti tal-qlugħ jew vapuri taħt avarija	2%

Drittijiet

Talli wieħed jidher għal persuna waħda jew iżjed quddiem qorti tal-ġustizzja -	
jekk l-ammont fil-kawża jaqbeż €2,329.37 -	
fil-qorti ta' l-ewwel grad	2%
fil-qorti tat-tieni grad	1%
jekk l-ammont fil-kawża huwa €2,329.37 jew anqas -	
fil-qorti ta' l-ewwel grad	3%
fil-qorti tat-tieni grad	2%
N.B. Jekk wieħed jidher għal persuna oħra fil-qorti tat-tieni grad biss, id-dritt hu -	
jekk l-ammont fil-kawża jaqbeż €2,329.37	2%
jekk l-ammont fil-kawża huwa €2,329.37 jew anqas	3%
Għal depożiti fil-qrati bħala garanzija f'kawża (barra mill-imgħax tas-6 fil-mija fis-sena) -	
għal żmien mhux iżjed minn sena	3%
għal kull żmien wara, mhux iżjed minn sena	2%
Għal riċezzjoni ta' telegrammi sabiex jinbagħtu barra - *għal kull telegramm*	58¢
Talli wieħed jagħti ordnijiet -	
lil vapuri - *għal kull ordni*	€1.16
lil bastimenti tal-qlugħ - *għal kull ordni*	58¢
Talli wieħed jipprokura kummissjonijiet, jirċievi u jikkunsinna merkanzija, jirregola kontijiet, jipprokura aċċetazzjonijiet, jew jinkassa u jirrimetti	3%
Għal *del credere* fuq bejgħ ta' merkanzija bid-dejn	2%
Talli wieħed jagħmel garanzija favur ta' persuna *fix-xahar*	¼%
Talli wieħed jagħmel garanzija favur ta' persuna, akkumpanjata b'depożitu (barra mill-¼% fix- xahar) l-imgħax, fis-sena, ta'	6%

TAQSIMA IV

DRITTIJIET TA' PERITI

	euro
Għall-eżami ta' l-istat ta' bastiment tal-qlugħ, jew ta' l-istat tal-buk jew tal-makna ta' vapur, bl-avarija jew mingħajrha -	
għall-ewwel vista	4.89
għal kull vista oħra	2.45
Għall-eżami ta' merkanzija -	
jekk il-valur ma jaqbeżx €232.94.....	1.22
jekk il-valur jaqbeż €232.94 imma mhux €465.87	2.45
jekk il-valur jaqbeż €465.87 -	
għall-ewwel vista	4.89
għal kull vista oħra	2.45
Għall-eżami, abbord, tal-kondizzjoni ta' l-istat tat-tagħbija u ta' l-istivar tagħha -	
għall-ewwel vista	4.89
għal kull vista oħra	2.45

	euro
N.B. - Id-drittijiet ta' hawn fuq imissu lil kull perit u għal attendenzi ġewwa l-Port il-Kbir jew ġewwa l-Port ta' Marsamxett; għal attendenzi 'l barra minn dawn il-Portijiet, dawk id-drittijiet jiġu rduppjati. Fid-drittijiet hawn fuq imsemmija jidħlu d-drittijiet għall-formazzjoni tar-rapport, iżda l-ispejjeż tat-trasport u spejjeż oħra magħmulin mill-periti fl-eseḳuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, jiġu mħallsin lilhom b'żieda mad-drittijiet hawn fuq imsemmija.	
Jekk il-periti jibqgħu okkupati iżjed minn ġurnata 'l barra minn dawk iż-żewġ Portijiet u l-attendenza kontinwa tagħhom tkun meħtieġa għal iżjed minn dak iż-żmien - barra mill-ispejjeż li jagħmlu, għal kull ġurnata mibdija	12.23
Għal stima ta' bastiment tal-qlugħ jew ta' vapur, ta'attrezzi u armar ieħor - barra mill-ispejjeż li jagħmlu-	
fuq l-ewwel €1,164.69	1%
fuq it-tieni €1,164.69	¾%
fuq kull somma oħra	½%".

6. Il-Parti I ta' l-Iskeda tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Taqsima I

DRITTIJIET

Drittijiet li għandhom jinġabru taħt l-artikolu 268

	Euro
1. Għar-reġistrazzjoni ta' att tat-twelid	2.33
2. Għar-reġistrazzjoni ta' att taż-żwieġ	2.33
Nota: Għall-ħlas tad-drittijiet imsemmijin taħt il-paragrafi 1 u 2 il-ġenituri tat-tarbija, fil-każ ta' twelid, u l-għarajjes, fil-każ ta' żwieġ, huma marbutin *in solidum*.	
3. Għar-reġistrazzjoni kif maħsub fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 290, tal-leġittimazzjoni ta' bniedem li l-att tat-twelid tiegħu mhux reġistrat fir-Reġistru Pubbliku	1.16
4. Għal kull nota	1.16
5. Għal viżjoni ta' kull reġistrazzjoni jew ta' annotazzjoni li tagħha tingħata d-data	1.16
6. (*a*) Għal kull tfittxija għal kitba mniżżla dwar xi bniedem għalih, b'viżjoni jew mingħajrha	0.12
(*b*) Għal kull ċertifikat li juri li ma tkun saret ebda kitba f'Reġistrazzjonijiet ta' Stat Ċivili dwar xi bniedem għalih, magħdud id-dritt għat-tfittxija	4.66
7. (*a*) Għal kull estratt minn att tat-twelid, taż-żwieġ, tal-mewt jew ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati skond il-Formuli, I, K, M, O fit-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi	2.33
(*b*) Għal kull estratt minn att tat-twelid, taż-żwieġ, tal-mewt jew ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati skond il-Formuli J, L, N, P fit-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi	2.33
(*ċ*) Għal kull ċertifikat li jkollu kopja sħiħa ta' reġistrazzjoni tat-twelid, żwieġ jew mewt b'dawk in-noti li jista' jkun hemm magħha	9.32

8. Għal reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati ..... 2.33"..

7. Il-Formula ta' l-Ordinanza dwar id-Dfin, Kap. 17, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"FORMULA

(Artikolu 3)

Talba għall-konċessjoni, mhux bla ħlas, ta' sit għal qabar, bi spazju, miżjud miegħu jew mingħajru.

Lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika

Data .....

Il-hawn taħt iffirmat ..... (*ma' l-isem u l-kunjom għandu jkun hemm il-lok tat-twelid, il-professjoni, is-sengħa, jew stat ieħor, u isem il-missier*) u li joqgħod ..... (*l-isem tal-belt jew raħal*) Triq..... Nru ..... (*indirizz*) jitlob il-konċessjoni ta' sit għal qabar, immarkat Nru ..... fid-Diviżjoni tal-(*Punent jew Lvant, skond ma jkun il-każ*) Sezzjoni .....(*li għandha tiġi indikata b'ittra*), Kumpartiment ..... (*li għandu jiġi indikat b'ittra*), fuq il-pjanta taċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata li qiegħda fl-uffiċċju tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Jekk, barra mis-sit għal qabar, tintalab il-konċessjoni ta' spazju li jmiss mas-sit, għandu jiżdied dan li ġej -

Barra minn dan, hu jitlob il-konċessjoni ta' spazju ta' ..... metru kwadru, li jmiss mas-sit hawn fuq imsemmi.

U l-hawn taħt iffirmat b'din jiddepożita, fl-uffiċċju hawn fuq imsemmi, is-somma ta' € ..... jiġifieri, ... għas-sit għal qabar, u €..... għall-ispazju li jmiss mas-sit, bir-rata ta'..... għal kull metru kwadru.

Firma".

8. Il-Formuli A u B ta' l-Ordinanza dwar l-Impieg ta' ċerti Kapitali, Kap. 26, għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"FORMULA A

(Artikolu 4)

SKRITTURA GĦALL-KOSTITUZZJONI TA' RENTA

Nru .....

Jien, hawn taħt iffirmat, *Accountant General*, niddikjara li, bis-saħħa ta' digriet (*hawn daħħal l-isem tal-qorti*) ta'..... ġiet illum ikkostitwita u magħmula renta perpetwa ta' kull sena ta' € ..... favur ta' ..... skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Impieg ta' ċerti Kapitali (Kap. 26); u jien, fl-isem tal-Gvern ta' Malta, nobbliga ruħi li nħallas din ir-renta lil ..... jew lir-rappreżentant leġittmu tiegħu, kull sena, fl-ewwel ħmistax-il ġurnata tax-xahar ta' Jannar.

Ir-renta hawn fuq imsemmija ġiet magħmula minni kif jingħad hawn fuq bil-prezz ta' €..... li niddikjara li ġà rċevejt fl-isem tal-Gvern ta' Malta.

Uffiċċju tat-Teżor.

Illum .....

Approvat

Ministru responsabbli għall-finanzi. *Accountant General.*

FORMULA B

(Artikolu 6)

SKRITTURA MAĦRUĠA FIL-KAŻ TA' QSIM TA' RENTA

Billi r-renta ta' kull sena ta' € ..... magħmula taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Impieg ta' ċerti Kapitali (Kap. 26) bi skrittura Nru..... maħruġa f' ..... favur ta' ..... ġiet maqsuma ..... ishma.

Għaldaqshekk bis-saħħa ta' din l-iskrittura, l-*Accountant General*, hawn taħt iffirmat, fl-isem tal-Gvern ta' Malta, jobbliga ruħu li jħallas lil..... li minnu ġie akkwistat is-sehem ta'..... (*hawn semmi s-sehem*) mir-renta hawn fuq imsemmija, jew lir-rappreżentant leġittimu tiegħu, kull sena, fl-ewwel ħmistax-il ġurnata tax-xahar ta' Jannar, is-somma ta' € ..... .

Uffiċċju tat-Teżor.

Illum .....

Approvat

Ministru responsabbli għall-finanzi. *Accountant General.".*

---

9. L-Iskeda tar-Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Ħlasijiet ta' Liċenza dwar Xandir), kif jinsabu fl-Iskeda ta' l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, Kap. 49, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-EWWEL SKEDA
Regolament 2

DRITTIJIET GĦAL ĦRUĠ U TIĠDID TA' LIĊENZI
DWAR RIĊEZZJONI TA' XANDIR

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4
Tip ta' Liċenza	Deskrizzjoni ta' Liċenza	Dritt għal Ħruġ	Dritt għal Tiġdid
1. Liċenza dwar Riċezzjoni ta' Xandir - Formula Ġenerali	Liċenza biex wieħed ikollu għandu jew taħt il-kontroll tiegħu apparat dwar radjokomunikazzjoni u biex jintuża l-apparat għar-riċezzjoni ta' stampi viżwali bil-kulur mibgħuta b'televiżjoni, (li ma tkunx liċenza li tawtorizza l-użu ta' apparat dwar radjokomunikazzjoni għall-iskop tal-wiri ta' stampi viżwali riċevuti b'televiżjoni lil persuni li jħallsu dritt biex jaraw dak il-wiri) -		
	(*a*) għal kull riċevitur tat-televiżjoni tal-kulur li ma jkunx konness ma' terminal ta' riċezzjoni tat-televiżjoni bis-satellita, li jintuża esklużivament fi kmamar tas-sodda ta' lukandi, *aparthotels*, villaġġi turistiċi kif imfissra fl-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu u regolamenti maħruġa taħtu	€6.90	€6.90
	(*b*) għal kull riċevitur tat-televiżjoni tal-kulur ieħor użati fil-lukandi, *aparthotels* u villaġġi turistiċi	€34.90	€34.90
	(*ċ*) għal riċevitur tat-televiżjoni bil-kulur wieħed li jappartjeni lil persuna waħda jew lill-mara tiegħu jew lir-raġel tagħha u li jintuża f'kull fond li ma jkunx lukanda, *aparthotel* jew villaġġ turistiku	€34.90	€34.90
	(*d*) għat-tieni, tielet jew raba' riċevitur tat-televiżjoni bil-kulur sa total ta' erba' riċevituri tat-televiżjoni bil-kulur li jappartjenu lil persuna waħda jew lill-mara tiegħu jew lir-raġel tagħha u li jintużaw f'kull fond li ma jkunx lukanda, *aparthotel* jew villaġġ turistiku	€55.90	€55.90
	(*e*) għal kull għadd addizzjonali ta' erba' riċevituri tat-televiżjoni bil-kulur jew parti minn dan l-għadd li jappartjenu lil persuna waħda jew lill-mara tiegħu jew lir-raġel tagħha u li jintużaw f'kull fond li ma jkunx lukanda, *aparthotel* jew villaġġ turistiku Iżda fil-każ ta' reġistrazzjoni ta' riċevitur tat-televiżjoni, għandu jitħallas darba biss dritt ta' reġistrazzjoni ta'€11.60 dwar kull riċevitur tat-televiżjoni.	€55.90	€55.90
	Iżda wkoll ma għandu jkun hemm ebda dritt għal ħruġ jew reġistrazzjoni ta' liċenza meta jsir trasferiment sew jekk *inter vivos* jew *causa mortis* ta' liċenza minn persuna għal għand il-mara tiegħu jew ir-raġel tagħha, jew membri oħra tal-familja tiegħu jew tagħha li jkunu joqgħodu flimkien bħala familja.".		

SKEDA IV

(Artikolu 5)

Emendi ta' l-Annessi, Tabelli, Formuli, eċċ., tal-Leġislazzjoni Sussidjarja magħmula taħt il-Kapitoli 1 - 50

1. L-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Żbark (L.S.10.28) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"L-EWWEL SKEDA

(Regolament 2)

DRTTTIJIET LI JITĦALLSU MINN KONSENNATARJI

Taqsima I

Kolonna 1 Oġġetti	Kolonna 2 Meta jiġu wżati braken	Kolonna 3 Meta ma jiġux użati braken
	€	€
(*a*) Siment, soder, kubrit u faħam, fi xkejjer, kull tunnellata	2.45	2.21
(*b*) Basal, ħarrub, ħafur, smida, żerriegħa tal-qoton, ikel ippressat, xgħir, nuħħala, faħam tal-kokk u *malt*, fi xkejjer, u patata fi xkejjer, kaxex jew pakkjar ieħor simili, kull tunnellata	2.75	2.42
(*ċ*) Travi tal-ħadid, travi ta' l-injam, puntali, linji, vireg tal-metall, inklużi angli tal-ħadid u folji, ingotti, nbid fi btieti, katusi tal-fuħħar u *fittings*, kull tunnellata	2.68	2.38
(*d*) Merkanzija tal-friża, kull tunnellata	2.42	2.17
(*e*) Skart tal-metall (li ma jkunx aluminju) - sfuż, kull tunnellata	2.54	2.61
(*f*) Skart ta' l-aluminju - sfuż, kull tunnellata	4.61	4.24
(*g*) Petrol tal-muturi u ta' l-avjazzjoni f'laned jew f'tankijiet u esplożivi inklużi munizzjon u pirotekniċi, kull tunnellata	2.28	1.93
(*h*) Siġġijiet, sfużi jew f'kollijiet, kull wieħed; *willows*, qasab u oġġetti simili f'kollijiet, kull ko11; tankijiet vojta li jesgħu 40 gallun jew fuqhom, kull wieħed ...	0.10	0.08
(*i*) Btieti vojta ta' l-inbid u tal-birra, kull waħda	0.55	0.47
(*j*) Karrozzi akkompanjati - (li ma jkunux karrozzi misjuqa għal fuq vapur tal-karrozzi jew minn fuqu), kull waħda	5.27	5.27
(*k*) Kull merkanzija oħra (barra minn merkanzija sfuża), kull tunnellata	2.33	1.98
(*l*) Dqiq, qamħ u zokkor, fi xkejjer, kull tunnellata	2.17	1.82
(*m*) Merkanzija sfuża mhux maniġġata fis-*silo* tal-Gvern:		
(i) Qamħ, kull tunnellata	2.12	1.86

(ii)	Ħarrub, ħafur, żerriegħa tal-qoton u xgħir, kull tunnellata	2.96	2.75
(iii)	Qmuħ oħra, kull tunnellata	2.14	1.93
(iv)	Deffun u tlaqqix ta' l-irħam, kull tunnellata ..	2.68	2.45
(v)	Merkanzija oħra sfuża, kull tunnellata	2.21	2.00
(vi)	Tqegħid fi xkejjer u rbit, kull tunnellata	0.27	0.27
(vii)	Tmigħ bid-delu:		
	(*a*) Qmugħ (li ma jkunx qamħ), kull tunnellata	1.40	1.26
	(*b*) Qamħ kull tunnellata	1.15	1.01

F'din l-Iskeda "karrozza akkompanjata" tfisser karrozza privata akkompanjata minn persuna li tivvjaġġa għal jew minn Malta iżda ma tinkludix karrozza privata mportata f'Malta għall-ewwel darba minn residenti f'Malta wara żjara barra minn Malta.

Taqsima II

Kolonna 1	Kolonna 2
(*a*) Annimali ta' l-ifrat, inklużi żwiemel tax-xogħol, bgħula u ħmir	78ċ ir-ras
(*b*) Ngħaġ u ħnieżer	44ċ ir-ras

Id-drittijiet murija fit-Taqsima II ta' din l-Iskeda jkopru l-pagi kollha tal-ħaddiema tal-port minn stiva għal razzett.".

2. L-Iskeda tar-Regolamenti dwar il-Ground ta' l-Isports (Prezzijiet ta' Dħul) (L.S.10.32) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 3)

L-Ewwel Kolonna *Ground* ta' l-Isports	It-Tieni Kolonna Prezz tad-Dħul		
Stadium fil-Gżira	L-Ewwel Diviżjoni:		
	Enclosure	Adulti	58ċ
		Tfal	47ċ
	Ground	Adulti	47ċ
		Tfal	35ċ
	It Tieni Diviżjoni:		
	Enclosure	Adulti	47ċ
		Tfal	35ċ
	Ground	Adulti	35ċ
		Tfal	23ċ
	L-imsemmija prezzijiet ikunu komprensivi dwar kull żewġ partiti tal-football li jintlagħbu fl-istess nofs ta' nhar.		
Schreiber Ground f'Raħal Ġdid		Adulti	35ċ
		Tfal	12ċ

Il-Ground tal-Football, f'Manoel Island, Gżira	Adulti	35ċ
	Tfal	23ċ
Silver Jubilee Ground f'Għawdex		35ċ

NOTA: Għall-finijiet ta' din l-Iskeda "adulti" tfisser persuni ta' l-età ta' 16-il sena jew iżjed, "tfal" tfisser persuni taħt l-età ta' 16-il sena.".

3. L-Iskeda tar-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati) (L.S.10.38) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 2)

Rati għal kull bastiment ta' l-irmonk kull siegħa jew parti minnha

Kolonna 1	Kolonna 2 Rati normali	Kolonna 3 Rati applikabbli bejn l-4p.m. u d-9p.m (*Ara* Nota 1)	Kolonna 4 Rati applikabbli bejn id-9p.m. ta' jum u t-8a.m. tal-jum ta' wara u f'xi ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Hadd u fi btajjel pubbliċi (*Ara* Nota 2)
	€	€	€
Għal bastimenti sa 2,000 tunnellati gross reġistrati	76.87	95.50	116.47
Għal bastimenti ta' tunnellati gross reġistrati bejn -			
2,001 u 3,000	109.48	137.43	165.39
3,001 u 4,000	132.77	165.39	200.33
4,001 u 5,000	139.76	174.70	209.64
5,001 u 6,000	146.75	184.02	221.29
6,001 u 7,000	153.74	193.34	230.61
7,001 u 8,000	167.71	209.64	251.57
8,001 u 9,000	181.69	228.28	272.54
9,001 u 10,000	193.34	242.25	291.17
10,001 u 11,000	209.64	263.22	314.47

11,001 u 12,000	225.95	281.85	340.09
12,001 u 13,000	242.25	302.82	363.38
13,001 u 14,000	258.56	323.78	389.01
14,001 u 15,000	274.87	342.42	412.30
15,001 u 16,000	288.84	361.05	433.26
16,001 u 17,000	307.48	384.35	461.22
17,001 u 18,000	323.78	405.31	486.84
18,001 u 19,000	337.76	421.62	507.80
19,001 u 20,000	354.06	442.58	531.10
20,001 u 21,000	370.37	463.55	556.72
21,001 u 22,000	386.68	484.51	580.01
22,001 u 23,000	402.98	503.14	605.64
23,001 u 24,000	419.29	524.11	628.93
24,001 u 25,000	435.59	545.07	654.55
25,001 u 30,000	454.23	568.37	682.51
30,001 u 35,000	477.52	598.65	717.45
35,001 u 40,000	500.82	621.94	752.39
40,001 u 45,000	524.11	654.55	787.33
45,001 u 50,000	547.40	684.84	857.21
50,001 u 60,000	582.34	729.09	873.52
60,001 u 70,000	617.28	771.02	927.09

70,001 u 80,000	652.22	815.28	978.34
80,001 u 90,000	687.17	859.54	1,031.91
90,001 u 100,000	722.11	903.80	1,083.16
Għal bastimenti ta' iktar minn 100,000 tunnellati gross reġistrati	757.05	945.73	1,136.73

Noti:

(1) Għal servizzi mogħtija bejn l-4p.m. u d-9p.m. ikunu japplikaw jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 3 jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 2 miżjuda b'€174.70 għal kull bastiment ta' l-irmonk, skond liema minnhom ikun l-ikbar.

(2) Għal servizzi mogħtija bejn id-9p.m. u t-8a.m. tal-jum ta' wara jew f'xi ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd jew f'xi btala pubblika oħra jkunu japplikaw jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 4 jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 2 miżjuda b'€349.41 għal kull bastiment ta' l-irmonk, skond liema minnhom ikun l-ikbar.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 6, l-inqas dritt ma għandu f'ebda każ ikun inqas mir-rata maħduma għal sagħtejn.

(4) Ir-rati li jitħallsu għal għajnuna lil bastimenti inkapaċitati jiżdiedu b'ħamsin fil-mija, suġġetti għall-inqas dritt ta' €698.81għal kull bastiment ta' l-irmonk għal bastimenti sa 3,000 tunnellati gross reġistrati u ta' €1,164.69 għal kull bastiment ta' l-irmonk għal bastimenti ta' iktar minn 3,000 tunnellati gross reġistrati.

"Bastimenti inkapaċitati" tfisser kull biċċa tal-baħar li tinġieb barra xtut ta' Malta irmonkata jew bil-makna wieqfa jew bi ħsara fit-tmun jew xi difett ieħor li jeffettwa l-kapaċità tal-bastiment li jimmanuvra u tinkludi kull għajnuna li tingħata minn bastimenti ta' l-irmonk lil dawk il-bastimenti waqt li jkunu deħlin fil-portijiet ta' Malta, jiċċaqilqu fihom jew ħerġin minnhom.

(5) Ir-rati li jitħallsu għall-għajnuna li tingħata lil bastimenti tal-passiġġieri (*cruise ships*) li jidħlu Malta bit-turisti u għal bastimenti li jidħlu Malta għall-finijiet biss ta' *bunkering*, għandhom jitnaqqsu b'ħamsa w għoxrin fil-mija, sakemm dawk il-bastimenti la jħottu u anqas jgħabbu merkanzija jew posta f'port jew iwettqu xi ħidma kummerċjali jew tiswija.

(6) Ir-rati li jitħallsu għall-għajnuna li tingħata lil bastimenti li jkollhom 50% jew aktar merkanzija għat-trasbord li jidħlu fil-faċilitajiet tal-Port Hieles ta' Malta f'Marsaxlokk u għal bastimenti li jidħlu f'Marsaxtokk għal finijiet ta' *bunkering* biss jew in konnessjoni ma' taħlit ta' żejt u biex issir ħażna ta' l-istess għal finijiet ta' trasbord jew ta' ri-esportazzjoni biss, għandhom jitqiesu b'rata minima ta' siegħa, jew jekk il-ħin jaqbeż is-siegħa, il-ħin attwali ta' l-operazzjoni sa l-eqreb kwarta ta' siegħa:

Iżda wkoll, l-Awtorità Marittima ta' Malta tista', wara li ssirilha talba u fid-diskrezzjoni tagħha, tapplika t-termini tal-proviso ta' qabel għal kull bastiment ieħor li jidħol fil-Port Hieles ta' Malta.

(7) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 4, meta bastiment ta' l-irmonk ikollu ordni għal servizz bejn l-4p.m. ta' jum u t-8a.m. tal-jum ta' wara jew f'xi ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd jew f'xi btala pubblika mingħajr ma jingħata avviż mill-inqas tliet sigħat qabel, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' €69.88 għal kull bastiment ta' l-irmonk.

(8) Meta ċ-ċimi għall-irmonk jiġu provduti mill-bastiment ta' l-irmonk, jitħallas dritt addizzojnali ta' €11.65 għal kull bastiment ta' l-irmonk.".

4. L-Iskeda tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern (L.S.35.01) għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 2)

		€
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU		
Servizz pubbliku		
Id-drittijiet għall-eżami ta' skrivan		1.75
Ċertifikat maħruġ bis-Siġill Pubbliku -	minn	0.29
	sa	0.58
Estratti minn dokumenti maħruġin mhux bis-Siġill Pubbliku, għal kull paġna		0.17
Tħaffir għaż-żejt		
Liċenza għat-tfittix jew tħaffir għaż-żejt		23.29
MINISTERU GHALL-AFFARIJIET BARRANIN		
Id-drittijiet li jitħallsu lill-uffiċjali konsulari jew uffiċjali oħra li jirrappreżentaw il-Gvern ta' Malta f'territorji oħra għas-servizzi speċifikati hawn taħt:		
1. Għas-somministrazzjoni ta' ġurament jew jekk tiġi riċevuta dikjarazzjoni jew affermazzjoni bl-attestazzjoni ta' firma jew mingħajrha		1.75
2. Biex titqiegħed firma fuq dokument imsemmi f'affidavit jew f'dikjarazzjoni		1.16
3. (*a*) Awtentikazzjoni ta' ċertifikati fl-Uffiċċju Ewlieni		
(i) awtentikazzjoni ta' dokumenti ta' xorta edukattiva u ta' dokumenti oħra ta' xorta mhux kummerċjali		11.65
(ii) awtentikazzjoni ta' ċertifikati ta' xorta kummerċjali		16.31
(iii) awtentikazzjoni ta' ċertifikati ta' adozzjoni ta' tfal minn pajjiżi barranin kif awtorizzati mill-Awtorità Ċentrali appuntata bl-Ordni dwar Tifsira ta' Adozzjoni Barranija_		
. (*b*) Awtentikazzjoni ta' ċertifikatiu, jew dokumenti minn Ambaxxati u konsulati ta' Malta		16.31
Iżda l-awtentikazzjoni ta' ċertifikati u, jew dokumenti ta' adozzjoni ta' tfal minn pajjiżi barranin kif awtorizzati mill-Awtorità Ċentrali appuntata bl-Ordni dwar Tifsira ta' Adozzjoni Barranija huma eżentati minn din it-Tariffa.		
4. Biex titqiegħed firma konsulari, u siġill jekk meħtieġ, fuq dikjarazzjoni ta' eżistenza		1.16
5. Għall-egħmil ta' dikjarazzjoni ta' eżistenza		1.16
6. Għall-legalizzazzjoni jew attestazzjoni ta' firma		2.33
7. Biex jingħaqdu flimkien xi dokumenti u jipoġġa fuqhom siġill konsulari		1.16
8. Biex jitwaħħal siġill fuq dokument meta ma tkun meħtieġa ebda firma		1.16
Żwieġ, twelid u mewt		
9. Għar-reġistrazzjoni ta' żwieġ, twelid jew mewt		0.58
10. Biex issir tfittxija għal xi reġistrazzjoni fir-reġistru konsulari ta' żwieġ, twelid jew mewt		0.58
11. Għal kopja awtentikata ta' reġistrazzjoni fir-reġistru konsulari ta' żwieġ, twelid jew mewt		0.58
Passaporti		
12. Biex jinħareġ passaport jew ċertifikat kollettiv maħsub biex iservi bħala passaport		4.66
13. Biex jiġġedded passaport		3.49
14. Biex tinħareġ karta ta' l-identità għall-iskop ta' vjaġġar		1.16
15. Biex tiġġedded karta ta' l-identità		0.58
16. Biex jinħareġ passaport ta' emerġenza jew xi dokument għall-ivvjaġġar, meta mhux provdut xort'oħra, minflok passaport		1.16

Viża

17. Biex tingħata viża -	
(*a*) viża ordinarja	
(*b*) viża ta' *transit*	2.62
Iżda l-Ministru għall-Affarijiet Barranin jista' jordna li d-drittijiet ta' viża miġbura mingħand ċittadini ta' xi pajjiż partikolari għandhom ikunu daqs id-drittijiet miġbura mill-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż għall-viża tagħhom fuq passaporti ta' ċittadini ta' Malta.	0.29

Bastimenti

18. Biex jiġi reġistrat testimonjal u tingħata kopja waħda awtentikata jekk meħtieġa	3.49
Għal kull kopja	1.75
19. Testimonjal, jekk ma jkunx itwal minn 200 kelma, u għoti ta' kopja waħda awtentikata jekk meħtieġa	12.23
Għal kull 100 kelma addizzjonali jew inqas	1.75
Għal kull kopja oħra	7.34
20. Biex jitwaħħal siġill konsulari u firma fuq il-*log-book*	2.33
21. Għad-depożitu ta' polza ta' kargu skond l-artikolu 382 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kapitolu 13)	2.33
22. Għall-kontrosenjar ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni meta jinbidel kaptan ta' bastiment	4.66
23. Għas-sanzjoni ta' l-ingaġġ ta' baħrin:	
għal kull baħri	1.16
suġġett għal massimu ta'	23.29
24. Għas-sanzjoni li ntemm is-servizz ta' baħrin jew jitħallew l-art baħrin u apprendisti:	
għal kull baħri jew apprendista minn	1.16
iżda mhux aktar minn	23.29
25. Għaċ-ċertifikazzjoni ta' diżerzjoni ta' baħrin u apprendisti:	
għal kull baħri jew apprendista	1.16
26. Għall-attestazzjoni ta' tibdil fil-ftehim ma' l-ekwipaġġ:	
għal kull tibdil	1.16
27. Għall-kustodja tal-ftehim ma' l-ekwipaġġ u għal kontrosenjar meħtieġ li jsir fuqu	2.33

Mixxellanji

28. Biex jiġi riċevut testment skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 679 (2) tal- Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16)	2.33
29. Għall-firma taċ-ċertifikat meħtieġ bl-artikolu 14 ta' l-Att dwar il-Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb (Kapitolu 231)	4.66
30. Biex issir xi reġistrazzjoni li għaliha mhux provdut xort'oħra	1.16
31. Biex tingħata l-firma konsulari, u siġill jekk meħtieġ, fuq xi dokument li għalih mhux provdut xort'oħra	2.33

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U GVERN LOKALI

Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali

Warrant biex wieħed jeżerċita l-professjoni ta' avukat	2.33
Warrant biex wieħed jeżerċita l-professjoni ta' prokuratur legali	2.33
Warrant biex wieħed jeżerċita l-professjoni ta' nutar pubbliku	2.33
Għal kopji ta' dokumenti miżmumin fl-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali, għal kull 100 kelma jew anqas	0.17
Għat-traduzzjoni ta' dokumenti miżmumin fl-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali, għal kull 100 kelma jew anqas minn	0.17
sa	0.29

Qrati tal-Maġistrati

Għat-traduzzjoni ta' dokumenti miżmumin fir-Reġistru tal-Qrati tal- Maġistrati (Malta) u fir-Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex) għal kull 100 kelma jew anqas minn	0.17
sa	0.29

Pubblikazzjoni ta' avviżi tal-Qorti

Dritt li jinġabar mir-Reġistratur tal-Qrati, dwar il-pubblikazzjoni ta' avviż tal-qorti fil-Gazzetta, ikun li jkun it-tul ta' dak l-avviż	6.99

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI

Dritt li jitħallas mill-kandidati li jersqu għall-eżami tas-sengħa speċifikat fl-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għax-Xogħol ta' l-Istampa u Pubblikazzjoni	2.33

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

Eżamijiet lokali u ta' barra

Dritt li għandu jitħallas minn kull kandidat għall-eżamijiet kollha ta' barra, għal kull eżami	2.30
Dritt li għandu jitħallas minn kull kandidat għall-eżamijiet pubbliċi lokali kollha, għal kull eżami	9.30

Kaptan u konduttur ta' makna

Dritt li għandu jitħallas minn kull kandidat qabel ma jiġi aċċettat għal kull wieħed mill-eżamijiet jew testijiet imsemmija fir-Regolamenti dwar Bastimenti li jitħaddmu Mekkanikament (Passiġġieri u Merkanzija), u minn applikanti għall-għoti tal-liċenza speċjali maħsuba fir-regolament 16 tar-Regolamenti msemmija	1.75

MINISTERU TAL-FINANZI

*Uffiċċju ta' l-*Accountant General

Estratti mir-reġistri tal-kera, għal kull 100 kelma jew anqas	0.17
Kopji ta' dokumenti miżmumin it-Teżor, għal kull 100 kelma jew anqas	0.17
Ċertifikati, għal kull 100 kelma jew anqas	0.17

Bank ta' Tifdil tal-Gvern

Estratti mir-reġistri tal-Bank ta' Tifdil tal-Gvern ta' Malta, għal kull paġna ta' kont jew parti minnha	0.58

Dwana

Għal liċenza biex wieħed jaħdem bħala piżatur pubbliku	0.58
Għal liċenza biex wieħed jaħdem bħala miżuratur, kull sena	0.12
Liċenza għall-produzzjoni ta' birra, kull sena	0.29
Għal kull ċertifikat	11.65
Għal kopja ta' dokumenti ta' l-uffiċċju, għall kull 100 kelma jew anqas	0.17
Biex jinkrew *life-rafts*, kull jum, kull wieħed	0.29
Superviżjoni tad-distillazzjoni ta' alkohol, kull jum	0.41
Dritt ta' sussistenza meta s-superviżjoni ssir f'distretti 'l bogħod, kull jum	0.17
Dritt biex tingħata jew tiġġeded liċenza biex wieħed jagħmel, iżomm għall-bejgħ, ibigħ jew ikollu jew iżomm jew jagħmel użu minn lambik skond l-Ordinanza ta' l-Ispirti (Kap. 41), fis-sena	11.65

Iżda ma jingħabar ebda dritt mill-Kontrollur tad-Dwana għall-konċessjoni jew tiġdid ta' liċenza speċjali li tinħareġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11 ta' l-Ordinanza ta' l-Ispirti (Kap. 41) lill-istituzzjonijiet fejn tingħata l-edukazzjoni

Lottu

(*a*) Għal permess biex issir tombla jew lotterija, inkluża t-taxxa li titħallas	0.17

Dan id-dritt ikun jidher billi jitwaħħlu bolli mal-permess

(*b*) Dritt dwar talba magħmula wara ż-żmien imsemmi fir-regolament 7 tar-Regolamenti dwar it-Tombli - minbarra d-drittijiet li għandhom jitħallsu skond il-paragrafu (*a*) ta' hawn fuq	1.16

MINISTERU TA' L-AMBJENT

Biex jintrefa' l-pont f'N.W. Basin fil-Port il-Kbir, fuq talba ta' nies privati:	
Fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju tad-dipartiment, meta jingħata avviż ta' 24 siegħa	0.58
Barra mill-ħinijiet ta' l-uffiċċju tad-dipartiment, jew meta jingħata avviż ta' anqas minn 24 siegħa	1.16
Permessi biex jinġabar ir-ramel minn kull post li jkun fih xtajta tal-baħar:	
Għal kull tagħbija ta' dgħajsa ta' Għawdex	0.82
Għal kull tagħbija ta' dgħajsa tat-tagħbija	0.52
Għal kull tagħbija ta' dgħajsa żgħira tat-tagħbija jew ta' dgħajsa tal-pass	0.12
Għal kull tagħbija ta' karrettun	0.06
Warrant għall-professjoni ta' Perit u Inġinier Ċivili	2.33
Liċenza ta' bennej, għall-ħruġ tal-liċenza u t-tiġdid tagħha ta' kull sena	11.65
Għall-eżami ta' kandidati li jixtiequ jkollhom il-liċenza biex jagħmulha ta' bennejja skond l-artikolu 95 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10) ta' kull darba li jsir l-eżami	23.29

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U KOMUNIKAZZJONI

Awtorità Marittima ta' Malta

Għall-ingaġġ jew sensja ta' ekwipaġġi:	
Għall-ewwel 100 baħri, kull baħri	0.17
Għal kull baħri fuq il-100 sa 500	0.12
Għal kull baħri fuq il-500	0.07
Għall-ingaġġ ta' baħrin separatament, jew għas-sensja ta' baħrin, għal kull wieħed	0.23
Għall-ħruġ ta' *Seaman's Record Book* (*Continuous Discharge Book*) inkluż il-prezz tal-ktieb	0.35
Għal kull spezzjon tad-dokumenti li ġejjin:	
Kuntratti ta' l-ekwipaġġi	0.17
Kopji tar-Rapporti ta' l-Ispettur tal-Vapuri	0.17
Kopji tar-Rapporti ta' l-Ispettur Inġinier tal-Vapuri	0.17
Kopji tal-qisien tal-vapuri għar-reġistrazzjoni	0.17
Liċenzi	
Liċenza biex wieħed jagħmilha ta' kaptan ta' bastiment li jaħdem bil-makni	1.75
Liċenza biex wieħed jagħmilha ta' *engine driver* ta' vapur	1.75
Servizzi Postali	
Ċertifikati	0.29
Reklami f'*booklet* ta' bolli, kull sena	13.98
Dwar kull ordni biex jitwaħħlu bolli fuq *first day covers* li għandhom jiġu provduti mill-klijenti, relattivament għal kull *first day cover* -	
(*a*) meta jkun meħtieġ sett kompit	0.12
(*b*) meta jkun meħtieġ inqas minn sett kompit	0.06
Dwar kull ordni għall-provvista ta' bolli mhux użati -	
(*a*) meta l-valur ta' bolli meħtieġa jammonta għal inqas minn euro u sittax -il ċenteżmu (1.16)	0.06
(*b*) meta l-valur ta' bolli meħtieġa jammonta għal euro u sittax -il ċenteżmu (1.16) jew iżjed	0.29
Radjokomunikazzjoni -	
I. Ezamijiet u Ċertifikati	
1. Eżami għal:	
(*a*) Dilettant tar-radju (L-Ewwel u t-Tieni Karta)	34.90
(*b*) Dilettant tar-radju (*Morse*)	6.90

2. Ċertifikati:	
Għal kull kopja duplikata ta' ċertifikat imsemmi fl-*item* 1 hawn fuq	11.60
II. Liċenza għal:	
1. Stazzjon ta' l-Ajru, dritt fis-sena:	
(*a*) abbord -	
(i) *take off weight* ta' l-ajruplan	
- inqas minn 3,200 Kg	46.50
- bejn 3,200 Kg u 14,000 Kg	300
- 'il fuq minn 14,000 Kg	580
(ii) *microlight glider*	23.20
(*b*) fuq l-art	116.40
2. Dilettant tar-radju, dritt fis-sena:	
(*a*) Klassi A	13.90
(*b*) Klassi B	13.90
(*ċ*) *Visitors' licence* għal perijodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur	11.60
3. *Fixed Radio-Relay link*, għal kull terminal, skond il-*bandwidth*, dritt fis-sena:	
(*a*) mhux iżjed minn 100KHz	230
(*b*) iżjed minn 100KHz sa 1MHz	465
(*ċ*) iżjed minn 1MHz sa 10MHz	695
(*d*) iżjed minn 10MHz sa 100MHz	930
(*e*) iżjed minn 100MHz, kull 100MHz *bandwidth*	930
4. Servizz ta' Xandir (Anċillari), dritt fis-sena:	
(*a*) Is-Smiegħ -	
(i) *Link* bejn l-istudju u t-*transmitter*	116
(ii) *Outside broadcasting unit*	116.40
(iii) Ripetitur	116.40
(*b*) Il-Viżjoni -	
(i) *Link* bejn l-istudju u t-*transmitter*	230
(ii) *Outside broadcasting unit*	230
(iii) Ripetitur	116.40
5. Stazzjon Marittimu, dritt fis-sena:	
(*a*) Apparat ta' radjokomunikazzjoni fuq bastiment -	
(i) Għall-istallazzjoni ta' GMDSS	419
(ii) Għall-istallazzjoni tar-Radjutelefonija	174
(iii) Għall-istallazzjoni ewlenija ta' VHF	58.20
(iv) Għall-istallazzjoni ewlenija ta' VHF *handportable*	23.20
(*b*) Għall-istallazzjoni ta' radjokomunikazzjoni fuq bastiment tas-said reġistrat mad-Dipartiment tas-Said u l-Akwakultura -	
(i) taħt l-ittra F	34.90
(ii) taħt l-ittri PTF jew MF	46.50
(*ċ*) Stazzjon fejn jiġi kalibrat apparat li jsib id-direzzjoni	230
(*d*) Stazzjon tar-Radju għal Hidma fil-Port	230
(*e*) Stazzjon tar-Radju tal-Kosta	1,160
(*f*) Stazzjon tar-Radju Mobbli Marittimu:	
(i) Ripetitur, kull kanal	116.40
(ii) Bażi, kull kanal	116.40
(iii) Mobbli, kull kanal	93.10

(iv) *Handportable*, kull kanal	69.80
6. Liċenza proviżorja għal:	
(*a*) Stazzjon fuq bastiment ta' 300 tunnellata gross u fuqhom, mal-ħruġ	116
(*b*) Stazzjon fuq bastiment taħt it-300 tunnellata gross, mal-ħruġ	69.80
7. *Paging* bir-radju, dritt fis-sena:	
(*a*) Sistema fuq il-post -	
(i) Stazzjon bażi b'radjazzjoni libera	46.50
(ii) *Induction communications*	11.60
(iii) Riċevitur	2.30
(*b*) Sistema Nazzjonali	2,325
8. Radju privat mobbli, dritt fis-sena:	
(*a*) Stazzjon ripetitur, kull kanal	116.40
(*b*) Stazzjon bażi, kull kanal	58.20
(*ċ*) Stazzjon mobbli, kull kanal	23.20
(*d*) Stazzjon *handportable*, kull kanal	23.20
9. (*a*) Servizz Pubbliku Nazzjonali *Analogue* tar-Radjutelefonija, dritt fis-sena:	
(i) għal 143 *paired 25 kHz channels* fil-banda 900 MHz u 6 *paired microwave channels* fil-banda 10 GHz	26,320
(ii) għal kull *paired 25 kHz channel* addizzjonali fil-banda 900 MHz	170
(*b GSM end user terminals* li joperaw fil-bandi 900 MHz u/jew 1800MHz	ebda ħlas
10. Prova u Żvilupp, dritt fis-sena:	
(*a*) Radjazzjoni	58.20
(*b*) Radjazzjoni imrażżna	23.20
(*ċ*) Apparat tar-riċezzjoni b'Satelliti Riċevituri biss tat-Televiżjoni (TVRO)	23.20
11. Mikrofonu għar-Radju, 'l fuq minn 10 *milliwatts r.f. power*, dritt fis-sena	23.20
12. Riċevitur tal-Komunikazzjoni minbarra xandir u televiżjoni, dritt fis-sena	3.40
13. Stabbiliment għat-taħriġ tar-Radju, dritt fis-sena	58.20
14. Liċenza biex wieħed jinnegozja f'apparat tar-radjokomunikazzjoni, barra minn televiżjoni u apparat li jirċievi xandir, dritt fis-sena	116.40
15. Liċenza biex jinżamm siġillat apparat ta' radjokomunikazzjoni, barra minn televiżjoni u apparat li jirċievi xandir, għal kull siġill	11.60
16. Apparat kontrollat mir-Radju mill-Bogħod, 'l fuq minn *10 milliwatts r.f. power*, għal kull perijodu ta' ħames snin	23.20
17. Stazzjon terrestri biex jiġi riċevut xandir ta' aħbarijiet minn aġenziji ta' aħbarijiet jew stamperiji, dritt fis-sena	116.40
18. Stazzjon Terrestri ta' Satellita:	
(*a*) għal kull terminal ta' riċezzjoni ta' xandir ta' aħbarijiet u ritratti minn aġenziji ta' aħbarijiet jew stamperiji, dritt fis-sena	465
(*b*) għal kull terminal ta' riċezzjoni / trasmissjoni, dritt fis-sena -	
(i) sa 64 *Kbits/s*	1,160
(ii) sa 128 *Kbits/s*	2,325
(iii) sa 256 *Kbits/s*	4,655
(iv) sa 512 *Kbits/s*	6,985
(v) sa 1024 *Kbits/s*	13,975
(vi) iżjed minn 1024 *Kbits/s*, kull 1024 *Kbits/s*	13,975
(vii) VSAT *Hub Station*	18,630
(*ċ*) għal każ wieħed ta' 30 ġurnata, jew parti minnhom	695
19. Apparat tar-radju kif ġej:	
(*a*) bħala użu ta' għajnuna għas-smiegħ	ebda ħlas

(*b*) telefon *cordless* li jinkludi *Digital Enhanced Cordless Telecommunications (DECT) user terminals*, li jopera fil-banda 1880 - 1900 MHz, qawwa sa' 250 milliwatt *peak e.r.p.*, għandu antenna integrali jew dedikata, 1728 kHz *channel spacing*	ebda ħlas
(*ċ*) *electronic kits* għal esperimenti (istituzzjonijiet edukattivi biss)	ebda ħlas
(*d*) apparat ieħor sa 10 *milliwatts r.f. power*	ebda ħlas
20. Stazzjon għal Trasmissjoni ta' Xandir għal servizz ta' xandir pubbliku, dritt fis-sena:	
(*a*) għal kull stazzjon ta' smiegħ	3,490
(*b*) għal kull stazzjon ta' televiżjoni	6,985
21. *Citizens' Band Radio*, kull *transceiver*, dritt fis-sena	13.90
22. Dimostrazzjoni ta' apparat tar-radjokomunikazzjoni:	
Għal perijodu ta' 30 ġurnata jew parti minnu	58.20
23. Apparat ieħor tar-radjokomunikazzjoni li mhux xort'oħra stipulat f'dawn ir-regolamenti, dritt fis-sena	23.20
24. Sistema terrestri ta' lokazzjoni u sorveljanza ta' informazzjoni, sew fissa sew mobbli fil-ħin attwali:	
(*a*) Kull stazzjon għall-ewwel ħames snin, dritt fis-sena	2,325
(*b*) Id-dritt taħt il-paragrafu (*a*) jiżdied fis-sena fit-tmiem ta' kull ħames snin għal kull żmien ieħor ta' ħames snin b'	1,160
25. Sistema ta' informazzjoni dwar sigurezza fis-sewqan trasmessa mingħajr fili minn vettura fis-sewqan, dritt li jitħallas darba max-xiri tas-sistema u ma' kull trasferiment tal-proprjetà tas-sistema	23.20
26. Stazzjonijiet terrestri mobbli fuq l-art:	
(*a*) li joperaw fil-bandi 1525.0 - 1544.0 MHz (mill-ispazju għad-Dinja) kombinati ma' 1631.5 - 1634.5 MHz (mid-Dinja għall-ispazju) u 1555.0 - 1559.0 MHz (mill-ispazju għad-Dinja) kombinati ma' 1656.5 - 1660.5 MHz (mid-Dinja għall-ispazju) taħt il-kontroll ta' sistema ta' satellita, li jipprovdu *data* bil-vuċi u/jew komunikazzjoni	ebda ħlas
(*b*) li joperaw fil-banda *Ku*-band fil-bandi 10.70 - 11.70 GHz (mill-ispazju għad-Dinja), 12.50 - 12.75 GHz (mill-ispazju għad-Dinja) u 14.00 - 14.25 GHz (mid-Dinja ghall-ispazju) taħt il-kontroll ta' sistema ta' satellita	ebda ħlas
27. *Terrestrial Trunked Radio (TETRA)* tagħmir ta' utent finali li jintuża għal servizzi ta' emerġenza, li jopera fil-bandi 380 - 385 MHz u 390 - 395 MHz, 25 kHz *channel spacing* ..	ebda ħlas
28. *Satellite Personal Communication Earth Stations (S-PCES)*:	
(*a*) li joperaw fil-bandi 1610.0 - 1613.5 MHz (mid-Dinja għall-ispazju), 1613.8 - 1626.5 MHz (mill-ispazju għad-Dinja) u 2483.5 - 2500.0 MHz (mill-ispazju għad-Dinja)	ebda ħlas
(*b*) li joperaw fil-bandi 1980 - 2010 MHz (mid-Dinja għall-ispazju) u 2170 - 2200 MHz (mill-ispazju għad-Dinja)	ebda ħlas
29. Stazzjonijiet terrestri *low data rate land mobile (LMES)* li joperaw fil-bandi 1525.0 - 1544.0 MHz (mill-ispazju għad-Dinja) kombinati ma' 1626.5 - 1645.5 MHz (mid-Dinja għall-ispazju) u 1555.0 - 1559.0 MHz *(*mill-ispazju għad-Dinja) kombinati ma' 1656.5 - 1660.5 MHz (mid-Dinja għall-ispazju)	ebda ħlas
30. Apparat *non-specific short range*:	
(*a*) li jeskludi apparat li jintuza ghall-applikazzjonijiet ta' *audio* u vuċi, li jopera fil-bandi:	
(i) 26.957 - 27.283 MHz, qawwa sa' 10 milliwatt *e.r.p.* jew *field strength* sa' 42 *dBµA/m* f'*10m*, 10 kHz *channel spacing*	ebda ħlas
(ii) 40.660 - 40.700 MHz, qawwa sa' 10 milliwatt *e.r.p.*	ebda ħlas
(iii) 433.050 - 434.790 MHz, qawwa sa' 10 milliwatt *e.r.p.*	ebda ħlas
(iv) 868.0 - 868.6 MHz, qawwa sa' 25 milliwatt *e.r.p.*	ebda ħlas
(v) 868.7 - 869.2 MHz, qawwa sa' 25 milliwatt *e.r.p.*	ebda ħlas
(vi) 869.40 - 869.65 MHz, qawwa sa' 500 milliwatt *e.r.p.*, 25 kHz *channel spacing*	ebda ħlas
(vii) 869.70 - 870.00 MHz, qawwa sa' 5 milliwatt *e.r.p.*	ebda ħlas
(*b*) li joperaw fil-bandi:	
(i) 6765.0 - 6795.0 kHz, *field strength* sa' 42 *dBµA/m* f'*10m*.	ebda ħlas
(ii) 13.553 - 13.567 MHz, *field strength* sa' 42 *dBµA/m* f'*10m*.	ebda ħlas
(iii) 2400 - 2483.5 MHz, qawwa sa' 10 milliwatt *e.i.r.p.*	ebda ħlas

(iv) 5725 - 5875 MHz, qawwa sa' 25 milliwatt *e.i.r.p.* ..... ebda ħlas

(v) 24.15 - 24.25 GHz, qawwa sa' 100 milliwatt *e.r.p.* ..... ebda ħlas

31. Sistemi ta' *Wideband data transmission* li jinkludu *Radio Local Area Networks (RLANs)*, li joperaw fil-bandi:

(*a*) 2400.0 - 2483.5 MHz, qawwa sa' 100 milliwatt *e.i.r.p.* ..... ebda ħlas

(*b*) 5150 - 5350 MHz, qawwa sa' 200 milliwatt *maximum mean e.i.r.p.*, ghall-uzu ta' gewwa biss ..... ebda ħlas

(*ċ*) 5470 - 5725 MHz, qawwa sa 1 Watt *maximum mean e.i.r.p.* ..... ebda ħlas

32. Apparat *short range* li jintuzaw għal applikazzjonijiet *inductive,* li joperaw fil-bandi:

(*a*) 9.0 kHz - 59.75 kHz, *field strength* sa 72 *dBµA/m* f'10m. ..... ebda ħlas

(*b*) 59.75 - 60.25 kHz, *field strength* sa 42 *dBµA/m* f'10m. ..... ebda ħlas

(*ċ*) 60.25 - 70.00 kHz, *field strength* sa 69 *dBµA/m* f'10m. ..... ebda ħlas

(*d*) 70.0 - 119.0 kHz, *field strength* sa 42 *dBµA/m* f'10m. ..... ebda ħlas

(*e*) 119.0 - 135.0 kHz, *field strength* sa 66 *dBµA/m* f'10m. ..... ebda ħlas

(*f*) 6765 - 6795 kHz, *field strength* sa 42 *dBµA/m* f'10m. ..... ebda ħlas

(*g*) 7400 - 8800 kHz, *field strength* sa 9 *dBµA/m* f'10m. ..... ebda ħlas

(*h*) 13.553 - 13.567 MHz, *field strength* sa 42 *dBµA/m* f'10m. ..... ebda ħlas

(*i*) 26.957 - 27.283 MHz, *field strength* sa 42 *dBµA/m* f'10m. ..... ebda ħlas

33. Apparat *short range* li jintuza biex jikxef iċ-ċaqlieq u *alert operating* fil-bandi:

(*a*) 2400.0 - 2483.5 MHz, qawwa sa' 25 milliwatt *e.i.r.p.* ..... ebda ħlas

(*b*) 24.05 - 24.25 GHz, qawwa sa' 100 milliwatt *e.i.r.p.* ..... ebda ħlas

34. Apparat short range li jintuża għal sistemi ta' allarm, eskluż apparat li jintuża għal applikazzjonijiet ta' audio u vuċi, li jopera fil-bandi:

(a) 868.6 - 868.7 MHz, qawwa sa' 10 milliwatt e.r.p., 25 kHz channel spacing ..... ebda ħlas

(b) 869.25 - 869.30 MHz, qawwa sa' 10 milliwatt e.r.p., 25 kHz channel spacing ..... ebda ħlas

(ċ) 869.65 MHz - 869.7 MHz, qawwa sa' 25 milliwatt e.r.p., 25 kHz channel spacing ..... ebda ħlas

35. Apparat *short range* li jintuża għal sistemi ta' allarm soċjali, jeskludi apparat li jintuża għall-applikazzjonijiet ta' *audio* u vuċi, li jopera fil-banda 869.20 - 869.25 MHz, qawwa sa' 10 milliwatt *e.r.p.*, 25 kHz *channel spacing* ..... ebda ħlas

36. Apparat *short range* li jipprovdi komunikazzjoni *short range* bil-vuċi *(PMR 446)*, li jopera fil-banda 446.0-446.1 MHz, qawwa sa' 500 milliwatt *e.r.p.*, 12.5 kHz *channel spacing* ..... ebda ħlas

37. Apparat *short range* li jintuża biex jikkontrolla l-moviment tal-mudell, fuq l-art jew fuq jew taħt il-wiċċ ta' l-ilma, li jopera fuq il-frekwenzi 26.995 MHz, 27.045 MHz, 27.095 MHz, 27.145 MHz, 27.195 MHz, 40.665 MHz, 40.675 MHz, 40.685 MHz u 40.695 MHz, qawwa sa 100 milliwatt *e.r.p.*, 10 kHz *channel spacing* ..... ebda ħlas

38. Apparat *short range* li jintuża biex jikkontrolla l-moviment tal-mudell li jtir, li joperaw fuq il-frekwenzi 34.995 - 35.225 MHz, qawwa sa' 100 milliwatt *e.r.p.*, 10 kHz *channel spacing* ..... ebda ħlas

39. Apparat *short range* li jintuża għall-applikazzjonijiet ta' *audio* mingħajr fili, li jopera fil-bandi:

(*a*) 863.0 - 865 MHz, qawwa sa' 10 milliwatt *e.r.p.* ..... ebda ħlas

(*b*) 864.8 - 865.0 MHz, qawwa sa' 10 milliwatt *e.r.p.*, 50 kHz *channel spacing* ..... ebda ħlas

40. Apparat *short range* li jintuża għal impjanti mediċi, li jopera fil-banda 402 - 405 MHz, qawwa sa' 25 mikrowatt *e.r.p.*, 25 kHz *channel spacing* ..... ebda ħlas

41. Apparat *short range* li jintuża għall-*Road Transport and Traffic Telematics (RTTT)*, li jopera fil-banda 5795 - 5805 MHz, qawwa sa' 2 Watt *e.i.r.p.* ..... ebda ħlas

III. Kopja duplikata ta' liċenza:

1. Kull kopja ta' liċenza fit-Taqsima II ta' qabel 23

IV. Spezzjoni biex tinħareġ liċenza għal:

1. Stazzjon Terrestri Aeronawtiku 46.50

2. *Fixed Radio Relay Link* għal kull terminal 69.80

3. Servizz ta' Xandir (Anċillari):

(*a*) Is-smiegħ -

(i) *Link* bejn Studjo u Trasmettitur	69.80
(ii) *Outside Broadcasting Unit*	69.80
(iii) Ripetitur	69.80
(*b*) Viżjoni -	
(i) *Link* bejn Studjo u Transmitter	69.80
(ii) *Outside Broadcasting Unit*	69.80
(iii) Ripetitur	69.80
(*ċ*) *Telemetry*	69.80
4. Stazzjon Marittimu:	
(*a*) Apparat ta' radjokomunikazzjoni fuq bastiment -	
(i) L-istallazzjoni ta' GMDSS	174.70
(ii) L-istallazzjoni tar-Radjutelegrafija	116.40
(iii) L-istallazzjoni tar-Radjutelefonija	69.80
(*b*) Stazzjon fejn jiġi kalibrat apparat li jsib id-direzzjoni	46.50
(*ċ*) Radju Privat Mobbli -	
(i) Ripetitur	46.50
(ii) Baži	46.50
(iii) Mobbli	46.50
(iv) *Handportable*	46.50
5. Prova u Żvilupp, għal kull ispezzjon	46.50
6. Stazzjon Terrestri tas-Satellita, għal kull terminal	69.80
7. Dimostrazzjoni ta' apparat tar-radjokomunikazzjoni	23.20
V. Drittijiet għat-Trasport	
Kull meta jkollha ssir ispezzjoni barra mill-uffiċċju tad-Direttur tar-Radjokomunikazzjoni, għandhom jitħallsu, b'żieda mad-drittijiet imsemmija qabel, drittijiet għat-trasport bir-rati applikabbli għat-trasport bit-*taxi* lejn u mill-imsemmi uffiċċju lejn il-lok fejn ikollha ssir l-ispezzjoni.	
VI. Spejjeż u Drittijiet oħra għal:	
1. Servizzi oħra li m'humiex xort'oħra koperti bid-drittijiet imsemmija qabel, bħal ma huma provi, ispezzjonijiet għall-istallazzjonijiet ta' radjokomunikazzjoni għal skopijiet kummerċjali u xort'oħra sakemm idumu jingħataw dawk is-servizzi, għal kull siegħa jew parti minnha	11.60
2. Biex jinħażen apparat għar-radjokomunikazzjoni, għal kul 0.05 metru kubu jew parti minnu, kull ġimgħatejn jew parti minnhom	11.60
3. Eżenzjoni milli tinġarr istallazzjoni tar-Radju-telegrafija u/jew Fizzjal tar-Radju, għal kull eżenzjoni	230

MINISTERU GĦAS-SERVIZZI EKONOMIĊI

Għal kopji ta' dokumenti:	
(*a*) fil-każ ta' dokumenti ordinarji, għal kull 100 kelma jew parti minn 100 kelma	0.17
(*b*) fil-każ ta' kontijiet imniżżlin f'reġistru jew ta' kontijiet oħra, għal kull faċċata jew parti minn faċċata	0.29
Drittijiet ta' l-Awtur	
Għall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' avviż skond ir-regolament 2(*b*) tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Reġistrazzjonijiet ta' Smigħ), dritt fiss ta'	0.93

MINISTERU TA' L-INTERN

Puliżija	
Ċertifikati tal-Kondotta	
Għal kull ċertifikat tal-kondotta maħruġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77)	0.58
Kopji ta' sketches *u rapporti*	

1. Għal kopja awtentikata ta' rapport ta' inċident tat-traffiku u/jew ta' *sketch* ta' kolliżjoni	6.99
2. Għal kopja awtentikata ta' rapport dwar serq minn xi fond jew minn vetturi bil-mutur, jew dwar ħsara jew telf ta' proprjetà	6.99
Iżda, kull meta ssir talba għal kopja ta' rapport li jkun is-suġġett ta' inkjesta minn Maġistrat skond xi disposizzjoni tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9), il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jiċħad dak is-servizz.	
Reġistru Pubbliku	
Għal ċertifikat li jkun fih traduzzjoni ta' reġistrazzjoni jew traduzzjoni ta' estratt minn reġistrazzjoni ta' att ta' l-istat ċivili	0.14
Reġistru taż-Żwieġ	
Meta jingħata avviż ta' żwieġ li ser isir	1.16
Meta jingħata avviż ta' *caveat*	2.33
Kummissjoni dwar il-Ħsarat tal-Gwerra	
Estratti jew kopji minn dokumenti tal-Kummissjoni dwar il-Ħsarat tal-Gwerra, għal kull 100 kelma jew inqas	0.35

MINISTERU TA' L-AGRIKOLTURA U SAJD

Gwardji Sanitarji	
Gwardji Sanitarji li jkunu għassa ma' klieb taħt osservazzjoni, għal kull ġurnata ta' 12 il-siegħa jew parti minn ġurnata	0.26
Gwardji Sanitarji li jkunu għassa ma' l-ifrat, kull ġurnata	0.41
Kwarantina	
Bovini, żwiemel, bgħula u ħmir, fil-kwarantina, kull wieħed, għal kull ġurnata, inkluż il-konsum ta' l-ilma	0.01
Bovini, żwiemel, bgħula u ħmir, fil-kwarantina, kull wieħed, għal kull ġurnata, jekk jinżammu wara li jispiċċa l-perijodu ta' kwarantina, inkluż il-konsum ta' l-ilma	0.03
Nagħaġ, mogħoż, majjali, klieb u annimali oħra żgħar, fil-kwarantina, kull wieħed, għal kull ġurnata, inkluż il-konsum ta' l-ilma	0.01
Nagħaġ, mogħoż, majjali, klieb u annimali oħra żgħar, fil-kwarantina, kull wieħed, għal kull ġurnata, jekk jinżammu wara li jispiċċa l-perijodu ta' kwarantina, inkluż il-konsum ta' l-ilma	0.03
Disinfeżżjoni ta' annimali	
Bovini, nagħaġ u mogħoż, kull wieħed	0.01
Żwiemel, bgħula u ħmir	0.03
Test tat-Tuberculin	
Meta jsir kontroll (*test*) ta' l-ifrat għat-Tuberculin	0.29
Inseminazzjoni artifiċjali	
Għal kull inseminazzjoni artifiċjali ta' annimali	3.49
Inbid	
Għal kull liċenża jew permess maħruġin skond ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' l-Inbid	0.12
Għal kull eżami ta' nbid li jispeċifika l-forza ta' l-alkohol, l-aċidità (totali u volatili) u l-estratt niexef tiegħu	2.33
Pestiċidi	
Għar-reġistrazzjoni ta' kull marka ta' pestiċidi skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Importazzjoni, bejgħ u użu ta' pestiċidi	3.49
Imħażen tas-silġ fl-ajruport ta' Ħal Luqa	
Biex jinħażnu oġġetti:	
(i) sa 6 sigħat - ebda ħlas	
(ii) għal aktar minn 6 sigħat iżda mhux aktar minn 24 siegħa, għal kull 100 kilo jew parti minnhom	0.58
(iii) għal aktar minn 24 siegħa iżda mhux aktar minn 9 ijiem, għal kull 100 kilo jew parti minnhom	2.33
Ebda oġġett ma jista' jibqa' maħżun f'dawk il-kmamar għal żmien ta' aktar minn 9 ijiem.	

Sajd

Liċenza għal dgħajsa tas-sajd	0.12
Liċenza biex jintuża post għas-sajd	0.12
Liċenza biex jitqiegħed irmiġġ	2.33
Liċenza ta' pitkal għall-bejgħ tal-ħut	0.12
Liċenza ta' reffiegħ tal-ħut u tiġdid ta' l-istess liċenza	0.29

Koperativi

Għall-pubblikazzjoni ta' avviżi ta' tibdil fir-regoli reġistrati ta' kooperativi fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 9(2) ta' l-Att dwar l-Għaqdiet Koperativi (Kap. 278):	
għal 45 linja	0.95
għal kull linja addizzjonali	0.02
Id-dritt li jitħallas taħt l-ewwel tliet paragrafi tal-artikolu 34 ta' l-Iskeda li hemm ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Kap 55) għandu jgħodd għall-ħruġ ta' kopja ċċertifikata tal-bidla fir-regoli mir-Reġistratur ta' l-Għaqdiet Koperativi skond l-artikolu 9(4) ta' l-Att dwar l-Għaqdiet Koperativi (Kap. 278).	

Ċertifikati

Ċertifikati mixxellanji	0.29
